# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

April 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 927



# L-Irxoxt fix-Xewkija

*Il-Beatu Ġdid*

# ĠWANNI PAWLU II

*jistaqsina:*



*"Fl-imgħoddi l-ħajja tal-familja b'saħħitha ta' Malta pprovdiet bażi soda għall-istabilità u l-iżvilupp armonjuż tas-soċjetà. Fiż-żmien ta' llum, jistgħu l-familji ta' Malta u Għawdex jibqgħu jilqgħu din l-isfida urġenti?"*

*f'Ta' Pinu, 26 ta' Mejju 1990*

**Il-konvinzjoni Nisranija hija waħda ċara u soda, bla ambigwità u bla kompromessi:**

# "LE" GĦAD-DIVORZJU

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 927***
***April 2011***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:*** **gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 15
Mill-Parlament • 16
Kotba minn Għawdex • 17
Kummentarju (2) • 18
Kummentarju (3) • 20
Ftit Fatti u Kummenti • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Esperjenzi • 28
Għext fil-Mandraġġ (7) • 29
Snajja Qodma (39) • 30
Rapport • 32
Intervista • 35
Passiġġata Biblika (63) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (34) • 40
Għawdex 300 sena ilu (192) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (28) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (27) • 44
Apprezzament (1) • 46
Apprezzament (2) • 47
Apprezzament (3) • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Qaddisin u Festi f'Għawdex (4) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Richard Grech, Ted Attard, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *L-Istatwa ġdida ta' Kristu Rxoxt fix-Xewkija, xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi.*





# *Liema Valuri Ewropej?*

***Esponenti tal-front favur id-divorzju qegħdin jiftaħru li jekk tgħaddi l-proposta fir-referendum inkunu issa tabilħaqq dħalna fl-Ewropa. Kliem bħal dan huwa att ta' tnissija tal-istorja u l-kultura li jagħġnuna.***

*Barra minn hekk dawn l-esponenti favur id-divorzju jfaħħru u jeżaltaw il-valuri tal-UE. Hu veru li fl-UE hemm livell għoli ta' ċiviltà u demokrazija li trawwimna fihom matul sekli ta' Kristjaneżmu. Iżda issa, fi żminijietna dawn il-valuri qegħdin, f'ħafna każi, jkunu misjuqa minn politika mingħajr Alla.*

*L-UE hi maħkuma minn dak l-ispirtu li l-istudjuż tal-liġi internazzjonali u Lhudi prattikanti, J.H.H.Weiler, isejjaħ "Kristofobija" li tiddarras u tħossha skomda għal kulma hu ta' Kristu. Saħansitra lesta twarrab, tinsa u tnissi, jekk mhux ukoll tiċħad, is-sehem li l-Kristjaneżmu ta fil-ħsieb u l-kultura Ewropea matul żewġ millennji ta' storja. Sabiex jagħtu bixra u interpretazzjoni sekularizzata lill-istorja tal-Ewropa, l-politiċi Ewropej lanqas biss għandhom kuraġġ jagħmlu riferenza għal dan fid-dokumenti bażi tal-UE. U min fil-fora Ewropej ikollu l-ħila jitkellem favur il-valuri Kristjani, malajr jiġi mlaqqam "fundamentalista", "ultra-konservattiv", insomma mwaqqa' għaċ-ċajt bħala xi ħadd rasu marbuta u antikwat.*

*Fil-5 ta' Diċembru 2007, Mark Pritchard, rappreżentant ta'* The Wreken, *qajjem dibattitu fil-*House of Commons *dwar ir-raġunijiet għaliex is-sentiment anti-Kristjan kien qiegħed dejjem jiżdied u mhux jonqos. Hu staqsa għaliex ħafna nsara qegħdin iħossu li leħinhom fil-pubbliku muhiex jingħata widen; ...għaliex l-istorja, il-wirt u t-tradizzjonijiet Kristjani qegħdin kulma jmur ikunu dejjem iżjed mogħtija l-ġenb fl-aġenziji u dipartimenti tal-Gvern u tal-awtoritajiet lokali...*

***L-Ewropa għandha kriżi tal-valuri – dawk l-aktar intimament marbutin mar-relazzjonijiet familjari. Din il-kriżi jkomplu jikxfuha l-attitudnijiet ġodda tal-Ewropej lejn il-mewt u t-twelid. George Weigel, fil-ktieb tiegħu*** **The Cube and the Cathedral,** ***josserva u jistaqsi: 'Għaliex, per eżempju, fil-*****heat wave** ***tal-2003 ħafna Franċiżi ħallew mingħajr difna lil qrabathom anzjani li mietu meta huma kienu jgawdu l-btala tas-sajf? Għaliex fil-Ġermanja, il-mewt qegħda dejjem iżjed issir anonima – mingħajr obitwarji fil-ġurnali u mingħajr servizz jew ċerimonja funebri? Għaliex id-ditta Svediża*** **Promessa** ***tirriklama li, minflok il-kremazzjoni, qiegħda toffri kompost uman biex jintuża bħala fertilizzant?***

*Imbagħad għaliex tmintax-il pajjiż Ewropew jirreġistraw fil-popolazzjoni "żieda naturali negattiva" – ikollhom, jiġifieri, aktar fis-sena ċittadini li jmutu milli li jitwieldu?' U aħna wkoll, bħala ċittadini Ewropej, jeħtieġ nistaqsu : 'Għaliex dan il-kontinent tagħna, għani u b'ċittadini f'saħħithom aktar minn qatt qabel, qiegħed jiċħad li jiżgura ġejjieni uman għall-ġenerazzjoni li jmiss? X'inhu li qed iqarreb lill-Ewropa lejn ix-xifer tas-suwiċidju demografiku?'*

***Jista' jkun li t-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet tinsab fil-mentalità ta' individwaliżmu sfrenat li jfittex biss il-kumdità personali u li l-Ewropej inħakmu minnha. Id-divorzju wkoll jimraħ u jitkattar fil-ħamrija ta' din il-mentalità u jikkultiva lis-soċjetà, biex, aktar minn qatt qabel, issir waħda adultera. Il-pajjiżi Ewropej, li l-front favur id-divorzju jfaħħar u jridna nixximjaw, darba daħħlu d-divorzju "responsabbli" u llum għandhom liġijiet biex jagħtu liż-żwieġ u l-familja definizzjonijiet ġodda.***


**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



*miġbura minn Gabriel Gauci*




***Id-djoċesi ta' Għawdex tifraħ mal-Isqof Bonello***

L-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Marzu kien wieħed speċjali għad-djoċesi ta' Għawdex, hekk kif Mons. Isqof Joe Bonello, Franġiskan mix-Xagħra li fix-xahar ta' Frar ġie ordnat Isqof Awżiljarju tad-djoċesi ta' Juticalpa, reġa' lura fil-gżira f'Għawdex fejn ingħatatlu merħba uffiċjali mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili. Il-jum ewlieni ta' din iż-żjara kien is-Sibt 5 ta' Frar. Għall-ħabta tat-8am, Mons. Bonello għamel l-ewwel waqfa tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex fejn is-seminaristi laqgħuh fil-kappella għal mument żgħir ta' talb, u wara ltaqa' magħhom fejn tkellem dwar l-esperjenza vokazzjonali u missjunarja tiegħu. Wara s-Seminarju huwa ltaqa' mal-kleru djoċesan ġewwa ċ-Ċentru Pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb ġewwa taċ-Ċawla. Hemmhekk l-ewwel mexxa t-talba tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, imbagħad mexxa riflessjoni għas-saċerdoti bi tħejjija għaż-żmien tar-Randan. Dan il-mument ingħalaq b'ikla fraterna flimkien fl-istess ċentru. Filgħaxija, Mons. Bonello kien milqugħ fil-Katidral fejn mexxa quddiesa Pontifikali b'radd il-ħajr lil Alla għad-don tal-episkopat. Kienu preżenti Mons. Isqof Mario Grech u n-Nunzju Appostoliku għal Malta Mons. Tommaso Caputo, Patri Sandro Overand OFM, Provinċjal tal-Franġiskani Minuri, u numru kbir ta' saċerdoti Għawdxin. Fl-omelija li għamel, Mons. Bonello, stqarr ma' kulħadd li qatt ma kien jistenna x'lesta għalih il-Mulej, u talab lill-ġemgħa miġbura sabiex twieżnu bit-talb tagħha. L-għada l-Ħadd



mexxa quddiesa pontifikali oħra ġewwa x-Xagħra, raħal twelidu, filwaqt li xi jiem qabel kien mexxa quddiesa oħra fil-knisja tan-Nazzarenu, il-komunità li fiha trabba'. It-Tnejn 7 ta' Marzu mexxa quddiesa oħra ġewwa l-knisja ta' Sant'Antnin f'Għajnsielem fejn hemm miġbura l-komunità tal-Patrijiet Franġiskani Minuri.

***Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan***

Id-Djoċesi t'Għawdex nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu, organizzat l-ewwel pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan, bit tema "Alla kien li ħabbeb il ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5,19).

Il-Mixja Penitenzjali bil-kant tal-litanija tal-Qaddisin u kant ieħor marbut mar-Randan, b'fuq quddiem mill-kappillan Fr Brian Mejlak flimkien mal-familja Charlie u Joyce Hili u uliedhom Cristiano, Katrina u Giuseppe akkumpanjata minn Saċerdoti, Reliġjużi, abbatini, minn Mons. Isqof Mario Grech u pubbliku, telqet minn Pjazza Salvatore Busuttil għall-knisja parrokkjali ta' Kerċem.

Mal-wasla fil-knisja ta' San Girgor ingħad it-talb tas-salmi u saret ċelebrazzjoni penitenzjali, waqt li Gordon Formosa qara lezzjoni qasira (Gak 5,7-20). Imbagħad Mons. Isqof Grech għamel ukoll kelmtejn tal-okkażjoni fejn tkellem dwar id-dnub u d-doveri tan-nisrani li jħares il-kmandamenti. Mons. Isqof qal illi Kristu jgħallem li min irid jidħol fil-ħajja ta' dejjem, għandu jħares il-kmandamenti, fosthom dawk li jipprojbixxu l-gidba u



*Mons. Isqof Mario Grech jagħti bidu għall-Pellegrinaġġ Penitenzjali minn Pjazza Salvatore Busuttil, Kerċem*

l-adulterju.

F'għajnejn Alla l-adulterju jibqa' dnub, anke jekk dan ikun protett mil-liġi tal-bnedmin.

Alla jirrispetta r-rieda ħielsa tal-bniedem u tibqa' responsabbiltà tal-bniedem jekk jagħżilx it-triq ta' Alla jew it-triq kif jifhimha hu li tbiegħdu mit-triq ta' Alla. Alla mhux biss jagħti din ir-responsabbiltà lill-bniedem, iżda jistaqsih għaliex ma jkunx wettaq il-pjan tiegħu.

Dan japplika wkoll meta nitkellmu dwar l-istabbiltà taż-żwieġ. In-Nisrani jrid jagħti tweġiba u kont lil Alla jekk ikunx mexa fuq il-pjan tiegħu fil-ħolqien għal għaqda sħiħa bejn raġel u mara li jsiru "ġisem wieħed", jew jekk ikunx favur it-tkissir ta' din l-għaqda permezz tad-divorzju.

Il-possibbiltà li l-bniedem jidneb, timbuttah biex jikber fil-virtù tad-dixxerniment billi qabel jieħu xi deċiżjoni huwa jiżen, iqis u jgħarbel sewwa t-tajjeb mill-ħażin. Din ir-responsabbiltà ma nistgħu niddelegawha lil ħadd, imma kull wieħed irid jerfagħha hu personalment. Kull bniedem irid iwieġeb quddiem Alla għal għemilu.

Għall-bniedem li jidneb Kristu tana s-sagrament tal-Penitenza, li barra li huwa forġa li taħraq id-dnub, huwa okkażjoni ta' "evanġelizzazzjoni personalizzata" u strument tal-grazzja li tgħin lill-bniedem jagħmel it-tajjeb.

Anke jekk ir-roqgħa tal-ħażen tinfirex, in-Nisrani xorta qatt ma għandu jaqta' qalbu għaliex hija possibbli l-"mistika tad-dnub", fis-sens li meta l-ħajja tal-midinbin tkun tant ħżienet illi tmiss il-qiegħ, huma jindunaw bil-vojt u jibdew ifittxu t-tajjeb, il-veru u l-ġmiel li hemm f'Alla.

Imbagad sar il-qrar individwali, ingħadu xi salmi u sar il-kant. Wara sar it-tqarbin. U fl-aħħar parti, qabel il-barka tal-aħħar, Mons. Isqof ta l-mandat lill-presbiteri li matul dan ir-Randan ser iwasslu l-Kelma t'Alla lill-poplu Nisrani fl-eżerċizzi.

### *Is-Segreterija Pastorali tniedi s-sussidju għar-Randan*



Wara li s-sussidju teoloġiku, pastorali, liturġiku, u kateketiku li kien ħareġ għall-Avvent intlaqa' tajjeb ħafna mill-operaturi pastorali, is-Segreterija Pastorali fi ħdan il-Kurja t'Għawdex ippubblikat sussidju ieħor bl-għan li jkun ta' gwida għall-mixja pastorali fid-djoċesi tul iż-żmien tar-Randan. Is-sussidju, bit-titlu "Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu... u fdlana l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5,19), idur mas-sagrament tal-penitenza li qed tirrifletti dwaru d-djoċesi tagħna tul din is-sena pastorali. Is-sussidju hu maqsum fi tlett taqsimiet: l-ewwel taqsima b'żewġ riflessjonijiet bibliċi minn Mons. Anton Mizzi u Mons. Lawrenz Sciberras; it-tieni taqsima bi proposti għall-priedki u eżerċizzi; u t-tielet taqsima b'għajnuniet għall-laqgħat tat-talb u tal-katekiżmu. Dan is-sussidju jista' jitniżżel minn fuq is-sit tad-djoċesi: www.gozodiocese.org

### *L-Acies tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex*

Nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu, il-membri tal-Leġjun ta' Marija t'Għawdex ġeddu l-wegħda leġjunarja tagħhom waqt quddiesa fil-knisja parrokjali tax-Xewkija. Din issir kull sena fl-eqreb Ħadd lejn is-sollennità tat-Tħabbira tal-Mulej, il-Lunzjata. Din il-quddiesa ġiet immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech u wara l-omelija, l-Leġjunarji kollha ġeddu l-wegħda tagħhom bil-kliem: "Jien kollni tiegħek sultana u omm tiegħi, u kulma għandi huwa tiegħek." Dan filwaqt li jżommu jdejhom mal-*Vexillum*, is-simbolu tal-Leġjun. Mons. Isqof Grech wassal messaġġ li jidher fil-paġna li jmiss.





## *Inħejju Ruħna għall-BEATIFIKAZZJONI TAL-PAPA MAĦBUB MINN KULĦADD!*

Fl-Ewwel Ħadd ta' Mejju ser issir f'Ruma l-Beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Għal din l-okkażjoni l-**Lumen Christi Publications** għadha kemm ħarġet ktieb tassew sabiħ dwar il-ħajja qaddisa ta' dan il-Papa Kbir u ġabra ta' Pariri Spiritwali tiegħu fuq suġġetti differenti. €3 biss. Dan il-ktieb, kif ukoll santi ġodda tal-wegħdi, santi kbar jew postards bil-kulur, u diversi kotba oħra tal-Papa Ġwanni Pawlu II jinkisbu mil-

**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**
**Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex.**

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# *"Kuxjenza Retta"*



***Messaġġ ta' Mons Isqof Mario Grech waqt ċelebrazzjoni tat-Tiġdid tal-Wegħda Leġjunarja (Acies) fil-Parroċċa tax-Xewkija – Il-Ħadd 27 ta' Marzu 2011***

### *Il-kuxjenza u l-ordni morali oġġettiv*

Kull abbuż mill-kuxjenza tal-bniedem huwa delitt faħxi kontra l-bniedem u kontra Alla. Min jifga l-kuxjenza jkun qed jifga lill-bniedem! Kliem li minflok ma jdawwal u jiggwida għall-formazzjoni retta tal-kuxjenza, jifforma ħażin, jiżgwida, jew jagħmi l-kuxjenzi, huwa kliem abbużiv u jista' jagħmel ħsara li l-konsegwenzi tagħha huma rreparabbli sew fuq livell personali kif ukoll soċjali.

**Il-kuxjenza hija s-santwarju intimu fejn il-bniedem isib ruħu waħdu ma' Alla, u hemm jagħraf liġi li ma għamilhiex hu, u li lilha jrid jobdi. Din il-liġi ssejjaħlu għall-imħabba, u biex jagħmel it-tajjeb u jaħrab il-ħażin. Fir-realtà Alla hu l-awtur ta' din il-liġi miktuba fil-qalb ta' kull bniedem.** L-ordni morali oġġettiv, li fil-kas tal-Insara jingħaraf permezz tar-raġuni u tar-Rivelazzjoni, hu l-gwida li jwassalhom għall-ġudizzju prattiku tal-kuxjenza propja dwar it-tjubija tal-azzjonijiet tagħhom. Infatti, l-kuxjenza, meta ffurmata b'mod rett, turi lin-Nisrani dak li għandu jsir skont ir-rieda ta' Alla fil-mument tad-deċiżjoni dwar għemil partikolari. **Billi r-rieda ta' Alla tingħaraf b'mod eminenti fit-tagħlim ta' Ġesù Kristu u fil-Maġisteru tal-Knisja, il-kuxjenza retta, vera u sinċiera ssir realment il-vuċi ta' Alla, ta' Kristu u tal-Knisja fl-intern tal-bniedem stess.**



Għaldaqstant, il-bniedem fil-formazzjoni tal-kuxjenza tiegħu mhux awtonomu, iżda suġġett għar-rieda t'Alla. Dan ifisser li **l-formazzjoni awtentika tal-kuxjenza titlob li din tkun taqbel mar-rieda divina kif insibuha fit-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja.** Mhix il-kuxjenza li toħloq jew tiddetermina t-tajjeb jew il-ħażin. It-tajjeb u l-ħażin jeżistu 'l barra mill-kuxjenza. Permezz tal-kuxjenza l-bniedem jagħraf x'inhu s-sewwa oġġettiv u jikkonforma ruħu miegħu, sabiex ikun jista' jindirizza b'mod ġust u li jixraq lill-bniedem il-problemi morali li jinbtu fil-ħajja individwali u soċjali.

**Il-kuxjenza tissejjaħ "ħielsa" jew "libera" aktar ma l-ġudizzju tagħha jkun jaqbel mal-verità oġġettiva, u aktar ma l-ġudizzju tagħha jkun ħieles mill-ingann u l-iżbalji. Iktar ma l-kuxjenza tinqata' mill-verità oġġettiva, iktar il-ġudizzju tagħha jkun żbaljat, u jwassal għat-tisdiq u t-tisħiħ ta' strutturi tal-ingann. Hi l-konformità mal-verità oġġettiva li twassal għall-veru ħelsien fl-azzjoni tal-bniedem, u għat-twettieq tal-proċess ta' ħelsien.** Huwa propju minn din ir-"rettitudni" tal-kuxjenza personali li joħroġ ir-rifjut ta' kull ġudizzju arbitrarju tal-individwu, jew tal-grupp jew ta' gruppi, jew tax-xejriet kulturali dominanti fis-soċjetà. Tassew, "il-verità teħliskom" (Ġw 8,32).

### *In-Nisrani u l-kuxjenza personali*

Dan l-aħħar aħna l-isqfijiet f'Nota Dutrinali u Pastorali dwar iż-żwieġ u l-familja għidna li n-Nisrani li jrid jagħmel ġudizzju rett tal-kuxjenza għandu jimxi skont il-Kelma t'Alla fid-dawl tal-Maġisteru tal-Knisja. **Meta l-ġudizzju tan-Nisrani ma jkunx jaqbel mat-tagħlim ta' Kristu kif twassalhulna l-Knisja, n-Nisrani ma jkunx ħieles mill-ħtija jekk ma jġibx il-ġudizzju tiegħu jaqbel ma' dak it-tagħlim**, għax meta konxjament u liberament jikser il-liġi morali, jkun qed jikser ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Meta n-Nisrani jiġi biex jifforma ġudizzju rett tal-kuxjenza dwar iż-żwieġ u ta' dak kollu li għandu x'jaqsam miegħu, għandu bħala gwida l-Kmandamenti t'Alla u l-kliem ċar u espliċitu ta' Kristu, bħala l-Medjatur, ir-Rivelatur u l-Interpretu Suprem tar-rieda tal-Missier, li jasserixxi li kemm xi miżura legali li tkisser żwieġ dejjiemi, bħalma huwa d- divorzju, kif ukoll l-adulterju, huma intrinsikament ħżiena għax direttament opposti għar-rieda kreattiva tal-Missier.** Għalhekk il-kuxjenza Nisranija retta, vera u sinċiera qatt u fl-ebda ċirkostanza ma tista' tagħmel kompromess dwarhom.

F'materja delikata bħal din, **l-awtorità li għandha tiggwida l-kuxjenza ta' min jemmen mhijiex ġejja mill-opinjonijiet ta' xi teoloġi jew minn xi kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjoloġika u ekonomika, imma mill-Maġisteru tal-Knisja, jiġifieri t-tagħlim tal-Papa u tal-Isqfijiet marbutin miegħu. Din l-awtorità tal-Maġisteru tal-Knisja hija mifhuma bħala servizz indispensabbli għall-formazzjoni ta' ġudizzju rett, veru u sinċier tal-kuxjenza personali.**

*Kummentarju (1)*

# *Vot għad-Divorzju u r-Responsabbiltà tal-Votant*



*kitba ta'* MONS. ANTON GAUCI

**B'malizzja enormi hemm min qed jgħid lill-poplu: "Int ivvota għad-divorzju, mbagħad mur qerr u jinħafirlek." Dawn li qegħdin jitkellmu b'dan il-mod mhumiex jagħmlu ħaġa oħra ħlief il-parti tax-xitan. Għaliex qed ngħid hekk? L-ewwelnett huma stess qegħdin jammettu li huwa dnub li tivvota favur id-divorzju. U li hu dnub mejjet, peress li jeħtieġ is-Sagrament tal-Qrar għall-maħfra tiegħu. It-tieni mhumiex qegħdin jirriflettu fuq il-kobor tal-ħażen ta' dan id-dnub. Qegħdin jgħidu : "Ħalli jkollna liġi favur id-divorzju, ma jimpurtax għax toffendi lil Alla!" Mhumiex qegħdin iġibu quddiem għajnejhom dak li Qaddisin u Teoloġi jgħallmu meta jgħidu li "lanqas biex issalva d-dinja minn qerda sħiħa, ma tista' tagħmel dnub mejjet." U mhumiex jirriflettu fuq dik li hi responsabbiltà.**

*Il-Qrar*

Qegħdin imorru kontra s-serjetà tas-Sagrament tal-Qrar. Jgħidulek : "Int idneb, għax imbagħad hemm il-Qrar li jaħfirlek." Jiġifieri qegħdin jużaw is-Sagrament tal-Qrar bħala għodda biex iħajruk tidneb. Ħaġa li mhix ħlief vera malizzja u ħidma tax-xitan!

**Mhumiex jirriflettu li s-Sagrament tal-Qrar jitlob vera ndiema, għax inkella ma jħalli ebda frott. U li vera ndiema ma jkunx hemm meta tippjana minn qabel din ix-xorta ta' mġiba li ma hi xejn denja tal-qdusija tal-Qrar. Sidna Ġesù Kristu ma waqqafx dan is-sagrament biex nużawh b'dan il-mod djaboliku ppjanat minn qabel u li juri li wieħed ma jimpurtah xejn mill-gravità tal-offiża lil Alla. Kif tista' timmaġina li jkun hemm vera ndiema meta nippjanaw li nużaw is-Sagrament tal-Qrar b'dawn is-sentimenti?**

Qegħdin nuru li tant tbegħedna minn Alla u nkasbru s-Sagramenti li lanqas biss jistħoqqilna li nissejħu Nsara. Kif tista' tissejjaħ veru Nisrani meta tuża s-Sagrament tal-Qrar biex tħajjar lill-poplu joffendi lil Alla b'dan il-mod? U qegħdin nagħmlu dan meta aħna stess qegħdin nammettu l-gravità tad-dnub.



*Ir-responsabbiltà*

**M'aħniex nirriflettu li r-responsabbiltà tal-għemil tagħna ma tispiċċax meta nkunu qerrejna. Tibqa' hemm, anki jekk id-dnub tassew jinħafer permezz tal-Qrar. Il-fatt li bil-vot tiegħek tkun għent sabiex tgħaddi liġi favur id-divorzju, jagħtik ċerta responsabbiltà f'kull dnub tad-divorzju li jitwettaq tul iż-żmien minħabba l-eżistenza ta' dik il-liġi. Is-sagrament tal-Qrar bl-ebda mod ma jgħin sabiex din ir-responsabbiltà titneħħa.**

Din hi ħaġa li tkexkex. Għaliex? Nimmaġinaw wieħed fuq is-sodda tal-mewt. Wasal biex iħalli d-dinja, lil niesu u kobor u unuri u flejjes biex jidher quddiem Alla ħalli jagħti kont ta' ħajtu. Nimmaġinaw li dak il-ħin iġib quddiem għajnejh din ir-responsabbiltà li jkun tgħabba biha, fil-każ tad-dnubiet kollha li jkunu saru b'divorzju meħudin bis-saħħa ta' dik il-liġi li huwa jkun ta l-għajnuna tiegħu biex tgħaddi! Daqshekk biss ngħid!

**Naħseb li aħna s-saċerdoti ma nagħmlux ħażin jekk niftħu għajnejn il-poplu tagħna dwar dawn ir-realtajiet! Anzi huwa dmir tagħna! Ma rridux nibżgħu nistqarru lil Alla u l-liġi tiegħu. Kien Kristu stess li qalilna li Huwa jistqarr li huwa magħna quddiem l-anġli ta' Alla biss jekk aħna ma niċħdux lilu quddiem l-istess anġli ta' Alla! (Lq. 12, 8-9).**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Tfakkar lill-Isqof Nikol Cauchi*



*Waqt is-serata mużiko-letterarja fil-knisja Bażilika ta' San Ġorġ*

Il-komunità ta' San Ġorġ nhar is-Sibt 12 ta' Marzu, fakkret lill-Isqof Nikol Cauchi b'serata mużiko-letterarja (u Quddiesa Sollenni l-għada l-Ħadd 13 ta' Marzu) fil-Bażilika ta' San Ġorġ, fil-preżenza ta' diversi mistednin distinti.

Wara kelmtejn ta' merħba mill-Arċipriet Mons Pawlu Cardona, il-Banda Filarmonika *La Stella* daqqet l-ewwel marċ tas-surmast il-Professur Joe Vella li dderiġiha. Antoine Vassallo ta ħarsa lejn il-ministeru episkopali ta' Mons. Cauchi u wara segwa l-Kor *Laudate Pueri*, mmexxi mill-Kanonku George Frendo, li kanta biċċa ta' Domenico Bartolucci. Wara li Marija Schembri qrat mill-ittra pastorali li l-Isqof kien ħareġ għaċ-ċentinarju Ġorġjan tal-2003, il-banda daqqet xogħol ta' Francis Thome. Joe Camilleri qara poeżija tal-Kanonku Joe Mejlak. Imbagħad il-kor kanta kompożizzjoni oħra ta' Profs. Vella. Ir-riċerkatur in-Nutar Paul George Pisani tkellem dwar ir-relazzjoni bejn l-Isqof Cauchi u l-parroċċa ta' San Ġorġ. Kien imiss lill-banda ssemma' għall-ewwel darba eleġija ta' Mario Galea u lil Paul Cassar jaqra' d-digriet tat-twaqqif tal-Kolleġġjata. Is-sagħtejn komplew għaddejjin b'biċċa ta' Lorenzo Perosi mill-kor u żewġ poeżiji moqrija mill-awturi stess, il-Kav. Joe M Attard u l-Arċipriet Dr Joe Zammit. Wara marċ ieħor tas-surmast Vella, l-Isqof Mario Grech ta' messaġġ. Il-kor ingħaqad mal-banda għall-aħħar biċċa mużikali tal-Profs Vella ukoll.



*Wirja konnessa mal-Isqof Nikol Cauchi.*

Fit-tmiem, infetħet Wirja, fil-kappella ta' Ġesù u Marija, b'oġġetti u dokumenti konnessi mal-fundatur u l-ewwel dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Bdew jitqassmu ukoll l-ewwel kopji ta' ktieb illustrat ta' 120 paġna mimli materjal tal-Isqof Cauchi u dwaru.

## *Ċelebrazzjoni ta' Jum l-Ilma*




*Wieħed mill-Grupp ta' Studenti bniet li ħadu sehem f'waħda mill-mixjiet, dik tat-Tlieta 22 ta' Marzu.*

Nhar it-Tlieta 22 u l-Ħamis 24 ta' Marzu, madwar 100 studenta mill-Kulleġġ ta' Għawdex Aguis de Soldanis fil-Belt Vittorja organizzaw żewġ mixjiet matul l-istess Belt Vittorja biex jitfakkar il-Jum Dinji tal-Ilma. Dawn l-attivitajiet ġew organizzati mill-kumitat EkoSkola fi ħdan l-istess kulleġġ. L-iskop ta' dawn il-mixjiet kien li titqajjem kuxjenza dwar il-problema ta' l-użu ħażin tal-ilma filwaqt li jinġabru donazzjonijiet mingħand il-pubbliku inġenerali bl-iskop li jingħataw għall-proġett li jkun intagħżel għall-istess skola mill-organizzaturi ta' dawn il-mixjiet msejħa '*Walking for Water*' ġewwa n-Netherlands mill-organizzazzjoni AKVO. Il-proġett magħżul għall-iskola t'Għawdex jismu AMREF *Water and Sanitation Mtwara, Tanzania* u l-iskop ta' dan il-proġett huwa li tiġi mtejba s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja

ta' nies li jgħixu fid-distrett ta' Mtwara ġewwa t-Tanzania permezz ta' iktar aċċess għall-ilma sostenibbli u sanità aħjar. Matul dawn il-mixjiet l-istudenti Għawdxin ġarrew magħhom fliexken taż-żewġ litri tal-ilma li ġew offruti mill-Arkadia Ltd bħala simbolu ta' rispett lejn dawk in-nisa u tfal li ta' kuljum jimxu kilometri sħaħ biex isibu ftit ilma. L-istudenti kellhom ukoll messaġġi bil-miktub dwar l-ilma. Huma ngħataw ukoll basktijiet bil-messaġġ *Walk for Water* mill-istess organizzaturi ta' dawn il-mixjiet f' Netherlands. Dawn il-mixjiet ilhom jiġu organizzati ġewwa n-Netherlands għal bosta snin però din hija l-ewwel sena li dawn il-mixjiet ġew organizzati internazzjonalment u l-iskola Għawdxija pparteċipat f'dawn il-mixjiet flimkien ma' skejjel oħra fl-Afrika ta' Isfel, Ingilterra u fl-Iskozja. L-istudenti Għawdxin ħejjew ruħhom tajjeb bi preparazzjoni għal dawn il-mixjiet billi għamlu riċerka dwar l-ilma u bosta problemi li l-bniedem qed jiffaċċja minħabba d-domanda dejjem tikber għall-ilma; fuq dawn l-istess mixjiet u l-għan tagħhom u anke fuq il-pajjiż tat-Tanzania nnifsu. Matul iż-żewġ mixjiet l-istudenti ltaqgħu wkoll ma' Kikku (l-maskott ta' Eko Gozo) u kull studenta ngħatat *key chain.* F'waħda mill-mixjiet, dik tal-Ħamis, l-istudenti kellhom l-opportunità wkoll li jiltaqgħu mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u mal-Kavallier Frank Gatt, *Principal* tal-istess Kulleġġ, fejn l-istudenti ġew mfaħħrin għall-inizjattiva li ħadu. Kien hemm ukoll rappreżentanza minn *Nature Trust.* L-fliexken tal-ilma li ntużaw waqt dawn l-attivitajiet ġew mogħtija lil Dar Ġużeppa Debono ġewwa Għajnsielem. Is-somma finali laħqet l-1004 euro u 24 ċenteżmu.

## *Ikellem lill-istudenti*



Nhar il-Ġimgħa 11ta' Marzu, Marco Cremona (inġinier u speċjalista fil-qasam tal-ilma) ta preżentazzjoni ferm interessanti u ta' ħsieb dwar l-ilma, lill-istudenti bniet fl-iskola tal-Kulleġġ t'Għawdex Aguis de Soldanis ġewwa l-Belt Vittorja. Madwar 100 studenta attendew din il-preżentazzjoni. Fl-aħħar tal-preżentazzjoni l-istudenti ngħataw l-opportunità li jistaqsu domandi relatati mas-suġġett lis-sur Cremona. Is-sur Cremona kien mistieden mill-Kumitat EkoSkola fi ħdan din l-iskola.

## *Inawgurazzjoni tad-Dipartiment tar-Radjoloġija*



*Waqt l-inawgurazzjoni ta' apparat diġitali modern fid-Dipartiment tar-Radjoloġija, fl-Isptar Ġenerali*

Id-Dipartiment tar-Radjoloġija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ser ikompli jsaħħaħ il-kwalità u n-numru tas-servizzi permezz ta' apparat diġitali modern li ġie nawgurat mill-Ministru Giovanna Debono, nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu.

Dak li qabel kien servizz tar-radjoloġija mogħti permezz ta' *X-ray screening machine* issa nbidel f'dipartiment li jinkludi ħames taqsimiet, li permezz tagħhom ġew imtejba konsiderevolment is-servizzi ta' qabel filwaqt li qed jintroduċi servizzi ġodda li jgħollu l-livelli tas-servizzi radjoloġiċi.

L-apparat jinkludi *Skeletal Digital X-ray unit, Digital Radiography/Fluoroscopy Unit, Ultrasound unitwith colour Doppler, Direct Digital Mammography Unit* u *Spiral CT Scan 64-slice.* Bis-saħħa taż-żewġ *units* ġodda qed jiġu ntrodotti għall-ewwel darba f'Għawdex is-servizzi tal-mammografija u dawk ta' *CT Scanning.* Pazjenti Għawdxin sa issa kien ikollhom imorru għal dawn it-testijiet fl-iSptar Mater Dei. Għalhekk minbarra li ser ikunu qegħdin inaqqsu l-inkonvenjent għall-pazjenti Għawdxin, dan ser jirriżulta wkoll fi tnaqqis ta' pressjoni fuq is-servizzi tal-isptar f'Malta. Il-*Mammography Unit* diġà bdiet tintuża biex nisa Għawdxin jipparteċipaw fin-*National Breast Screening Programme.* L-i*spiral CT Scanner 64 slice* tagħti immaġini tri-dimensjonali ferm dettaljati li jwasslu għal diversi riżultati permezz ta' test wieħed. Barraminhekk għandha wkoll faċilitajiet li jippermettu investigazzjonijiet oħra fosthom anġjografiji.

Il-Proġett kien jinkludi ristrutturar estensiv tal-post, b'investiment komplessiv ta' kważi €3.5 miljun ewro.

It-twaqqif tad-Dipartiment tar-Radjoloġija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex huwa parti minn proġett akbar li qed igawdi minn kofinanzjament ta' €3.2 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u jinkludi wkoll ir-ristrutturar tat-tieni sala tal-operazzjonijiet ġewwa dan l-isptar. €2.2 miljun minn dawn il-fondi ġew allokati

għax-xiri u l-installazzjoni ta' *lead shielding* u l-apparat diġitali ġdid. Għalhekk il-proġett kien jinħtieġ ukoll investiment ta' madwar €300,000 biex jiġi mwettaq xogħol strutturali, installazzjoni ta' servizzi ġodda u rfinar.

Il-Ministru Debono qalet illi kien sar investiment ta' madwar miljun ewro oħra biex inxtara apparat u ġew installati l-istess sistemi li hemm fl-iSptar Mater Dei (IHIS). B'hekk riżultati mid-Dipartiment tar-Radjoloġija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ikunu jistgħu jintbagħtu u jinqraw mill-iSptar Mater Dei fi ftit ħin. Dan jgħodd ukoll biex riżultati ta' testijiet li jsiru fl-iSptar Mater Dei jkunu aċċessibbli mill-isptar f'Għawdex, liema sptar issa ilu jopera għal aktar minn 35 sena. Barraminhekk investiment ieħor ta' nofs miljun ewro ser jippermetti li din il-proċedura tintuża wkoll mil-laboratorji fiż-żewġ sptarijiet.

## *Il-Parata ta' Jum il-Fundatur*



*Waqt il-Parata ta' Jum il-Fundatur*



*Dun Anton Refalo jiċċelebra l-quddiesa ta' Jum il-Fundatur*

Il-*Victoria Scout Group* flimkien max-*Xagħra Scout Group* iċċelebraw Jum il-Fundatur tagħhom, Lord Baden-Powell permezz ta' parata u quddiesa fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra. Għal din l-attività kienu preżenti membri tal-Kunsill, ġenituri u sapporters taż-żewġ gruppi. Fl-omelija, ċ-ċelebrant, Dun Anton Refalo qabbel il-Vanġelu tal-jum mal-valuri li jħaddan l-i*Scouting* li jħeġġeġ il-membri tiegħu biex jaħsbu għal ħaddieħor qabel għalihom infushom. Waqt il-quddiesa l-i*Scouts* ġeddew il-wegħda tagħhom. Wara l-quddiesa, saret iċ-ċerimonja ta' investizzjoni ta' *Scout* mill-*Group* tax-Xagħra u tliet *Cubs* mill-*Group* tal-Victoria.

## *Kors fl-Immaniġġjar tal-Ħin*




*Dawk li attendew għall-kors fl-immaniġġjar tal-ħin.*

Il-Moviment Azzjoni Soċjali (Għawdex) organizza Kors fl-Immaniġġjar tal-Ħin (*Time Management*) bejn 1-14 u t-28 ta' Frar. Il-kors kien maħsub għal dawk li għandhom diversi mpenji u jridu jsibu bilanċ bejn il-familja, il-ħtiġijiet personali, l-impjieg u l-inpenji l-oħra li jkollhom fuq l-aġenda ta' kuljum.

Il-Kors tmexxa fuq linji professjonali mis-Sur C.J. Falzon *senior lecturer* fl-Università ta' Malta. Barra l-espożizzjoni tal-kontentut, ingħataw diversi *handouts* fuq is-suġġett kif ukoll ġew studjati xi każi apposta biex it-teorija tkun imsaħħa mill-prattika.

Fl-aħħar tal-kors dawk li attendew ingħataw ċertifikat ta' attendenza kif ukoll imlew kwestjonarju bħala *feedback*. L-impressjoni ġenerali kienet li l-kors intogħġob, u kien ser ikun utli.

## *"Agnes of God"*



Il-*Gozo Creative Theatre Club* ippreżenta lill-pubbliku d-dramm traġiku ta' John Pielmeier, *Agnes of God*. Agnes, soru ta' wieħed u għoxrin sena ġiet akkużata li qatlet tarbija li hija kienet weldet f'kunvent imwarrab. Is-soru Agnes ma tiżboq minn fommha ebda ħjiel ta' informazzjoni tat-twelid jew il-mewt tat-tarbija. Hija ma tagħti ebda raġuni tal-preżenza tal-ġisem tat-tarbija f'kamritha sakemm hija ġiet ippnotizzata. Il-psikjatra, Dr. Martha Livingstone li ġiet assenjata għal kas tagħha ssib oppożizzjoni mill-Madre Superjura Miriam Ruth li kienet temmen ħafna fil-possibbilitajiet tal-mirakli, filwaqt li fl-istess ħin kienet tirrikonoxxi wkoll ir-realtajiet tad-dinja tal-lum. Agnes hija ruħ tajba u ttormentata.

It-trobbija tagħha affettwat l-abbiltà tagħha biex taħseb b'mod razzjonali. Id-dramm żvolġa billi t-tlitt nisa esploraw mistoqsijiet ta' fidi, memorja u tifsir ta' qdusija.

Din il-produzzjoni niżlet tajjeb ħafna ma' gruppi nisa Kattoliċi. Dan għaliex fiha wieħed isib eżaminazzjoni ta' suġġetti importanti morali u spiritwali li nisa Kattoliċi jridu jiffaċċjaw.

Il-kast kien ifformulat minn Mariella Cassar bħala l-psikjatra, Mariella Gannon bħala l-Madre Superjura, Miriam Ruth u Julia Camilleri bħala Agnes. Id-disinjatur tal-produzzjoni kien Pawlu Stellini u d-direzzjoni artistika kienet f'idejn George Mizzi, d-direttur tal-*Gozo Creative Theatre Club.*

Il-*Gozo Creative Theatre Club* huwa grupp stabbilit ta' atturi li huwa magħruf għall-innovazzjoni, drama b'differenza u produzzjonijiet teatrali kreattivi.

## *Quiz fil-Fontana*

Nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu, l-Parroċċa tal-Fontana organizzat *quiz* divertenti lit-tfal tal-parroċċa bħala parti mill-festi ċentinarji li qed tfakkar. Kważi erbgħin tifel u tifla li l-età tagħhom tvarja minn ħamsa sa tnax-il sena ħadu sehem. Din l-attività ta' siegħa u nofs ittellgħet fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Il-parteċipanti kellhom iċ-ċans isiru jafu aktar dwar l-istorja tal-mitt sena tal-parroċċa. Fl-aħħar tal-*quiz* il-parteċipanti kollha ngħataw tifkira tal-okkażjoni. Preżenti kien hemm ukoll il-Kappillan Dun Joseph Bajada u s-Sindku Saviour Borg.



## *Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-Iskola Primarja tar-Rabat*



Jum iċ-Ċelebrazzjoni 2011 ġie mfakkar fl-iskola primarja tar-Rabat fi ħdan il-kulleġġ ta' Għawdex l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2011. Ittella' programm għall-ġenituri tal-istudenti. Il-kor flimkien mal-orkestra tal-iskola kanta l-Innu tal-Iskola u dak tal-Kulleġġ ta' Għawdex. Ittella' l-musical *Alice in Wonderland.* Intweriet *photo story* li turi ħajjet l-istudenti fl-iskola matul l-aħħar sena skolastika. Il-Kap tal-Iskola Ms. Anita Sciberras kif ukoll il-*Principal* tal-Kulleġġ ta' Għawdex, Chev. Frank Gatt indirizzaw lill-udjenza li mliet is-sala tal-iskola. It-tfal kollha tal-ħames u s-sitt sena ngħataw ktieb u ċertifikat u dan biex tiġi ċċelebrata d-diversità fl-abbiltà u l-ħiliet differenti li jħaddnu t-tfal.

## *Jum il-Premjazzjoni tal-Iskola "Laura Vicuna"*

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu, fis-sala tad-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, fir-Rabat, saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet lill-istudenti li jattendu l-iskola tas-Sorijiet Sależjani, fl-Għasri, "Laura Vicuna".



*It-tfal tal-Kinder waqt il-programm varjat illi ttellgħa fis-sala tad-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika*

Iċ-ċelebrazzjoni bdiet bl-innu ta' l-iskola kantat mit-tfal tas-sitt klassi. Wara, tifla oħra mill-istess klassi u li hi membru tal-Kunsill tat-Tfal, qrat indirizz qasir fejn tat merħba lil dawk preżenti. Il-kap ta' l-iskola, Swor Antoinette Pace tat rendikont ta' l-attivitajiet li saru matul is-sena 2009 - 2010 u spjegat kif l-iskola qiegħda tagħti edukazzjoni sħiħa lit-tfal. Hi ħeġġet lill-ġenituri sabiex ikomplu jagħtu sehemhom u jgħinu lill-għalliema fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Imbagħad kull klassi mill-Kinder 'il fuq ħejjew programm varjat ta' kant, mimi, poeżiji u żfin. Fl-aħħar, id-Direttur Spiritwali tal-iskola, Dun George Borg kellem lill-ġenituri u wara qassam il-premjijiet lit-tfal tal-ħames u s-sitt sena. Iċ-ċelebrazzjoni spiċċat bil-kant ta' l-Innu Malti.

## Jieħdu sehem f'Malta l-'Aurora Folk Group'



L-*Aurora Folk Group* ħa sehem fil-Festival tat-Torri ta' Wignacourt, organizzat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu, b'*re-enactment* tat-tieġ tradizzjonali Malti u spettaklu ta' żfin u mużika folkloristika. Dan kien jinkludi l-għanja tar-romanza tal-għarus taħt it-tieqa tal-maħbuba, u l-purċissjoni tat-tieġ taħt il-baldakkin. L-*Aurora Folk Group* ħa sehem b'sitt settijiet ta' kostumi differenti magħmula minn bizzilla u newl awtentiku Għawdxi.

## Mons Manuel Curmi - 50 sena saċerdot



Fit-18 ta' Marzu Mons. Manwel Curmi għalaq 50 sena saċerdot. Nhar il-Ħadd 27 ta' Marzu, Mons. Curmi mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-kappella ta' l-Oratorju Don Bosco fejn għal disa' snin sħaħ bejn is-sena 1972 u s-sena 1981 kien Direttur. Minn dakinhar 'l hawn għalkemm waqqaf u għadu jmexxi l-Fondazzjoni Arka, Dun Manwel għadu jiffrekwenta dan iċ-ċentru tat-tfal u taż-żgħażagħ u joffri l-għajnuna tiegħu skont il-bżonn.

Fil-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li kienet animata mill-grupp *Straight Ahead*, id-direttur preżenti ta' l-Oratorju Dun Effie Masini, tkellem dwar "l-għatx" li għandu Kristu għall-bniedem li tant iħobb, liema għatx huwa rifless fil-ħidma tas-saċerdot. Dan l-"għatx" huwa dak li ispira u imbotta lil Dun Manwel fil-ħidma pastorali tiegħu tul il-50 sena saċerdozju, speċjalment bħala viċi fil-parroċċi tar-Rabat, fil-ħidma tiegħu maż-żgħażagħ l-iktar fl-Oratorju, u fuq kollox fid-dedikazzjoni tiegħu mal-persuni b'diżabbiltà anki bit-twaqqif tal-Fondazzjoni Arka.

Fi tmiem il-quddiesa Dun Manwel kien preżentat bi kwadru tal-fidda ta' San Ġwann Bosco patrun taż-żgħażagħ u b'għotja ta' flus, li min-naħa tiegħu Dun Manwel irregalaha dak il-ħin stess lill-Oratorju. Il-quddiesa ntemmet bil-bews ta' l-idejn.

Wara l-quddiesa fil-*Foyer* ta' l-Oratorju saret bibita għal dawk kollha preżenti li matulha Dun Manwel qasam *cake* ta' l-okkażjoni.

## Rikonoxximent għall-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Għarb



*Is-Segretarju Parlamentari Chris Said (xellug) jidher jippreżenta l-Premju għall-Appoġġ lill-Intrapriża lis-Sindku David Apap*

Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said, ippreżenta formalment il-Premju għall-Appoġġ lill-Intrapriża lis-Sindku tal-Għarb, David Apap. Dan il-premju ntrebaħ mill-Kunsill Lokali tal-Għarb u minn ħames Kunsilli Lokali oħra Maltin.

Il-Premju għall-Appoġġ lill-Intrapriża hu rikonoxximent għall-impenn li dawn il-Kunsilli Lokali qed juru favur żvilupp strateġiku li jwassal għall-ħolqien ta' lokalitajiet sostenibbli f'dak li jirrigwarda l-ekonomija, l-istil u l-kwalità ta' ħajja, il-kultura u l-ambjent.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li l-Kunsilli Lokali għandhom l-obbligu li jgħinu lis-settur kummerċjali fil-lokalitajiet rispettivi għax b'hekk ikunu qed jgħinu lill-komunità li jirrappreżentaw. Meta n-negozji jmorru tajjeb, joħolqu l-impjieg, u l-konsumatur jinqeda mill-ħtiġijiet li jkollu. Fit-tiġdid tal-Kunsilli Lokali, dawn ingħataw ir-responsabbiltà li jaħdmu biex isaħħu s-sens imprenditorjali fil-komunità, li jaħdmu id f'id mal-komunità kummerċjali, li jiffaċilitaw il-ħidma tan-negozji u li jaħdmu biex itejbu ċ-ċentri tal-lokalitajiet fejn aktarx ikunu miġbura n-negozji ewlenin. Chris Said sostna li ħadd daqs il-Kunsilli Lokali ma jaf ir-realtajiet tal-lokalitajiet u l-komunitajiet li jirrappreżentaw. Għaldaqstant il-Gvern qed jgħaddilhom l-għodda biex ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.

Dawn jinkludu skemi ta' finanzjament biex isiru proġetti infrastrutturali importanti bħal toroq u tisbiħ taċ-ċentri storiċi u kummerċjali, kif ukoll għajnuna biex jiġu organizzati attivitajiet li minnhom innifishom jgħinu u jżidu n-negozju.

## *Jiżdied l-ispazju għat-tagħlim fil-Kampus tal-Università*

Fil-Kampus tal-Università f'Għawdex qed jiżdied aktar spazju għat-tagħlim biex b'hekk ikun jista' jakkomoda lin-numru dejjem jiżdied ta' studenti adulti li qed jagħżlu li jsegwu wieħed mill-korsijiet offruti f'dan il-kampus matul is-sena. Dan permezz ta' żewġ swali ġodda li qed itejbu sostanzjalment il-faċilitajiet ġewwa dan il-kampus li issa ilu joffri s-servizzi tiegħu f'Għawdex għal kważi għoxrin sena.



*Waqt l-inawgurazzjoni tas-swali fil-Kampus tal-Università fix-Xewkija. Il-Ministru Debono tiġi mdawra u murija wirja ta' ritratti konnessi mal-korsijiet u gradwazzjonijiet li saru fil-Kampus tal-Università mill-Professur Briguglio.*

L-inawgurazzjoni ta' dawn il-faċilitajiet ġodda, saret minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, li fissret kif il-ħidma ko-ordinata fil-Kampus tal-Università f'Għawdex mhux biss tippromwovi u tipprovdi konkretament edukazzjoni għal matul il-ħajja, iżda qiegħda wkoll toffri opportunitajiet importanti li permezz tagħhom jitjiebu dejjem aktar il-kompetenzi tar-riżors uman fil-gżira ta' Għawdex.

Is-swali l-ġodda ser ikunu strumentali wkoll biex jiġi mtella' kors ta' sentejn li ser jibda f'Ottubru li ġej. Dan ser iwassal biex għadd ta' *Learning Support Assistants* Għawdxin ikunu jistgħu jiksbu *Diploma in Facilitating Inclusive Education* ġewwa Għawdex stess.

Tkellem ukoll il-Professur Lino Briguglio li huwa d-Direttur tal-Kampus tal-Università f'Għawdex. Huwa spjega kif li kieku l-kampus f'Għawdex ma kienx jeżisti, Għawdex kien ikollu madwar 600 gradwat anqas milli għandu. Huwa fakkar li l-biċċa l-kbira ta' l-istudenti huma impjegati *full-time*, u għalhekk ma jistgħux jattendu korsijiet *part-time* f'Malta. Dan għaliex il-ħin ma jippermettix li wieħed jaqsam minn Għawdex għal Malta wara x-xogħol biex jattendi kors universitarju f'Malta.

Matul is-sena akkademika kurrenti madwar 100 parteċipant qed jattendu korsijiet li fost l-oħrajn jinkludu dawk li jwasslu għal Diploma jew Baċellerat fil-Kummerċ, kif ukoll Baċċellerat fil-Kriminoloġija, MBA, u Masters fit-Traduzzjoni u *Hospitaller Studies*.

Is-sena li għaddiet iggradwaw madwar 40 student li temmew b'suċċess korsijiet mtellgħa fil-Kampus tal-Università f'Għawdex.

## *Kummiedja fl-Oratorju Don Bosco*

Il-*Bronk Productions*, nhar is-Sibt 26 ta' Marzu, fit-Teatru tal-Oratorju Don Bosco, fis-7.00 ta' filgħaxija, ppreżentat lill-pubbliku Għawdxi, l-kummiedja *Majsi, Ġorġ u l-President tal-Banda.*



Il-grupp ta' madwar għoxrin atturi u kummidjanti ferrħu teatru ppakkjat bil-mutetti tagħhom, f'kummiedja kollha daħk b'xeni mill-ħajja ta' kuljum fir-raħal.

Preżentazzjonijiet teatrali divertenti bħal dawn nixtiequhom li jsiru aktar ta' spiss, basta jkunu nodfa minn kliem u ġesti vulgari. Jixraq ukoll preżentazzjonijiet teatrali Għawdxin jiġu mtellgħa wkoll f'Malta.



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



**RIFLESSI** — *Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard*



# Il-"Ġimgħa Mqaddsa" f'Għawdex

**Bla ebda dubju, waħda mill-egħżeż ġimgħat ta' matul is-sena hija l-Ġimgħa Mqaddsa. Id-dinja nisranija tfakkar il-Passjoni u l-Mewt ta' l-Imgħallem Divin li tgħabba bi dnubietna biex mill-ġdid jifdina u beraħ jiftħilna l-bibien tal-Ġenna.**

Qabel ma Ġesù għadda biex jibda l-Passjoni tiegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ, huwa qagħad ma' mejda flimkien ma' l-Appostli tiegħu u għamel l-Aħħar Ċena fejn waqqaf is-Sagrament ta' l-Ewkaristija. Din it-tifkira ssir fil-knejjes tagħna nhar Ħamis ix-Xirka u l-poplu tagħna għadu bi ħġaru jimla l-knejjes tagħna għal din il-funzjoni sabiħa. Hekk kif tintemm din il-funzjoni, it-triqat tagħna jimtlew bin-nies jagħmlu ż-żjajjar lis-Sepulkru. Fi knisja deħlin u minn oħra ħerġin tilmaħ familji sħaħ miġbura bid-devozzjoni kollha, jżuru s-Seba' Knejjes fejn bl-imħatra min jarma l-aħjar u l-isbaħ Sepulkru li f'din l-okkażjoni jkun imdewwed bil-ward.

Fil-Belt Victoria, fejn il-knejjes ma humiex nieqsa, in-nies iżżur seba' knejjes differenti, iżda fl-irħula, fejn il-knisja parrokkjali bosta drabi hija l-uniku post ta' talb u ġabra, in-nies iżżur l-istess knisja seba' darbiet u araha tidħol minn bieb u toħroġ mill-ieħor għal seba' darbiet. Dan jgħodd ukoll għal nies xjuħ li ma jkunux għadhom jifilħu jterrqu għal ħin twil.

Oħrajn jippreferu l-karozza u jżuru seba' parroċċi differenti waqt li jqassu l-posti tar-Rużarju Mqaddes minn ħin għall-ieħor. Għawdex huwa gżira żgħira, u fejn id-distanzi huma ftit, din il-kategorija ta' nies li jagħmlu ż-żjajjar lis-Seba' Knejjes f'irħula differenti tidher li qed iżżid minn sena għal sena.

Jiġi mbagħad Jum il-Ġimgħa l-Kbira, Jum Kristu mejjet. Il-knisja tkun imneżżgħa minn kull ilbies u tiżjin ieħor u tilbes l-iswed, sinjal ta' luttu. Wara l-funzjoni fil-knisja, in-nies erħilha tiffolla biex tara l-Purċissjoni. Fi gżiritna b'kollox isiru ħames purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Fir-Rabat joħorġu żewġ purċissjonijiet, waħda minn kull parroċċa, waqt li tlieta oħra joħorġu mill-knejjes parrokkjali taż-Żebbuġ, Nadur u Xagħra. Dawn il-ħames purċissjonijiet jinkludu lkoll kemm huma sett ta' statwi sbieħ, artistiċi u devoti li bejniethom jirrakkontaw il-ġrajja tal-Passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. F'uħud minn dawn il-purċissjonijiet jispikka l-ilbies ta' diversi karattri bibliċi waqt li f'oħrajn tilmaħ għadd ta' rġiel ikaxkru l-ktajjen b'wiċċhom mgħammad sinjal ta' penitenza jew grazzji maqlugħa. F'Jum it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa, fil-Qala ssir Via Sagra fil-beraħ bis-sehem ta' għadd sabiħ ta' statwi li bejniethom idommu l-Passjoni tal-Imgħallem Divin.

Bħal fil-każ ta' Ħamis ix-Xirka, ħafna jkunu dawk li mhux biss igawdu l-purċissjoni ta' belthom jew raħalhom, imma jagħmlu minn kollox biex jekk jista' jkun, ilaħħqu ma' tnejn jew tlieta oħra f'daqqa, u għal dawk il-ħafna li llum għandhom il-karozza tagħhom, dan mhux diffiċli.

**F'dawn id-drawwiet u l-għemejjel kollha għandu jidher, fuq kollox, l-ispirtu ta' devozzjoni u ta' gratitudni lejn Kristu, il-Mulej, li ssallab għall-fidwa tagħna. X'aktarx id-devozzjoni tidher l-aktar fis-skiet u fis-silenzju.**

Matul dan iż-żmien għażiż tas-sena, it-teatri tagħna ħafna drabi ma jibqgħux lura u jtellgħu drammi reliġjużi marbuta ma' dan iż-żmien. L-istess isir f'xi wħud miċ-Ċentri Parrokkjali meta mhux ukoll jintramaw għal wiri, mwejjed ta' l-Appostli. It-Triq tal-Golgota, il-Kruċifissjoni u wirjiet oħra simili. Anke fid-djar teżisti d-drawwa sabiħa li wara t-twieqi u l-galleriji tintrama l-Vara l-Kbira, jiġifieri dik ta' l-Imsallab imdawwar bil-Madonna Addolorata, San Ġwann id-dixxiplu l-maħbub, u xi nisa twajba. Fi Triq Għ'Qatet, is-Sur Ċensu Borg niftakru jarma fl-entrata ta' daru sett ta' statwi sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira li għamel hu stess matul is-snin fil-kartapesta u mlibbsa ferm tajjeb. L-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira wkoll tieħu ħsieb ta' kull sena tagħmel Wirja Sagra fis-Swali tal-Ministeru għal Għawdex.

**Intant, iċ-ċentru ta' kollox fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa huwa bla dubju l-Kurċifiss li lejh inħoss li lkoll għandna nduru fis-siegħa tat-tiġrib. Jgħallimna l-Qaddis tagħna, San Ġorġ Preca li l-Kurċifiss huwa "il-ktieb il-kbir" tal-meditazzjoni. Nixtieq ukoll l-Għid it-Tajjeb lill-qarrejja kollha tagħna.**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***ITS Hotel School: żewġ verżjonijiet!! Lil min ser temmen?***

"Il-Partit Laburista nnota b'dispjaċir li wara li twaqqfet l-ITS School f'Għawdex, din l-istituzzjoni edukattiva waqgħet lura u saħansitra bħalissa qiegħda topera mingħajr tmexxija. Is-sitwazzjoni f'din l-iskola tant ħżienet li mhix tiġbed lejha u tħarreġ biżżejjed studenti għall-karriera fl-industrija turistika Għawdxija... M'hemmx *ownership* ċar biex tħares l-immaniġġjar ta' din l-istituzzjoni. Apparti dan bħalissa ħadd mhuwa jivverifika l-kontenut tal-korsijiet li qegħdin jingħataw, il-livell ta' kompetenza, prestazzjoni u l-kwalifiċi akkademiċi tal-għalliema. Agħar minn hekk, ħadd mhu jħares xi progress ikun qiegħed isir mill-istudenti bl-iskop li għall-ġejjieni jħejjihom għall-proġetti u riformi li jkunu meħtieġa għal din l-industrija."

**Rapport**, *L-Orizzont*, 23 ta' Marzu 2011

"In-numru ta' studenti Għawdxin li qed jattendu fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi f'Għawdex żdied tant li bħalissa hemm 26 student għal żewġ korsijiet *full- time*, u 66 student għal ħames korsijiet *part-time* flimkien ma' aktar minn 60 parteċipant f'korsijiet qosra tal-*Food Handling Lincence B* li jsiru fuq bażi regolari. Meta mqabbel mal popolazzjoni f'Għawdex, in-numru ta' studenti fl-ITS f"Għawdex hu ogħla minn dak ta' Malta...Minkejja li l-ITS infetaħ sentejn ilu, sar ħafna xogħol u hu ppjanat li jsir aktar... saru attivitajiet u kuntatti biex l-istudenti Għawdxin itejbu l-ħiliet tagħhom u jkollhom opportunità jaqsmu l-esperjenzi u l-għarfien ma' professjonisti u studenti minn pajjiżi oħra."

**Rapport**, *MaltaRightNow*, 29 ta' Marzu 2011

***Il-parkeġġ fir-Rabat problema kbira. Sadattant nibqgħu nreqqgħu?***

*"The Gozo Business Chamber has again appealed for a greater effort to make the best possible use of the area being developed as a bus terminus at Victoria, in line with the suggestion by the Malta Environment and Planning Authority for surface and underground parking. The Chamber said it has come to know of the imminent start of work on the bus terminus. But it deplored that it was not involved in the preparatory process, when, it said, it could have made a positive contribution... It deplored that no heed was taken to integrate the new project into a fully developed car park as approved by MEPA, funds for which could have been utilized from the MEPA Urban Improvement Fund."*

**Rapport**, *The Malta Independent*, 24th March 2011

***Is-"sejħa għall-aġġornament" hi sewwa u xierqa! Iżda jeħtieġ li jsir ukoll "awditjar" jekk id-differenzi fil-livell ta' żvilupp naqsux jew żdiedu!***

Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) sejjaħ biex ikun aġġornat ir-rapport dwar il-bżonnijiet ta' Għawdex bħala reġjun kif imfisser fit-Trattat ta' Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fi stqarrija, il-Kumitat Reġjonali tal-MCESD, qal li dan il-bżonn ta' aġġornament qed jinħass hekk kif ir-rapport attwali issa ilu tmien snin. Dan ir-rapport




fost l-oħrajn janalizza s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali f'Għawdex u d-differenzi fil-livell ta' żvilupp meta mqabbel ma' Malta."

**Rapport**, *In-Nazzjon*, 31 ta' Marzu 2011

***Ir-riforma fit-trasport pubbliku – dalwaqt imiss lill-pubbliku li jokkopera billi jintebaħ li 'b'tal-linja tassew jaqbillek".***

*"Two hybrid buses will be used in Gozo, on three routes covering a Victoria city service via Gozo General Hospital and the Citadel, Victoria to Żebbuġ and Victoria linking with Xagħra, Santa Luċija and Kerċem. Mr Bastow commented: 'Malta is going to benefit from cutting-edge technology in these new hybrid buses, which produce fewer greenhouse gas emissions and harmful pollutants, and have lower noise levels. The hybrid buses will help contribute to better air quality for residents in Malta and our sister island – fulfilling its eco-Gozo qualities.'"*

**Noel Grima**, *The Malta Independent*, 29th March 2011

***Mużew innovattiv fil-Belt Victoria***

"F'laqgħa pubblika organizzata mill-Fondazzjoni Belt Victoria f'Għawdex... ġie ppreżentat il-kunċett tad-disinn tal-Mużew Storiku u Ċentru Kulturali multimedjali li l-Fondazzjoni qed tibni fil-qalba antika tal-Belt Victoria. Chris Walker, mir-Renju Unit, li flimkien ma' Adam Stanning ġie fdat bid-disinn tal-proġett f'isem id-ditta *White Bright* ippreżenta l-kunċett tad-disinn. *White Bright*, li hi kumpanija ta' fama internazzjonali, intgħażlet minn numru ta' applikazzjonijiet minn mal-Ewropa kollha u qed taħdem fuq kunċett innovattiv ta' mużew interattiv."

**Rapport**, *In-Nazzjon*, 31 ta' Marzu 2011

***Fil-Karnival: storbju fi Triq Trux; tad-daħk, kieku mhix tal-biki***

*"Two men and four women were arrested in Għarb, Gozo, early yesterday morning after they were caught in possession of drugs. The police were called on the scene after a report that too much noise was emerging from a house in Trux Street. When the police turned up on the site, one of the people inside threw away a basket that contained cocaine. The police entered the residence and found other objects related to cocaine and cannabis abuse. The arrests follow those of nine other persons on Friday night also in Għarb after cannabis, cocaine and ecstasy pills were found in the farmhouse they were occupying."*

**Rapport**, *The Malta Independent*, 24th March 2011

## MILL-PARLAMENT: IL-QAGĦDA TAX-XOGĦOL F'GĦAWDEX

***Għawdex - Employment Aid Grant Scheme***

**11236. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli TONIO FENECH (Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment):** Jista' l-Ministru jgħid meta bdiet titħaddem l-*Employment Aid Grant Scheme* għall-kumpaniji li joperaw f'Għawdex? Kemm kumpaniji Għawdxin ibbenefikaw minn din l-iskema kull sena sal-lum? Kemm impjiegi ġodda nħolqu taħt din l-iskema? *06/10/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi fis-sena 2007, il-*Malta Enterprise* u l-ETC kienu ħabbru l-iskema *Gozo Employment Aid* fejn min iħaddem ħames impjegati li jkunu kklassifikati taħt il-kategorija ta' *Disabled and Disadvantaged* jingħata nofs il-paga ta' sena ta' l-impjegat imsemmi bħala inċentiv. Mis-sena 2008, dan l-inċentiv ġie mwessa' billi tneħħa l-limitu ta' ħames impjegati.

Taħt din l-iskema ġew approvati disgħa u disgħin intrapriża ġewwa Għawdex u l-ammont totali ta' assistenza approvata kien €1,310,438 għall-ħolqien ta' mitejn, erbgħa u sittin impjieg ġdid.

Dan l-inċentiv jitħallas lil min iħaddem wara sena minn meta jkun impjega l-persuna kkonċernata. Sa' Settembru 2009, l-assistenza mħallsa tammonta għal €630,967 għar-rigward ta' mija, sitta u għoxrin impjieg.

Il-bilanċ pendenti mistenni jitħallas fix-xhur li ġejjin.

Minn Jannar tas-sena 2009, din l-iskema għaddiet kompletament għand l-ETC. Filwaqt li l-iskema nfetħet għal-kumpaniji Maltin u Għawdxin, issa qegħda tiġi ffinanzjata parzjalment taħt il-*European Social Fund.*

*27/10/2009*

***Impjegati Għawdxin taħt il-Gozo Employment Scheme***

**23331. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli DOLORES CRISTINA (Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja):** Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu ġew impjegati ħaddiema Għawdxin taħt il-*Gozo Employment Scheme*? Tista' tgħid kemm minnhom għadhom jaħdmu mal-istess *employer* li miegħu kienu tqabbdu jaħdmu? Kemm minnhom qed jaħdmu ma' *employer* differenti llum? Kemm minnhom m'għadhomx jaħdmu llum? *01/02/2011*

**Tweġiba:** 264 persuna ġew impjegati permezz tal-*Gozo Employment Aid Scheme.* Minn dawn il-264 persuna, 125 għadhom jaħdmu mal-istess *employer.* 81 qegħdin jaħdmu ma' *employer* differenti u 58 m'għadhomx f'impjieg.

*07/02/2011*

***Persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex***

**23236. L-Onorevoli JOE MIZZI staqsa lill-Onorevoli**



**DOLORES CRISTINA (Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja):** B'riferenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 22501, tista' l-Ministru tgħid:

a) kemm mill-104 li kienu ilhom inqas minn xahar jirreġistraw għax-xogħol kienu qed jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex;
b) kemm mid-59 li kienu ilhom xahar jew aktar, iżda inqas minn xahrejn jirreġistraw għax-xogħol, kienu qed jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex;
ċ) kemm mit-38 li kienu ilhom xahrejn jew aktar, iżda anqas minn tliet xhur jirreġistraw għax-xogħol, kienu qed jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex; u
d) kemm mill-171 li kienu ilhom iktar minn tliet xhur jirreġistraw għax-xogħol, kienu qed jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex? *31/01/2011*

**Tweġiba:** 47 kienu ilhom inqas minn xahar jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex .

F'Għawdex, 14 kienu ilhom xahar jew aktar, iżda inqas minn xahrejn jirreġistraw għax-xogħol; 8 kienu ilhom xahrejn jew aktar, iżda inqas minn tliet xhur jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex; 46 kienu ilhom iktar minn tliet xhur jirreġistraw għax-xogħol f'Għawdex *14/02/2011*

***Għawdex - nies "redundant"***

**24167. L-Onorevoli ALFRED SANT staqsa lill-Onorevoli DOLORES CRISTINA (Ministru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja):** Tista' l-Ministru tgħid kull sena mill-2008 'l hawn kemm kien hemm ħaddiema li tilfu l-post tax-xogħol tagħhom f'Għawdex għax spiċċaw *redundant* minħabba li l-intrapriża li kienet tħaddimhom ma kellhiex aktar xogħol għalihom?

*02/03/2011*

**Tweġiba:** In-numru ta' ħaddiema li tilfu l-post tax-xogħol tagħhom f'Għawdex għax spiċċaw *redundant* u ġew jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 177 persuna fl-2008, 245 persuna fl-2009 u 143 persuna fl-2010. *07/03/2011*

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# BEATIFIKAZZJONI TAL-PAPA LI D-DINJA KOLLHA ĦABBET

***Cachia, Carmel C., Pariri Spiritwali tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II, Lumen Christi Publications, Għawdex, 2011, B.C.D. Printing, Victoria, 56 paġna, €3.***

Żgur li bħalissa isem dan il-Papa Pollakk jinsab fuq fomm kulħadd għaliex propju fl-ewwel ta' Mejju 2011 fi Pjazza San Pietru l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI ser jiddikjarah Beatu. Mhux biss imma ħerġin diversi kotba dwar ħajtu u ħidmietu. Biex tfakkar dan l-avveniment importanti fil-ħajja tal-Knisja, il-*Lumen Christi Publications* ta' Victoria Għawdex, fis-sensiela tagħha 'Spirtu u Ħajja', għadha kemm ippubblikat dan il-ktejjeb bl-isem ta' Pariri Spiritwali tal-Beatu Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni u Tagħrif fil-qosor dwar Ħajtu, xogħol is-Sur Carmel C. Cachia, għalliem u Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-iskola Post Sekondarja Sir M.A. Refalo, Victoria.




L-awtur jaqsam il-ktieb tiegħu f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti huwa jitkellem fil-qosor dwar il-ħajja ta' dan il-Prelat tal-Knisja Kattolika li sa minn ċkunitu bħala ċittadin Kattoliku kellu jduq mit-togħma morra ta' żmien in-Nażiżmu f'pajjiżu l-Polonja u iktar tard hekk kif beda jitfarfar, bħala saċerdot u Isqof Djoċesan taħt il-ħakma komunista. Huwa kellu jtiegħem ukoll il-frott qares tat-Tieni Gwerra Dinjija u ta' snin twal ta' persekuzzjoni li minnha għaddiet il-Knisja f'tant pajjiżi fl-Ewropa. Iktar minn oħrajn dan il-Papa li tant bata u sofra, kellu jgħix esperjenza partikulari b'għassa stretta u kontinwa mqabbda mis-Servizzi Sigrieti f'kull pass li kien imidd. Kif nafu kellu wkoll jgħaddi mis-sofferenza fiżika bl-attentat fuq ħajtu fit-13 ta' Mejju 1981 flimkien ma' mard ieħor b'mod speċjali l-*Parkinsons* li baqgħet sa ma temmitlu ħajtu fost in-niket ta' tant pellegrini u fidili li miegħu riedu jishru fl-aħħar mumenti ta' ħajtu fuq din l-art.

Fit-tieni parti ta' dan il-ktieb, li għandu kelmtejn ta' Preżentazzjoni minn Mons Salv Grima u mżewwaq ukoll b'xi ritratti mill-ħajja u l-ħidma tal-Papa, Cachia jittaħ tieqa fuq il-ħafna diskorsi, pubblikazzjonijiet pontifiċji, u stqarrijiet oħra tul il-Pontifikat twil ta' Ġwanni Pawlu li huma bla tarf. Meta jaqbad dan il-ktieb f'idejh, wieħed ikun jista' jduq xi ftit mill-benna ta' parti żgħira mill-wirt li ħallielna warajh fit-testment tiegħu dan il-Papa li kellna x-xorti wkoll li narawh jirfes fuq din il-gżira ċkejkna tagħna. Min jista' jgħodd id-diskorsi li hu għamel matul l-Udjenzi Ġenerali ta' kull nhar t'Erbgħa jew waqt l-*Angelus* ta' nhar ta' Ħadd. Dan biex ma nsemmux id-diskorsi twal u t-taħdidiet li kien jagħti fis-safar tiegħu! Ma jonqsux bla dubju r-riflessjonijiet dwar il-virtujiet teoloġiċi jew it-twissijiet morali marbuta mal-paċi, maħfra u verità. Kelma tal-aħħar: dan kien il-Papa li kellu wkoll ħafna għal qalbu lill-familja u l-paċi fid-dinja li bħalissa, b'xorti ħażina, tant hija mhedda!

Fil-fehma tiegħi dan huwa ktieb ta' min jaqrah u jixtarru sewwa għax jitkellem dwar l-ewwel Papa barrani li kellha l-Knisja wara mijiet ta' snin ta' Papiet Taljani fuq il-Katedra ta' Pietru u li mill-ewwel ġibed is-simpatija mhux biss tar-Rumani imma ta' dawk kollha li rawh u semgħuh jitkellem. Kien in-nisrani awtentiku li ried ixandar lil Kristu akkost ta' kollox u l-fidi tiegħu kien jgħixha erbgħa u għoxrin siegħa kuljum bla tnikkir u bla misthija. Kemm għandu x'jgħallimna! Żgur li mhux il-bogħod il-mument li ngħaddu għat-tieni tarġa fil-ħajja tiegħu - dik li narawh iddikjarat Qaddis! *Santo Subito*! Din kienet l-għajta ta' eluf kbar ta' nies minn madwar id-dinja kollha hekk kif tħabbret l-aħbar kiebja tal-mewt tiegħu.

***Kav Joe M Attard***

Kummentarju (2)

# It-Twissijiet tal-Beata Madre Tereża dwar id-Divorzju



*kitba ta'* MADRE TEREŻA

**Ilha ftit li baghtitha, fis-7 ta' Novembru 1995, u mill-Indja. Sa fl-aħħar waslet. Aħjar tard milli qatt. Fl-aħħar mill-aħħar il-messaġġ kien ilna nisimgħuh, minn mijiet kbar ta' snin. Kien l-Imgħallem tagħna u tagħha li wassalha biex tiktbilna din l-ittra. Kienet taf x'għandha tgħid, mhux biss lill-Irlandiżi, imma sewwa sewwa lilna l-Maltin. Tgħid qed tbiddel fehmitha mill-ġenna? Żgur li le. Li kellha terġa' timpostaha llum, int kont taqraha u tirrifletti quddiem Alla x'tagħżel l-aħjar għall-familja, għal uliedek u għas-soċjetà tagħna għal li ġej?**

*Il-Beata Madre Tereża Dwar Id-Divorzju*

Għażiż poplu tal-Irlanda (ta' Malta),

Jien qed nitlob magħkom f'dan il-mument importanti meta pajjiżkom qed jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tad-divorzju. It-talba tiegħi hi li intom tkunu fidili għat-tagħlim ta' Kristu meta qal: "minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed.... Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19, 5-6). Qlubna huma magħmulin biex iħobbu u jkunu maħbuba – jiġifieri mħabba totali u dejjiema.

**X'inhi t-tifsira tal-imħabba vera fiż-żwieġ? Meta jiżżewġu, raġel u mara li verament iħobbu lil xulxin qatt mhuma se jwegħdu: "Jien inħobbok u nkun fidil lejk għal ftit taż-żmien". Huma jwegħdu li se jħobbu 'l xulxin għal dejjem u se jkunu fidili lejn xulxin jiġri x'jiġri.**

Li wieħed jikser il-wegħda taż-żwieġ li jibqa' fidil sal-mewt, din mhix biss ħaġa li tmur kontra l-imħabba vera imma fuq kollox tweġġa' l-aktar lit-tfal. Uliedna jiddependu minna f'kollox – fis-saħħa, fl-edukazzjoni, fil-kura, fil-valuri, fit-tmexxija u aktar minn kollox fl-imħabba tagħna lejhom. Imma xi drabi l-omm u l-missier m'għandhomx ħin għal uliedhom, jew l-għaqda bejn il-ġenituri titkisser, tant li t-tfal jitilqu mid-dar u jispiċċaw jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn. U n-numru ta' dawn iż-żgħażagħ qed jikber minn jum għal ieħor.

Fuq is-salib, Kristu ta' kollox, fost tbatija kbira għax dak kien meħtieġ biex jurina kemm iħobbna u biex isalvana. Jekk l-omm u l-missier mhumiex lesti li jagħtu kollox, anki jekk ibatu, biex ikunu fidili lejn xulxin u lejn uliedhom, ma jkunux qed juru lit-tfal x'inhi l-vera mħabba. Dawn it-tfal jikbru spiritwalment fqar u dan hu faqar li hu ferm aktar iebes biex jintgħeleb mill-faqar materjali. Hu minnu li ħafna familji kellhom esperjenzi koroh minħabba l-vjolenza, l-alkoħoliżmu u l-abbużi li spiss wasslu għat-tifrik tar-relazzjoni.

**Imma jekk familja titlob flimkien, tibqa' flimkien. U jekk tibqa' flimkien, il-membri jibqgħu jħobbu 'l xulxin kif Alla jħobb lil kull wieħed minna. Il-frott tat-talb hu l-hena, l-imħabba, il-paċi u l-għaqda fil-familja. Dan ikun ta' eżempju għall-ulied u għall-ġirien. U b'hekk ma jkunx hemm bżonn tad-divorzju. Kif jista' jkun li r-raġel u l-mara jabbandunaw lil xulxin jekk verament jinħabbu? Id-divorzju jkisser u jeqred u hu kawża ta' tentazzjonijiet terribbli. Jikkawża wkoll it-tbatija u l-uġigħ tal-qalb lit tfal u lill-familja kollha. Id-divorzju huwa wieħed mill-akbar qattiela tal-imħabba tal-familja u tal-għaqda. Jekk, għal xi raġuni, ir-raġel u l-mara jkollhom jgħixu separati, dan m'għandu x'jaqsam xejn mad-divorzju.**



Meta pajjiż idaħħal id-divorzju ma ssirx ħsara biss lill-familji li jintlaqtu bih. Il-ħsara jkollha effett fuq is-soċjetà

kollha għax meta naċċettaw id-divorzju nkunu qed ngħaddu messaġġ li l-wegħda taż-żwieġ li nkunu fidili lejn xulxin ma tkunx sakemm il-mewt tifridna imma sakemm jifridna d-divorzju. Imma dan hu differenti ħafna minn dak li għallem Ġesù dwar iż-żwieġ.

Jien nagħraf ukoll li hemm problemi kbar fid-dinja u li bosta miżżewġin ma jħobbux lil xulxin biżżejjed biex jibqgħu fidili sal-mewt. Aħna ma nistgħux insolvu l-problemi kollha li hawn fid-dinja imma ejjew ma neqirdux l-akbar problema li hawn fid-dinja – il-qerda tal-imħabba. U hu preċiżament dak li nkunu qed nagħmlu meta ngħidu lill-miżżewġin li jistgħu jitilqu lil xulxin u jmorru jingħaqdu ma' xi ħaddieħor.

**Barra minn hekk, il-pajjiż li jdaħħal id-divorzju ma jdumx ma jkollu aktar tifrik fil-familji li jwassal għal aktar tifrik u firda fost familji oħra. Dan mhux biss għax id-divorzju jeqred l-imħabba, l-għaqda u l-paċi, imma wkoll għax ta' spiss id-divorzjati jħossuhom iżolati u jagħmluha ma' ħbieb ta' mparhom li aktarx ikunu miżżewġin. U din il-kwalità ta' ħbiberija twassal biex jikber in-numru ta' żwiġijiet imkissra għax dan isir ċirku vizzjuż.**

**Minħabba l-vantaġġi jew il-ġid materjali, pajjiż qatt m'għandu jdaħħal l-akbar faqar jiġifieri l-faqar spiritwali. U dan hu dak li jagħmel pajjiż meta jaċċetta d-divorzju li jeqred l-imħabba fil-familja u b'hekk iġib miegħu faqar spiritwali assolut. Ejjew niftakru li d-divorzju mhux ħażin biss għall-Kattoliċi. Hu ħażin għal kulħadd għax hu kontra l-prinċipju tal-imħabba fejn raġel u mara li jidħlu fi żwieġ iwegħdu li se jibqgħu fidili lejn xuxlin mhux sa mal-mewt tifridhom imma sa mad-divorzju jifridhom.**

Ejjew nitolbu. Il-ferħ li tnissel l-imħabba hu ferħ li bih naqsmu mal-oħrajn bħalma għamlu Marija u Ġużeppi fi żmien it-tbatija u fid-diffikultajiet, – li wieżnu lil xulxin bl-



imħabba, bl-għaqda u bil-fiduċja. Jalla dan ikun eżempju sabiħ għall-familji kollha tal-lum.

Jiena nitlob li l-Irlanda (Malta) tgħid "le" għad-divorzju biex tibqa' tkun sinjal ta' għaqda, mħabba u paċi għad-dinja, speċjalment tal-paċi fil-benniena tagħha: il-familja.

Itolbu dejjem flimkien u tibqgħu flimkien, u tibqgħu tħobbu lil xuxlin bħalma Alla jħobb lil kull wieħed u waħda minnkom.

Ejjew nitolbu. Alla jberikkom.

**Madre Tereża**






Kummentarju (3)

# Evviva n-Nanniet!



*kitba ta'* **DUN ĠORĠ BORĠ**, Direttur Moviment ta' Kana f'Għawdex

**Ir-rapporti bejn in-nanniet u n-neputijiet, għal dawn l-aħħar tletin sena tbiddlu ħafna. Bħala medja l-ħajja twalet u allura fost il-popolazzjoni żdiet il-perċentwali ta' persuni anzjani. Żdied ukoll allura n-numru ta' tfal li għandhom l-erba' nanniet kollha jew almenu tlieta.**

***Il-Valur Pożittiv tar-Rwol tan-Nannu u tan-Nanna***

Meta wieħed iħares lejn il-persuni anzjani jilmaħ żewġ sitwazzjonijiet li huma differenti minn xulxin. F'sitwazzjoni minnhom insibu l-ħajja ta' l-anzjan li hija karatterizzata min bil-mod il-mod qed jitlef l-interess fil-ħajja ta' madwaru, tiżdied is-solitudni u n-nuqqas ta' impenn soċjali, rifjut għal dak li huwa ġdid, waqfien ta' kull kreattività u anki jasal għal sens ta' inutilità.

F'sitwazzjoni oħra, nsibu l-oppost. Naraw individwu anzjan li żamm ruħu attiv u b'ċerta kurżità tal-ħajja; żamm l-interessi li kellu qabel u magħhom żied oħrajn; baqa' impenjat f'modi differenti fil-ħajja soċjali u baqa' miftuħ għal ġdid minkejja l-eta' tiegħu.

Il-fatt li tibda twettaq il-funzjoni ta' nannu jew ta' nanna jista' jgħin biex wieħed jibni t-tieni sitwazzjoni li semmejna aktar 'l fuq. Li ssir nannu, għal wieħed li kiber, li f'mument tal-ħajja jibda jara qed jonqsulu, xi ftit jew wisq b'mod sensibbli, l-kapaċità fiżika u f'ċerta miżura anki dik mentali, *jista' jippreżenta speċi ta' "Twelid ġdid"*. Jista' juri sinjal ta' bidu ta' esperjenza li tinvolvih u tagħtih ċerta sodisfazzjon. Esperjenza li aktar tikber għaliex maż-żmien isir aktar kapaċi jwettaq aħjar il-funzjoni ta' nannu. Min qed jaspira li jgħix l-anzjanità u x-xjuħija li qed insemmu, li wieħed isir nannu jista' jippreżenta verament fortuna.



**Il-fortuna** mhix biss għan-nannu u għan-nanna imma anki għall-membri l-oħra tal-familja.

- Hija **fortuna** għall-ġenituri tat-tifel li jistgħu joqgħodu fuq in-nanniet li huma disponibbli u lesti biex jgħinu. Għajnuna li tista' tiġi murija f'modi varji bħal: iżommu t-tifel magħhom sakemm il-ġenituri tiegħu huma barra għax-xogħol jew għal xi impenn ieħor; jakkumpanjawh l-iskola u jmorru jġibuh lura; jistgħu joffru xi sostenn finanzjarju, kif ukoll jistgħu jagħtu pariri mibnija fuq l-esperjenza
- **Fortuna** għat-tifel li jkollu n-nanniet, għaliex l-esperjenza wiesgħa li jista' jakkwista tista' tiffavorixxi l-iżvilupp tiegħu. Fortuna ukoll għaliex jista' jiġi f'kuntatt ma' annimali domestiċi li d-dar tal-ġenituri ma għandux u n-nanniet faċli jkollhom; għaliex isiru aktar numerużi l-figuri adulti li magħhom jista' jinteraġixxi, kemm bl-użu ta' l-lingwaġġ, imġieba, drawwiet, u atteġġamenti xi ftit jew wisq diversi; tiżdiedlu lit-tifel id-dinja tiegħu affettiva; anki l-esperjenzi huma aktar varji (wieħed isib lin-nannu jew lin-nanna jafu stejjer u ħrejjef differenti minn kif jafuhom il-ġenituri tiegħu) anki jista' jagħti l-każ li n-nanniet kienu jħaddnu professjonijiet differenti mill-ġenituri.
- Fl-aħħar għan-nanniet ukoll hija vera **fortuna** li jkollhom in-neputijiet. Il-preżenza ta' neputi u l-possibbiltà li tista' tieħu ħsiebu meta l-ġenituri tiegħu jitolbu l-għajnuna, tgħin mhux biss biex jagħtih sens li huwa għadu soċjalment utli (f'dan il-każ fl-ambitu tal-familja) imma anki dik li jara b'mod ċar l-għarfien minn oħrajn għal din l-għajnuna li qed jagħti.

Għan-nannu jew għan-nanna, mbagħad,waqt li tinteraġixxi man-neputi li qed jikber mimli kurżitajiet u interess fl-affarijiet ta' madwaru, jippreżenta okkażjoni fejn wieħed jerġa' jgħix għat-tieni darba l-infanzja (l-ewwel waħda meta uliedu llum miżżewġa kienu



għadhom żgħar). Jerġa' jħoss dik l-esperjenza bħal terġa' ġġib lura dawk il-mumenti tal-ħajja li għadda ż-żmien minn fuqhom. Titkellem u tilgħab man-neputijiet żgħar jew tirrakkontalhom xi storja, jfisser, meta trid tibni rapport stabbli magħhom, toqgħod għal-livell tagħhom, terġa' ssir tfal bħalhom, tara r-realtà kif jarawha huma.

Għan-nanniet jista' jkun ta' fortuna ukoll għal motiv ieħor. Mhux dejjem, ġo familja s-sentimenti u l-atteġġamenti ta' l-adulti l-oħra fil-konfront mal-anjzan huma dejjem pożittivi. Flimkien ma' l-affett u r-rispett lejn l-anzjan jistgħu jkunu preżenti wkoll atteġġamenti negattivi miegħu (l-anzjan) bħal nuqqas ta' paċenzja miegħu, sentimenti ta' fastidju għal problemi li l-anzjan jista' joħloq, għat-tibdil tal-burdati, għal mod li dejjem jikkritika jew jilmenta għal kull inkonvenjent żgħir, għall-ħin u attenzjoni li trid tieħu biex tagħti kura lil anzjan. Għal kuntrarju fir-rapport man-neputi, is-sitwazzjoni hija dejjem sempliċi; normalment ma jkunx hemm ħjiel, min-naħa tan-neputi, ta' sentimenti negattivi. L-affett li juri n-neputi lejn in-nannu ( jew nanna) huwa inkondizzjonat; ikun sinċerament ferħan meta jara n-nannu, joqgħod bil-qalb miegħu u jħoss dispjaċir fil-mument ta' firda minn miegħu. Ovvjament dan kollu jiġri jekk in-nannu fil-konfront man-neputi għaraf, mill-bidunett, jieħu atteġġament u mġieba adattata.

### *Titgħallem tagħmilha tan-nannu*

Li twettaq tajjeb il-funzjoni ta' nannu jew ta' nanna mhix xi ħaġa ovvja, xi ħaġa li n-natura tippreparalna għaliha, jew xi tip ta' mġiba istintiva. Li tkun nannu huwa mistier li b'xi mod trid tipprepara għalih anki qabel man-neputi jasal u mbagħad trid twettqu b'ċerta attenzjoni.

Wieħed irid joqgħod attent u forsi anki jipprofondixxi il-fażijiet differenti ta' l-iżvilupp psikoloġiku tat-tifel ( l-ewwel sena tal-ħajja, it-tieni u l-kumplament). Jipprofondixxi jfisser, li peress man-nannu (jew nanna) ġa kellu esperjenza meta kien irabbi t-tfal tiegħu ta' meta kienu għadhom żgħar u forsi ukoll kien għamel xi żbalji forsi minħabba n-nuqqas ta' preparazzjoni psikoloġika adegwata fi żmienu jew forsi n-neputijiet qed jippreżentaw karatteristiċi u kwalitajiet differenti minn dawk li kellhom uliedu meta kienu għadhom żgħar. S'intendi fuq medda ta' madwar tletin sena minn meta rabba lil uliedu san-neputijiet, l-ambjent jitbiddel notevolment.

Meta jkun man-neputi, n-nannu (jew in-nanna) jrid jagħraf iwettaq b'attenzjoni u bi prudenza l-funzjoni tiegħu. Irid joqgħod attent għas-sentimenti ta' l-oħrajn kemm ta' dawk adulti bħal ġenituri tat-tifel u anki tan-neputi nnifsu, b'mod li jevita sitwazzjonijiet ta' konflitt jew żbalji. Jista' jiġri per eżempju li f'wieħed mill-ġenituri tat-tifel żgħir (ġeneralment l-omm) jew fit-tnejn, jidhru xi sentimenti ta' ġelożija fil-konfront tan-nanniet. Peress li n-neputi qed jgħaddi ħafna ħin magħhom (in-nanniet) it-tifel qed jinġibed aktar lejhom. Jista' jiġri ukoll li fil-ġenituri tkun preżenti l-biża' jew il-preokkupazzjoni li issa li qed jgħaddi ħafna ħin man-nanniet, it-tifel ser jakkwista drawwiet, atteġġamenti u valuri li ma tantx jaqblu ma' dawk li jridu jittrasmettu huma bħala ġenituri lil binhom jew binthom.

In-nannu jrid ikun sensibbli għal dawn il-beżgħat possibbli u bħala konsegwenza jrid iġib ruħu billi jistabbilixxi mill-bidu nett li d-deċiżjonijiet marbuta mat-tifel iż-zgħir, in-neputi, jappartienu lill-ġenituri tiegħu u ma għandux ikun hemm nuqqas ta' qbil kbir fuq l-imġiba u r-regoli ta' dak li hu permess u dak li mhux permess. L-istess sensibbiltà jrid ikollu fil-konfront tal-koppja l-oħra tan-nanniet.

Anki fil-konfront tat-tifel, tajjeb li n-nannu juri ċerta attenzjoni u prudenza. Fil-kuntatt man-neputi jrid jieħu atteġġament ta' disponibbiltà mhux li jimponi. Per eżempju jevita li jrid bil-forza jidħol bħala sieħeb f' xi logħba li t-tifel jippreferixxi jilgħab waħdu. Irid ikun disponibbli mbagħad jekk jiġi mitlub li jagħmel dan.

Importanti li n-nannu fil-konfront man-neputi jkun fonti ta' sorpriżi fis-sens li kull viżta tista' tkun akkumpanjata mal-wasla ta' xi rigal żgħir anki daqsxejn ta'suffara, ta' ġebla jew oġġett ta' struttura kurjuża, xi ħrafa jew storja ġdida, eċċ. Irid ikun, kemm meta n-neputi huwa fl-infanzja, fit-tfulija u aktar meta jilħaq il-preadolexxenza u fl-adolexxenza, miftuħ għall-ġdid.

**Biex nikkonkludu, l-għarfien tal-preżenza aktar wiesgħa u ta' l-importanza li dejjem qed tiżdied tan-nanniet tista' tkun ta' benefiċċju kemm fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom u kif ukoll fuq il-familja ta' uliedhom.**


Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

Ftit fatti u kummenti

# Fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II... X'kien ifisser dan il-Papa għad-dinja?



*kitba ta'* Dr. MARIO SALIBA MD MSc MMCFD

**L-Ingliżi għandhom kelma "*greatness*" li bil-Malti nistgħu naqilbuha fil-kelma kobor. Aħna kollha nistgħu nkunu għaqlin, kuraġġużi, dinamiċi, nies virtużi , u anke qaddisin. Iżda rari nistgħu jkollna dawn ir-rigali kollha f'daqqa. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien wieħed minn dawk li kellu dawn id-doni kollha flimkien u għalhekk nistgħu nużaw il-kelma "*greatness*" mingħajr ma nkunu niżbaljaw. Għall-Kristjani u għal ħafna oħrajn - Ġwanni Pawlu II kien bniedem kbir. Meta miet, fit-2 ta' April 2005, kien hemm turija straordinarja ta' mħabba u rispett għal dan il-bniedem singulari madwar id-dinja kollha.**

### *Papa Pollakk*

Matul is-26 sena ta' pontifikat Ġwanni Pawlu II kien l-evanġelista, il-pellegrin u l-profeta. Meta kien elett fil-ħarifa tal-1978 l-Knisja Kattolika u d-dinja kollha staqsew kurjużi dwar x'tip ta' bniedem kien dan il-Papa Pollakk. Dan kien, wara kollox, l-ewwel Papa mhux Taljan mis-sena 1522, meta kien laħaq il-Papa Adrijanu VI, Olandiż.

Bħala Arċisqof ta' Krakovja, Karol Wojtyla ġie minn pajjiż okkupat minn truppi Sovjetiċi u rregolat minn tmexxija iebsa Komunista. Huwa kien elett fi żmien il-Gwerra Bierda meta kien hemm ħafna tensjonijiet bejn il-Lvant u l-Punent, u kien hemm ġirja għall-armi nukleari u għalhekk kien perjodu perikoluż u delikat ħafna. Sa mill-bidu tal-pontifikat tiegħu ġa kien hemm pjanijiet mir-reġim komunista biex ikun eliminat. L-attentat ta' qtil seħħ fit-8 ta' Mejju fl-1981 meta Mehmet Ali Agca kien sparalu fil-Pjazza San Pietru fil-5pm xħin il-Papa ħareġ għall-appuntament tiegħu ta' kull ġimgħa biex jiltaqa' mal-poplu. Dakinhar saħħet il-Papa kienet ħadet daqqa kbira.

Sa mill-bidu huwa ħeġġeġ mill-gallarija ta' San Pietru lill-Kattoliċi biex ma jibżgħux - deher ċar li kien ser ikun hemm interazzjoni profonda bejn it-twemmin reliġjuż ta' Ġwanni Pawlu u s-sehem tiegħu fil-politika dinjija.

Din il-ħila tiegħu biex jagħmel lin-nies iħossuhom komdi li huma Kattoliċi - kif ukoll l-abbiltà li jmiss il-qalb ta' miljuni ta' nies b'mod profond u personali - kienet il-marka ta' bniedem sod li ma jikkompromettix it-twemmin tiegħu.

Wara mewtu huwa xorta baqa' influwenti permezz tal-kitbiet tiegħu li għadhom jisfidaw il-ħażen u jipprovokaw biex isseħħ il-ġustizzja soċjali fid-dinja. Xi nsara u anke sekulari fis-soċjetà tagħna tal-Punent, isibu t-tagħlim ċar tiegħu u mingħajr kompromessi bħala skomdu u jippreferu li jgħixu bħala newtrali fi speċi ta' Svizzera spiritwali.

### *Mingħajr kompromessi*

Il-fehma ta' Ġwanni Pawlu dwar il-politika - kemm jekk ikkaratterizzata mit-tirannija komunista tal-Polonja, jew il-materjaliżmu rampanti tal-Punent, jew il-faqar u n-nuqqas tad-dinjità umana tal-*favellas* tal-Brażil u l-pajjiżi foqra tad-dinja Afrikana li qed jiżviluppaw - kienet ibbażata fuq prinċipji traxxendentali universali li hu jemmen li jistgħu jiggwidaw il-mod kif jitmexxa pajjiż, id-diplomazija, il-politika u l-ekonomija. **It-twemmin tiegħu fil-valur tal-persuna umana - mill-ġuf sal-qabar - wassluh biex jieħu stand mingħajr kompromessi kontra dak kollu li jiddegrada l-bniedem - mill-abort sal-ewtanasja, mill-isfruttament sal-iskjavitù.** Dan ir-rwol profetiku huwa intrinsikament differenti minn "indħil reliġjuż" fil-proċess politiku.

Il-Papa Ġwanni Pawlu wettaq ir-rwol profetiku fid-dinja moderna tagħna permezz tal-enċikliċi tiegħu u d-diskorsi, bil-proklamazzjoni tiegħu tad-dinjità umana, permezz tal-evanġelizzazzjoni tiegħu u permezz tas- sejħa tiegħu għar-rikonċiljazzjoni.

### *Enċikliċi*

Id-dokumenti ta' tagħlim tal-pontifikat tiegħu li jinkludu *Laborem Ezercens, Fides et Ratio, Sollicitudo Rei Socialis, Evangelium Vitae, Familiaris Consortio, Redemptor Hominis, Mulieris Dignitatem, Veritatis Splendor, u Centisimus Annus*, se jibqgħu magħna bħala sors ta' tagħlim għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Profetikament, huwa kien afferma fil-*Fides et Ratio* li: "Il-verità u l-libertà jew imorru flimkien id f'id jew flimkien dawn jitħassru fil-miżerja", u fil-*Familiaris Consortio* huwa qal li: **"Il-futur tal-umanità jiddependi mill-familja."**

Kitbiet tiegħu dwar dak li hu sejjaħ "it-teoloġija tal-ġisem", fuq il-qdusija tal-ħajja umana, u fuq "li tkun" minflok "li għandek" huma partikolarment diffiċli u, paradossalment hija l-ġenerazzjoni żagħżugħa li ħaddmithom. Din hija aktar inklinata li ċċedi xi libertà u awtonomija sabiex tikseb libertà akbar. Fl-*Evangelium Vitae* l-Papa kiteb: "Irrispetta, ipproteġi, ħobb u servi lill-ħajja, kull ħajja umana! Huwa biss f'din id-direzzjoni li tista' ssib il-ġustizzja, l-iżvilupp, il-libertà, il-paċi u l-hena". Dan it-tagħlim ġab bidliet radikali fiż-żgħażagħ

Kattoliċi madwar id-dinja u jibqa' għodda għal dawk il-ġenerazzjonijiet u għall-kontestazzjoni ta' dak li Ġwanni Pawlu ddeskriva bħala "l-kultura tal-mewt."

### *Tfulija Diffiċli*

L-esperjenza personali tal-Papa ta' dik il-kultura bdiet bin-Nażiżmu u totalitarjaniżmu soċjalista. Dan il-ħsieb huwa kompla żviluppah quddiem xeni ta' anti-Semitiżmu li kien jara kuljum, flimkien mal-uġigħ personali u tbatijiet tal-ħajja bikrija tiegħu. Dan kollu għen biex jifforma l-attitudnijiet tiegħu u l-karattru sod tiegħu. Dan ma jistax ikun mod ieħor, meta huwa ġej minn pajjiż li "fuq il-ġisem tiegħu kien mibni Auschwitz" li ra l-qerda ta' miljuni ta' Lhud.

### *Il-qdusija personali*

Il-punt tat-tluq ta' Ġwanni Pawlu kienu dejjem il-qdusija personali u t-talb. B'dan il-pediment żonqri huwa kien kapaċi jirbaħ l-isfidi kollha li kellu. Huwa għallem li jekk aħna nġġeddu fil-fond spiritwalment fuq livell personali, dan jista' jwassal biex soċjetajiet sħaħ jistgħu jinbidlu.

Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien jemmen li l-Knisja ma għandha jkollha l-ebda rwol partiġjan fil-politika: minflok għandha "tikkombatti l-ideoloġiji materjalistiċi, atei, u ripressivi permezz tal-evanġelizzazzjoni" u "tistabbilixxi ekonomija bbażata fuq it-tagħlim Kristjan". Ċentrali għal dan it-tagħlim hija l-kwistjoni tal-*Imago Dei*, jiġifieri, li minħabba li aħna kollha maħluqa fi xbieha ta' Alla aħna lkoll jixirqilna rispett. Fil-kitbiet tiegħu u t-tagħlim tiegħu Ġwanni Pawlu II jipproklama l-fehma konsistenti u kumplessa tad-dinjità tal-bniedem li hu dejjem iddefenda mingħajr kompromessi.



### *Imago Dei*

Il-kunċett ta' *Imago Dei* jista' jiġi applikat f'kull sitwazzjoni. Dan il-kunċett jista', per eżempju, jkun ir-raġuni biex nasserixxu l-ġustizzja għall-foqra jew il-bażi biex nirrifjutaw ir-razziżmu. Meta kien Ġerusalemm ħdejn il-Yad Vashem, il-monument li jfakkar l-Olokawst, il-Papa kien qal: "Il-Knisja tiċħad ir-razziżmu fi kwalunkwe forma għax ir-razziżmu huwa ċ-ċaħda tal-immaġni tal-Ħallieq għal kull bniedem.

Matul il-pontifikat tiegħu Ġwanni Pawlu II kien dejjem jisħaq biex inkunu "sinjali ta' kontradizzjoni", immorru "kontra l-kurrent" u, fuq kollox, biex qatt ma nibżgħu.

### *Papa Pellegrin*

Huwa wettaq diversi vjaġġi biex iżejjaq feriti antiki. Vjaġġi notevoli tiegħu kienu għal Ġerusalemm tal-Punent biex jitlob għall-maħfra għar-reati tal-Kristjani kontra l-Lhud, jew iż-żjara tiegħu fis-sinagoga f'Ruma, jew il-vjaġġ tiegħu lejn Ateni biex ifittex fejqan u rikonċiljazzjoni bejn Ortodossi u l-Kattoliċi Insara. Kienet ukoll sinifikanti l-ewwel żjara tal-Papa għal Moskea, jew il-laqgħa f'Assisi tal-mexxejja spiritwali tad-dinja. L-iskop ta' dawn iż-żjarat u laqgħat kien biex jitlaqqgħu tradizzjonijiet differenti u biex ikun hemm ko-eżistenza ta' twemmin differenti.

**Għalina l-Maltin u Għawdxin, il memorja li ser tibqa' fostna għal dejjem hija taż-żewġ żjarat li Ġwanni Pawlu kien għamel fi gżiritna f'Mejju tal-1990 u Mejju tal-2001.** Naturalment l-ewwel żjara kienet iktar ħajja għax kien għadu f'saħħtu, iżda fit-tieni żjara kien hemm differenza kbira fil-fiżiku tiegħu u rajna Papa mgħobbi biż-żmien u bil-mard. Minkejja dan il-Maltin xorta urew entużjażmu u ferħ kbir biż-żewġ żjarat tal-Papa.

### *L-aħħar jiem*

L-aħħar jiem tal-ħajja tiegħu kienu drammatiċi u segwiti mid-dinja kollha. Huwa baqa' jgħallimna sal-aħħar u forsi l-aħħar wirt tiegħu kien ir-rigal li tana meta uriena kif titħejja għal mewta tajba u biex niltaqgħu ma' Alla. Huwa baqa' profeta, pellegrin, u għalliem - sal-aħħar mument. Dawn il-karatteristiċi kollha jagħmlu lil Ġwanni Pawlu II bniedem kbir. Għalhekk mhix sorpriża li bil-Beatifikazzjoni tiegħu, fil-festa tal-Ħniena Divina fl-1 ta' Mejju 2011 mill-Papa Benedittu XVI, ser titqanqal ħeġġa kbira u qima xierqa lejn Papa Qaddis u Kbir fl-istorja tad-dinja ta' żmienna.

*mariosaliba@gmail.com*

LETTERATURA GĦAWDXIJA

# Min Hu?

*minn* **Ġanninu Cremona**



Kien jagħżel xi muntanja,
xi għalqa jew xi ġnien,
il-folla ddur madwaru
u timla' kullimkien,

biex tisma' l-Bxara t-Tajba
u tara l-għeġubijiet,
għax kliemu kien isaħħar
b'tagħlim u twissijiet.

Min kien, min hu dar-raġel
li ħawwad lill-għorrief
u qaleb wiċċ id-dinja
biex spiċċa bħal tellief?

Kien jgħid "Henjin il-foqra
li jibku u l-imnikktin,
għax huma sabu faraġ
u jkunu mxebbgħin,

u ħobbu lill-għedewwa
u aħfru 'l midinbin
jekk tridu li dnubietkom
ikunu maħfurin.

U min jagħtik bil-ħarta
fuq waħda minn ħaddejk,
dawwarlu n-naħa l-oħra
mingħajr ma terfa' jdejk".

U qal li jħott it-tempju
u jibnieh fi tlitt ijiem,
x'ħin dan ħa erbgħin sena
jinbena dak iż-żmien.

Min kien, min hu dar-raġel,
profeta jew saħħar,
jiġġerra fost l-irħula
bla ħabba u bla dar?

Jarawh fit-tieġ ta' Kana
jibdel l-ilma f'inbid,
ifejjaq, jagħti s-saħħa
'l imġiddem u l-marid.

Jaraw iz-zopop jimxu,
iqumu l-mifluġin,
is-smiegħ jagħti lit-torox,
id-dawl f'għajnejn l-għamjin.

Jarawh jitma' l-miġemgħa
t'eluf b'ħames ħobżiet
u jiġbru tnax-il qoffa
li jifdal bil-biċċiet.

Għall-kelma tiegħu jiskot
ir-riħ u l-baħar kbir,
u wiċċ l-għadira joqgħod
bħall-ilma ta' ġol-bir.

Jarawh ikeċċi x-xjaten
u jqajjem lill-mejtin,
iħaddan bl-akbar għożża
madwaru t-tfal ċkejknin.

Min kien, min hu dar-raġel,
mhux l-iben ta' Marija?
Missieru mhux Ġużeppi
minn Nazaret tal-Galilija?

Min kien, min hu dar-raġel
li n-nies kienu jħobbuh,
biex wara ftit tal-granet
għajtu, "Sallbuh, sallbuh!"?

U rawh għaddej lejn l-għolja
ikarkar is-salib,
u ħadd ma ta kas tiegħu,
ma sab l-ebda ħabib.

U rawh merfugħ fil-għoli
fin-nofs bejn żewġ ħabsin,
minxur fuq salib aħrax
magħdud mal-ħallelin.

Fejn kienu dawk li fiequ,
it-torox u l-għamjin,
fejn kienu dawk li kielu,
fejn kienu l-imxajtnin?

Hemm waħdu, flimkien m'ommu,
ma' Ġwanni u Marija,
weħidhom fuq dik l-għolja
fil-waqt ta' l-agunija.

Ix-xemx kifset u ddalmet,
l-art theżżet mis-sisien
x'ħin ruħu radd lil Alla,
x'ħin miet sid il-ħolqien.

Min kien, min hu dar-raġel
li ħawwad lill-għorrief?
Tassew li mal-mewt spiċċa?
Tassew ħareġ tellief?


LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



# LETTERATURA GĦAWDXIJA

## Għawdxi

*minn* **Francesco Pio Attard**

Irroddlok ħajr, Mulej, li ġibtni Għawdxi
u tajtni ngawdi l-ħlewwa ta' dil-gżira,
dewwaqtni minn żogħriti l-għanja rżina
u l-benna li ġo l-għaġna ttella' l-ħmira.

Ferħan li Għawdxi jien bl-għeruq u x-xniexel
u jiemi ngħoddhom niġri ġo l-għelieqi
inxomm ir-riħa tfuħ li jarmi x-xagħri,
nitlajja mal-widien nosserva s-swieqi.

Riġlejja jħufu sielma, mingħajr biża',
fit-toroq kollha mserrpa ta' l-irħula
fejn djar mibnija b'sengħa qegħdin jgħassu
biċċiet tar-raba' bis-sejjieħ magħżula.

U x'ngħid għalik, ja belt! Mill-għoli tħares,
tiftaħar bil-ġrajjiet tal-qalbenija
u bl-isem l'issa ġġorr u bih iżżejjen
il-ġieħ li fl-għoli jżomm din l-art Għawdxija.

It-tokki, sew jekk hienja, kemm jekk kiebja,
m'hemm ħadd li jżommhom jgħannu l-istess storja,
isejħu xjuħa w ċkejkna lejn l-imqades
biex 'l Alla jiżżu ħajr u jagħtuh glorja.

Mhux b'inqas nies dil-gżira tarmi l-hena
għax Int seddaqt b'imħabbtek u bis-sengħa,
kull għorfa tislet ġrajja mill-imgħoddi
fuq kif dal-ġens ħabriek ftit ftit inbena.

Ma rridx, Mulej, li jkolli għax nitlaqha
din l-art li tant inħobb għax ommi hija,
ħa mmut mitluf jew fqir, bla ħadd jaf ismi,
imbasta għadmi jdub ġo dil-ħamrija.

## Metanoia

*minn* **Alfred Grech**

La tersqax lejja
Għaliex issa li qomt u rxoxtajt
Fis-sbieħ ta' jum ġdid
Irrid negħleb it-tentazzjoni
U dak kollu li dari waqqgħani.

La tmissnix
Għaliex issa li erġajt ġejt f'tiegħi
Il-magħmudija tas-swat u taż-żeblih
Selfitli jiem ġodda ta' ħajja oħra
'Il bogħod mit-tinġiż ta' ġismek
U s-seħer tad-dehra li tmarrad
Fit-telqa tal-waqt.

Itlaq lil hemm
'Il bogħod minn fejn twassal il-ħarsa
Għaliex is-silġ ta' fuq l-għoljiet
Ukoll qed jinħall
Mill-ġdid id-dawl tax-xemx ħaddanni
Xemx tiddi f'miljietha
Qawwa iprem
Mill-gidba moqżieża li biha kont issuqni
Ja xbiha midinba
Ja għodda tad-dnub.

La tmissnix
Għaliex għadni dgħajjef
It-tbiċċir tas-swat u tat-tortura
Ħallew ir-radda tagħhom fuq ruħi magħġuna
Itlaq 'l hemm u 'l hawn le tersaq
Imkien qaddis fejn ninsab issa
Quċċata għolja
Fejn il-qawwiet tal-ħażen ma jilħqux
Lanqas il-ġibda taż-żina ma ttabba'
Il-quċċata tal-ħelsien.

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: **21561212/3** Valletta: **21235772** or **info@jpetravel.net**

*Siltiet mit-tagħlim tal-mejjet Mons. Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi miġbur fil-kotba "Il-Kelma tar-Ragħaj, Vol.VII*

# IL-KNISJA U L-KU



## 1 NOBDU L-KNISJA JEW IL-KUXJENZA?

Ħafna jgħidulek li l-kuxjenza għandha primat fuq l-għemejjel tal-bniedem.

Iżda biex il-kuxjenza tiggwidika u tagħti parir tajjeb, hemm bżonn li tkun imdawla u ffurmata.

Il-kuxjenza tista' tkun fid-dlam u żbaljata.

Għalhekk huwa dmir tal-persuna responsabbli li qabel kollox iddawwal il-kuxjenza tagħha.

**Biex nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin, aħna l-Kattoliċi għandna t-tagħlim ta' Kristu li huwa bħal dawl qawwi għall-kuxjenza tagħna.**

Id-dawl tal-Vanġelu ma jagħmilx vjolenza fuq il-kuxjenza, imma fih hemm l-eżiġenza tal-verità.

Għaliex it-tagħlim tal-Vanġelu huwa verità li jiġbed lejh il-kuxjenzi tagħna u jgħinhom biex jiskopru l-verità bl-istess qawwa tal-grazzja li jagħtina Alla.

## 2 KRISTU U L-KNISJA

Kristu qalilna li waqqaf il-Knisja biex tkompli l-missjoni tiegħu. Huwa bagħat lill-Appostli biex jgħallmu u jagħmlu dak li għallem u għamel Hu.

Għalhekk aħna l-Kattoliċi ma nistgħux ma nagħtux kas tat-tagħlim tal-Knisja.

Il-Knisja tkompli twasslilna l-messaġġ ta' Kristu

- tfisserulna
- u taġġornah għaċ-ċirkostanzi storiċi ta' kull żmien.

**In-Nisrani ma jistax jgħid li għalih biżżejjed id-dawl tal-għerf naturali jew tal-Vanġelu għax jekk hu jinjora l-Knisja, ma jkunx iwettaq ir-rieda ta' Kristu.**

**Il-Kattoliku li ma jagħtix kas tat-tagħlim tal-Knisja, ma għandux kuxjenza mdawla biżżejjed.**

## 3 L-GĦAŻLA TAGĦNA

**Min ma jaċċettax it-tagħlim tal-Knisja, ma għandu l-ebda jedd jissejjaħ Kattoliku.**

**Jekk min jaġixxi kontra t-tagħlim tal-Knisja**

Dawl għall-Ħajja

Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca

# XJENZA NISRANIJA



**jaħseb li hu Kattoliku, ikun jinganna lilu nnifsu, u lill-oħrajn.**

Għalhekk tajjeb li nagħmlu l-għażla tagħna

- Il-Knisja mhix tisfurzana biex naċċettaw it-tagħlim tagħha
- Hija tipproponilna t-tagħlim biex aħna nifluh u bil-għajnuna tal-grazzja naslu biex naċċettawh.

## 4 MA GĦANDNIEX NIPPRETENDU LI NGĦAWĠU L-LIĠI T'ALLA

Imma nkunu niżbaljaw jekk naħsbu li għandna xi jedd li nbiddlu l-Liġi t'Alla.

**Jekk aħna verament Kattoliċi, għandna nbaxxu rasna quddiem il-Liġi ta' Kristu kif twassalhielna l-Knisja.**

Ma għandniex nippretendu li ngħawġu jew inbiddlu l-Liġi t'Alla kif jaqbel lilna...

## 5 ID-DAWL TAT-TAGĦLIM TAL-KNISJA

Jekk ma nifhmux dawn il-prinċipji żgur ser niżbaljaw.

**Fi żminijietna nisimgħu**

- **b'min ifaħħar id-divorzju**
- **jitkellem favur l-abort**
- **u dwar affarijiet oħra li ma jaqblux mat-tagħlim ta' Kristu u l-Knisja.**

**Aħna għandna d-dawl tat-tagħlim nisrani u tal-Knisja bħala għajnuna biex niffurmaw u ndawlu l-kuxjenza tagħna.**

*(Il-Knisja u l-Kuxjenza Nisranija, 23 – 03 – 1999)*

**"IVA" GĦAD-DIVORZJU IFISSER "LE" LIL KRISTU**

Kif Niftakar l-Isqof Cauchi

# Student u Għalliem...
## L-Isqof Cauchi pijunier fit-tixrid tal-kultura Nisranija f'pajjiżna



kitba tal-Arċ. Mons. JIMMY XERRI



Meta rċivejt l-aħbar li l-Isqof Cauchi kien miet kont qiegħed bil-bagalja f'idi, lest biex ftit wara mmur lejn l-ajruport ħalli nivvjaġġa lejn Maceio. Ma kellix inkun hawn għall-funeral tiegħu. L-aħħar li rajtu ħaj kien fl-iSptar Mater Dei. U hemmhekk rajtu mejjet ukoll, ftit ħin wara li miet. Niftakar li dik il-ħarsa li kien ta l-Isqof xħin kien għadu ħaj fil-*ward* kienet qisha ta' wieħed li kif jgħidu bl-Ingliż, "*he was letting go*", kien jaf li l-mument kien wasal biex iħallina. Il-proġett li Alla kien ħejja għalih kien wasal biex jidħol għal fażi oħra.

Meta ġejt lura mill-Brażil mort l-Għarb għand il-familjari tal-Isqof biex inrodd lura ritratt li l-Isqof Nikol Cauchi kien silifni ħafna snin qabel u li kien baqa' għandi. Dan ir-ritratt huwa mwaħħal fuq *students' card* li hu kien juża meta kien jivvjaġġa bit-trasport pubbliku dment li kien jistudja fl-Italja. U forsi dak hu l-mument ta' ħajtu li jiġbor fih, bħal fi flixkun, l-essenza, dak kollu li żvolġa wara, meta kien Ragħaj.

L-Isqof Cauchi kien "student", għax kien jistudja. U kien jistudja biex jifhem iktar lill-bniedem, biex jgħin iktar lill-bniedem. Kien "kosmopolita" fil-viżjoni tiegħu. Dak li jara jsofri bniedem f'xi art imbiegħda kien jifhmu u jagħdru bħal meta kien isir hawn, qrib tiegħu. Meta kont se mmur il-Brażil, niftakar li kien qalli: "Jien ukoll darba twebbilt bis-sħiħ, biex immur nagħmel esperjenza missjunarja". Kien jinteressa ruħu ħafna li jkun jaf kif qed tfendi l-Knisja f'pajjiżi oħrajn.

L-Isqof Cauchi kien "student" kontinwu, dejjem lest li jifhem. Jiġbor u jgħożż ideat ġodda mhux biex sempliċement ikollu idea ġdida fiha nfisha, sabiħa għan-novità tagħha, imma biex ikun *at pace* ma' dak li qed jingħad u jsir interpretu ta' sitwazzjoni u gwida għal min ifittex is-sewwa. Ma kellux għalfejn jippreżenta xi ideat ġodda li joħolqu furur, minkejja li l-intelliġenza tiegħu żgur li kellha ħila kbira għal dan. Iktar kien jinteressah li juri r-radikaliżmu tal-Evanġelju fis-sens li l-Evanġelju jibdilna fir-*radix*, "l-għerq" ta' ħajjitna. L-Isqof Nikol Cauchi kien mehdi li jara li l-kultura tkun waħda Nisranija. Kien jgħid li mhux ix-xogħol tagħna li noħolqu xi kultura ġdida imma li din il-kultura li għandna, bil-mezzi medjatiċi kollha li jinsabu fiha, trid tiġi mlaqqma bil-messaġġ dejjiemi tal-Evanġelju mqaddes.

Hu b'dan li qed ngħid wieħed jifhem għaliex l-Isqof Nikol Cauchi kien juża kull mezz li jiġi quddiemu biex iwassal dak li tant kien jemmen fih, l-Evanġelju. Niftakar li darba tani xogħlijiet tiegħu li kitibhom meta kien żagħżugħ fl-Għarb, jieħu sehem fuq il-palk. Kiteb *sketches* qosra li kienu nħadmu għall-Milied mit-tfal. L-istess studji soċjali li għamel u l-persunaġġ li studja dak ta' Don Sturzo, kien wieħed li kkontribwixxa fil-kamp tal-politika u li kien wera li kuntrarjament għal dak li kien qalu għal ħafna snin, in-Nisrani jbiddel is-soċjetà mhux billi jaħrab minnha u jħalli l-vakwu li mbagħad jimtela bil-faxxiżmi ta' kull żmien, imma billi jagħmel proposta Nisranija dwar kif għandha tkun il-politika.

Meta saret il-preżentazzjoni tal-ktieb bl-artikli tal-Isqof Cauchi, kont għedt li l-Isqof kellu sens kbir tas-sagru, u li ma kienx motivat minn l-immedjatiżmu imma biss minn viżjoni li kellu ta' kif għandu jkun il-bniedem li jrid jgħix xbiha ta' min ħalqu. Kellu ċerta urġenza f'dak kollu li kien jagħmel bħal donnu li ried jasal fl-aħħar u jgħid "għamilt dak li kelli nagħmel".

L-Isqof Nikol Cauchi kiteb ħafna, ħadem qatigħ u kif jgħidu l-Brażiljani għex *despojado*, jiġifieri kien jagħmel minn kollox biex jgħin lil xi kawża ġusta, u lil min għandu bżonn xi ħaġa. Niftakar li meta xi ħadd kien jitolbu xi ktieb biex jagħmel riċerka, kien jipprova jsib xi materjal immedjatament hekk kif konna naslu lura s-Seminarju mill-Kurja.

L-Isqof Nikol Cauchi għadda ħajtu jistudja u jfittex, jgħallem u jmexxi l-kultura 'l quddiem sabiex ikollna soċjetà f'saħħitha. Illum l-"istudent" li fittex id-dawl mar jiltaqa' mal-Għajn, mad-Dawl innifsu.

*Għext il-Mandraġġ (7)*

# *Mezzi ta' Trasport u Sport ...tifkiriet li jġagħluk titbissem!*



*kitba ta'* ANTON SPITERI

**Il-Mandraġġ huwa parti mid-dawra tal-purċissjoni. Id-djieq joħloq diffikultà għall-istatwa ta' Santa Marija u għall-vara l-kbira tal-Ġimgħa l-Kbira. Karozzi ftit kienu jgħaddu, imma meta kienet tgħaddi xi karozza, is-sewwieq kien ikollu jistenna li n-nisa li kienu jkunu qed jaħdmu l-bizzilla jqumu u jwarrbu s-siġġijiet. Minn Triq Santa Marija tgħaddi karozza ħażin, ħażin, biss min jidħol fi Triq il-Karmnu jissogra li jinqabad f'xi sqaq u jkollu jistenna li jerfgħuh bil-karozza b'kollox biex joħroġ.**

Fi tfuliti minn dawn l-inħawi kienu jgħaddu sewwieqa bil-muturi, xi nies bir-rota, u oħrajn bil-karettuni. Kien hemm karettuni b'żewġ lasti biex timbotta minnhom, karettuni tat-tmun b'roti aktarx ta' xi karozza tat-trabi u karettuni miġbuda minn bhima. Sakemm il-ħmar ma kienx iġib ruħu ta' li hu kien jgħaddi bla xkiel. L-akbar periklu kien il bagħal li kien jgħaddi b'saħħtu kollha, kien jobrox il-ħitan u kien inaqqax il-kantunieri, u kien iġorr miegħu xi siġġu ta' dawk li kienu jaħdmu l-bizzilla jew xi purtiera tal-qasab (ħasira). Meta xi ħadd kien iħalli l-karozza tiegħu hemm kien ikompli jdejjaq it-triq u jdejjaq ukoll lil min kien joqgħod hemm. Il-ġwież kien ikollu jinħatt u jinġarr fuq l-ispalla. Allaħares kienet taqbad xi dar għaliex kien ikun diffiċli twassal l-ilma fuq il-post. Jekk tat-tifi tan-nar kienu jsibuha bi tqila, l-ambulanza kienet issibha bi tqila wkoll biex tidħol. Il-qtates biss kienu kuntenti bid-djieq tat-toroq għax kienu jaqbżu l-bjut min-naħa għal oħra.

Il-karozzi jew *prams* ta' meta konna trabi kienu jintużaw biex jinġarru xkejjer tal-ħaxix, u aħna t-tfal konna nużawhom biex intellqu bihom. Meta l-*prams* kienu jinkisru, konna neħdulhom ir-roti biex nagħmlu karettuni tat-tmun. Fuq quddiem konna nużaw ir-roti tal-*pushchair* u fuq wara konna nużaw roti tal-*prams.* Xi karettuni kien ikollhom roti tal-burrejs (*ball bearings*) li għalkemm ma kinux jimxu ħafna kienu jagħmlu ħoss ta' mutur. Dawn il-karettuni kienu jkunu iżgħar u aktar baxxi. Dan il-passatemp tagħna kien perikoluż għall-ġirien u kien ikun hemm min kien jaqla' xi tbenġila f'saqajh għax ikun daħal xi ħadd ġo fih. Kien hemm brix fil-ħitan u għad hemm boxla (antiporta) li baqgħet difettuża sallum wara li karettun minn tagħna baqa' dieħel ġo fiha. Lil-bajsikils konna nagħmlulhom kartuna tas-sigaretti mal-ispuz biex jinħoloq ħoss ta' mutur x'ħin ir-rota ddur. Id-dawl tar-rota kien ikun bid-dajnamu u din kienet l-ewwel esperjenza tagħna ta' enerġija nadifa. Ma rridx ninsa l-iskuter li kien ikun magħmul minn żewġ roti tal-burrejs jew tal-ispuz.

Logħba perikoluża oħra kienet meta konna niġru wara xi trakk jew karozza. Il-kbar konna nwerwruhom u kellhom raġun. L-istess konna nagħmlu meta konna naraw xi karettun, konna nippruvaw nieħdu xi magħsel (zokk tas-silla aħdar) jew xi tadama. Meta kien jgħaddi xi ħmar kien ikun faċli biex nitilgħu fuq il-karettun li kien ikun baxx. Meta kien jgħaddi l-karettun tal-bagħal kienet tkun storja oħra. Il-karettun kien ikun ogħla u mhux lakemm kont titla' fuqu. Jekk konna niddendlu mal-karettun sidu kien jagħmel bħal ta' quddiemu u jagħtina xi daqqa ta' frosta.

Periklu ieħor li konna nfittxu kien it-taraġ. Xi wħud kienu jinżlu t-taraġ bir-rota jew b'xi karettun. Konna nagħmlu mħatri min kien jaqbeż l-aktar turġien. Xi drabi konna nużaw tavla biex niżżerżqu t-taraġ kollu.

Il-kennies li kien inaddaf triqitna kien jiġi bil-karretta. Aħna kellna ukoll karretti żgħar b'żewġ roti u żewġ lasti biex nimbuttaw minnhom. Waqt il-logħob konna norbtu xi kelb u konna nerħulu jiġri b'kollox, aktarx imwerwer. Karettuni li nsejt insemmi qabel u li kienu jintużaw għall-kummerċ kienu dawk tal-pitrolju, tal-melħ, tal-ħaxix u dawk li jbigħu minn labar sa borom. Kien hemm karettuni bil-kaxxa li jġorru ż-żrar, oħrajn b'gaġġa għat-tjur u dawk bi grada għan-nagħaġ u l-mogħoż. Ma rridx ninsa lil tal-Mezzan li fis-sajf jiġi wara nofsinhar, kien jiġi b'karettun ibigħ il-granita mill-bezzun mdawwar fis-silġ.

Għal fuq l-art kien hemm il-vapur ukoll. Għalina dan kien karettun b'żewġ roti magħmula minn irkiekel tal-ħajt (tal-injam), u b'żewġ lasti biex timbotta minnhom. Il-vapur kien jiżżejjen b'karti kuluriti qishom bnadar jew qlugħ. Konna nimpikaw min kien jagħmel l-isbaħ u l-iktar b'saħħtu. X'ħin konna nixbgħu minnhom konna nagħmlu ġlieda bihom u konna nagħtuhom in-nar. Fl-ilma konna nużaw dgħajjes tal-landa u tal-injam. Id-dgħajsa minn weraq taċ-ċuplajs (weraq tal-Indja) konna nagħmluha billi nieħdu nofs werqa għal tulha, niftħuha u fin-nofs konna npoġġulha biċċa qasba jew zokk biex tibqa' miftuħa minn żaqqha. L-għaxqa tagħna kienet min jgħarraqhom bit-tfigħ tal-ġebel. Il-ħażin kien meta konna niġġieldu u nitfgħu il-ġebel lil xulxin. Naturalment dan it-tip ta' logħob kien isir f'Wied il-Lunzjata jew lejn taħt ta' Xkora fejn fix-xitwa kien ikun hemm l-ilma tax-xita għaddej. Dawn it-tifkiriet iġagħluk titbissem!




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Id-Disgħa u Tletin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-KARROZZIERA (2)*

***In-Nolijiet tal-Karrozzini***

Fl-Arkivju Nazzjonali Għawdex irnexxielna nsibu lista ta' nolijiet biex pazjenti li joħorġu mill-isptarijiet ta' Għawdex ikunu jistgħu jitwasslu fi djarhom bil-karrozzin. L-offerta kien rebaħha Ġużepp Caruana, tal-Kelies, li kien joqgħod 26 Triq San Duminku, ir-Rabat, u kienet tgħodd għall-perijodu bejn is-16 ta' Marzu, 1925 u s-16 ta' Marzu, 1926.

***In-nolijiet kienu dawn:***

Mir-Rabat sa
Casal Caccia (ix-Xagħra): 1/- kull vjaġġ.
Ghainsielem (Għajnsielem): 1/- " ".
Casal Kala (il-Qala): 1/1½ " ".
Migiarro (ix-Xatt): 1/1½ " ".
Casal Nadur (in-Nadur): 1/1½ " ".
Casal Sceuchia (ix-Xewkija): -/9½ " ".
Zebbug (iż-Żebbuġ): -/10 " ".
Marsalforno (Marsalforn): -/11 " ".
San Lorenzo (San Lawrenz): -/11 " ".
Casal Sannat (Ta' Sannat): -/8 " ".
Sta Lucia (Santa Luċija): -/8 " ".
Kercem (Ta' Kerċem): -/6 " ".
Fungus Rock (id-Dwejra): -/11 " ".
Ghammar (Ta' Għammar): -/11 " ".
Ghasri (l-Għasri): -/9½ " ".
Gharbo (l-Għarb): -/10½ " ".
Contagious Dis. Hospital (Lazzarett): -/6 " ".

(Tifsir: 1/- = xelin; 1/1½ = xelin u sold u nofs; -/6 = sikspens; -/11 = ħdax-il sold. Sold = 1ewroċenteżmu; xelin = tnax-il ewroċenteżmu).

F'din il-lista narawha ħaġa stramba kif kien hemm nol għad-Dwejra, imma x-Xlendi lanqas biss jissemma. In-nol għal Wara Ta' Għammar kien għoli meta mqabbel ma' dak tal-Għarb, wisq probabbli kien hemm it-triq ħażina ħafna. L-irħas nol kien dak ta' Lazzarett, għandu mnejn għax kien isir spiss mhux ħażin f'dawk iż-żminijiet.

***Iżjed nolijiet***

Minn Lazzarett sa
Victoria (Ir-Rabat): -/9½ kull vjaġġ.
C. Caccia (ix-Xagħra): -/9½ " ".
Ghainsielem (Għajnsielem): -/9 " ".
Migiarro (ix-Xatt): -/9 " ".
Casal Kala (il-Qala): -/10 " ".
Gharbo (l-Għarb): 1/4 " ".
Fungus Rock (id-Dwejra): 1/4 " ".
Għasri (l-Għasri): 1/2 " ".
Ghammar (Ta' Għammar): 1/2 " ".
Kercem (Ta' Kerċem): -/10 " ".
Sta Lucia (Santa Lucija): -/10 " ".
Marsalforno (Marsalforn): 1/1 " ".



Casal Nadur (in-Nadur): 1/- " ".
Casal Sannat (Ta' Sannat): -/10 " ".
San Lorenzo (San Lawrenz): -1/3 " ".
Sceuchia (ix-Xewkija): -/3 " ".
Zebbug (iż-Żebbuġ): 1/- " ".

In-nolijiet kollha msemmija hawn fuq ma kinux dawk li kienu jħallsu l-passiġġieri normali li ta' kuljum kienu jmorru mir-Rabat għall-irħula, imma kienu l-irħas nolijiet skont l-offerta tal-Gvern. In-nolijiet tal-passiġġieri l-oħra kienu xi ftit ogħla.

B'dana kollu ma rridux ninsew li ħafna nies mill-irħula Għawdxin kienu jiġu r-Rabat u jmorru lura bil-bhima u karrettun privati tagħhom li kienu jħalluhom fit-truf tar-Rabat u mbagħad jidħlu bil-mixi.

Ngħidu issa xi aneddoti marbuta ma' żmien il-karrozzini f'Għawdex.

***Suq bil-mod u doqq kemm tiflaħ!***

Jingħad li l-Monsinjur ta' Peppu Belli f'xi festa kbira, bħal Santa Marija, kien jitla' l-Katidral bil-karrozzin. Kien iżomm ma' Tal-Ljun u jbati xi ftit bil-vanaglorja. Allura jingħad li lil tal-karrozzin kien igħidlu: Suq bil-mod u doqq kemm tiflaħ! Għax il-Monsinjur kien ikun liebes l-ilbies prelatizju ta' Monsinjur u allura kien jieħu gost jarawh għaddej liebes gala u bil-karrozzin! U kien jaf ukoll li mhux kulħadd kien jieħu gost bih!

***Loretu Xuereb u l-ewwel karrozza***

Meta Loretu Xuereb (tal-Ħarti, mill-Qala) ġieb l-ewwel karrozza tal-passiġġieri hekk imsejħa "tan-nar" fis-snin għoxrin tas-seklu 20, tal-karrozzini riedu jagħmlulu gwerra u tefgħulu ħafna msiemer fit-triq biex jifqgħulu t-*tyres* għax mill-ewwel indunaw li l-karrozza tan-nar ma kintix se ddum ma tieħu post il-karrozzin. U fil-fatt hekk ġara, għax wara t-Tieni Gwerra dinjija bdew jonqsu u kważi nqatgħu għal kollox ħlief dawk li kienu jakkumpanjaw il-karru tal-mejtin.

***Jakkumpanjaw il-Mejtin***

Il-karrozziera li kienu jaħdmu mal-karrijiet tal-mejtin u li aħna niftakruhom tajjeb kienu dawn:

**Wiġi Farrugia**, ż-Żombor, mir-Rabat,
**Ġużepp Said**, ta' Ġwann, mir-Rabat,
**Ġużepp Farrugia**, it-tifel taż-Żombor.

Il-Karrijiet tal-Mejtin ma kinux jeżistu f'Għawdex qabel is-seklu 20 għax nafu li meta nfetaħ iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, li kien tbierek fis-6 ta' Frar, 1895, mill-Arċipriet tal-Katidral ma kienx hemm biex jinġarru mejtin minn Lazzarett għaċ-ċimiterju.

Is-sidien tal-Karrijiet tal-Mejtin f'Għawdex kienu dawn.
**Ġużepp Farrugia**, il-Funny, mir-Rabat,
**Toni Camilleri**, ta' Ester, mir-Rabat,
**Peppu Farrugia**, iż-Żombor, mir-Rabat.

Iċ-Ċimiterju tal-Barmil hu tal-Gvern u oriġinarjament kien inbena biex fih jindifnu l-infettati b'mard li jittieħed li kienu jmutu f'Lazzarett. Minħabba li dan iċ-Ċimiterju jinsab imbiegħed sewwa mir-Rabat, għalkemm skont il-



Knisja jinsab fil-konfini tar-Rabat, il-mejtin minn din il-lokalità u minn postijiet oħra li ma kellhomx iċ-ċimiterju tagħhom, allura kienu jittieħdu bil-karru misjuq minn żiemel wieħed jew minn parilja, jiġifieri żewġ żwiemel li xi drabi kienu jkunu mgħottija bil-faldrappa sewda. Kien hemm ukoll il-karru tal-fqar li kien bla ħġieġ.

Fit-triq l-ewwel kien jimxi l-karrozzin li ġo fih kien ikun hemm qassis u abbati li kienu jakkumpanjaw il-mejjet, imbagħad jimxi l-karru, li ħafna drabi kien ikollu fuqu xi kuruni tal-ward. Kuruni oħrajn kienu jkunu ġewwa l-karru fuq it-tebut.

***Karrozzin f'inċident serju***

Qabel ma spiċċaw għal kollox, fl-istorja tal-karrozzini f'Għawdex niltaqgħu wkoll ma' inċident xi ftit serju.

Darba, Ġużepp Said ta' Ġwann kien ġej bil-karrozzin tiegħu min-naħa tal-Għarb. Meta wasal ħdejn il-Loġoġ tal-Ħammimiet iż-żiemel qabeż bih ġewwa għalqa f'dawk l-inħawi. Raġel li ra l-inċident mar jiġri għand Ġużepp Farrugia l-Funny li kien joqgħod mhux 'il bogħod wisq, u qallu biex imur jagħti l-għajnuna. Marru hu u t-tifel. It-tifel ħa ż-żiemel fl-istalla fejn kien is-soltu jqiegħdu sidu fi Strada Palma (illum il-ħanut Nru. 12), u l-missier ħa lil Ġużepp l-isptar bil-karrozzin tiegħu. Imma wara xi xahrejn, ta' Ġwann miet, aktarx bil-qatgħa. Imbagħad beda joħroġ bil-karrozzin it-tifel tiegħu.

Fi żmien l-aħħar gwerra (1939-1945) billi l-petrol kien skarsa kienu reġgħu bdew jaħdmu l-karrozzini.

Wara s-snin sittin kienu saru diversi tentattivi biex almenu xi karrozzin jerġa' jibda jidher fit-toroq Għawdxin, imma jidher li dawn fallew kollha għax il-karrozzini f'Għawdex żmienhom kien għadda.

*(Ħafna minn dan it-tagħrif ingħatalna minn Toni Farrugia, magħruf bħala Il-Funny, mir-Rabat, Għawdex. Ħajr imur ukoll lil Toni Calleja, tal-Għasri).*

*(Nota: Nafu li baqa' iżjed tagħrif x'jinġabar rigward dan is-suġġett. Xi tagħrif jista' jiġi rranġat jew miżjud Min ikun irid jikkontribwixxi xi ħaġa għandu jikkuntattja lill-awtur).*

*Rapport*

# "Eko-Għawdex"...

## *Viżjoni li tista' titwettaq biss bis-sehem tiegħek*

*kitba ta'* ANDREW FORMOSA mill-Ministeru għal Għawdex

**Il-poeta Irlandiż Jonathan Swift darba qal li "l-viżjoni hi l-arti li tara l-inviżibbli". Bil-proġett ambizzjuż ta' *eko-Għawdex*, il-Gvern nieda viżjoni għal din il-gżira; viżjoni, imma, li ma tistax titwettaq jekk l-ewwel ma tkunx adottata bħala l-viżjoni tal-poplu Għawdxi. Mhix viżjoni li titwettaq bil-flus biss – dawn jiġu u jmorru, anki jekk bi ftit tbatija! – u lanqas bil-kliem sabiħ fuq dokumenti u strateġiji ppjanifikati sewwa, imma billi niesna trawwam fiha kultura li tirrispetta iżjed l-ambjent li fih tgħix u tixtiequ aħjar.**

Bil-viżjoni *eko-Għawdex* il-Gvern m'hu jagħmel xejn iżjed ħlief ilaħħam bi struttura, iffinanzjata minn fondi ċivili u Ewropej, ix-xewqat sbieħ tagħna lkoll għall-gżira Għawdxija. Allura, iktar milli kwistjoni ta' kif nistaqsu jekk dan il-pjan tal-Gvern hux biss diskors sabiħ fuq il-karta, aktar hi kwistjoni ta' x'sa nagħmlu aħna – in-nies komuni biex ngħinu ħalli jitwettaq... Trid tkun viżjoni ta' poplu din, biex dak li ħaddieħor mhux qed jara, għalina mhux biss isir possibbli imma reali!

L-attenzjoni lejn mentalità iktar "ekoloġika" kull ma jmur qed tikseb prijorità fid-deċiżjonijiet tal-pajjiżi tad-dinja. Għawdex, żgħir fid-daqs u limitat ekonomikament, jaf li għalih m'hemmx triq oħra ta' sopravivenza ħlief dik li jsir jaf joħloq soċjetà sostenibbli, mhux biss ekonomikament, imma wkoll ambjentalment u soċjalment. In-novità ta' din l-istrateġija hi li għall-ewwel darba tħares lejn dawn it-tliet oqsma f'sinerġija ma' xulxin, wieħed bżonn ta' l-ieħor.




Dan ma jistax isir mingħajr l-għajnuna ta' "komunità ħerqana" li lesta tagħmel passi ta' progress, imterrqa fuq mogħdija antika u bi storja għanja li titlob rispett u konservazzjoni. Illum nifhmu li l-progress ma jsirx billi neqirdu dak li għandna u nimlew postu bil-ġdid, imma billi nużaw b'mod aktar intelliġenti r-riżorsi disponibbli għalina. Imma kollox idur ma' kemm aħna tassew *lesti* li dan nagħmluh! B'hekk Għawdex isir gżira li fiha ngawdu aħna, jgawdi l-ambjent tagħna b'inqas pressjoni fuqu, u jgawdu wkoll dawk li jiġu jżuruna. Il-viżjoni *eko-Għawdex* hi mmirata qabelxejn biex tistimula lill-poplu tagħna għal riflessjoni: fi żmien meta l-ġenerazzjoni Għawdxija li tielgħa kważi kollha tirraġuna li Għawdxi żgur m'għandux futur fuq dil-ħolqa ta' gżira, nistgħu aħna nsibu mezzi effiċjenti u ta' kwalità li bihom insostnu lilna nfusna u lis-soċjetà "mikrokożmika" tagħna? It-tweġiba mhix faċli... imma lanqas hi impossibbli!

Kien għalhekk li l-Ministeru għal Għawdex, fil-Baġit tal-Gvern f'Novembru 2009, bħala parti mill-wegħda elettorali ta' l-2008, ressaq quddiem is-soċjetà Maltija proposta valida, wara li kien sema' l-pariri ta' xi 130 espert, imma wkoll ta' kull min għandu interess veru fil-gżira tagħna. Hu sejjaħ lis-soċjetà ċivili kollha, lill-għaqdiet ambjentali u lill-NGOs, biex jagħtu s-sehem tagħhom fit-tiswir ta' dan il-ħsieb. Ir-rispons ma kienx żgħir: iktar minn 1,500 bejn suġġerimenti u kummenti, li juru kemm l-interess f'dan il-proġett tal-Gvern mhux insinifikanti! Il-proċess ta' konsultazzjoni kien u, f'ċertu sens, għadu miftuħ, biex nissoktaw nagħmlu iżjed realistiku dak li qed nipproponu, u kulħadd jista' b'xi mod jidentifika ruħu miegħu. Mhux biss irridu nħarsu dak li għandna, imma l-miri tagħna huma mitfugħa 'l quddiem, f'futur li fih nixtiequ naraw lil Għawdex iktar sostenibbli, fejn l-ambjent – l-istil ta' ħajja, il-kultura, ir-riżorsi, u għalhekk l-identità Għawdxija kollha – hu rrispettat u




mħaddem għall-ġid komuni. Kieku l-Gvern ma kienx jemmen li fil-qalb ta' dan il-poplu hemm potenzjal aqwa minn dak li kapaċi jasal għalih illum, kieku tassew kien ikun moħli tant xogħol fuq strateġija bħal din!

Naturalment il-proposti huma ħafna, u nafu li s-suċċess ta' l-iżvilupp ta' Għawdex jitkejjel fuq medda twila ta' żmien. Għalhekk il-Gvern kien prattiku biżżejjed biex qassam il-pjan, mifrux bejn l-2010 u l-2015, u fuq perjodi suċċessivi. L-ewwel wieħed, imniedi f'Novembru, ikopri l-ewwel tliet snin (2010-2012). Id-dokument jipprovdi miri ċari u mhux inqas minn tmenin proposta prattika għall-iżvilupp sostenibbli tal-gżira, li jvarjaw minn investiment ta' kwalità f'impjiegi ġodda għal bini ta' ċentri ġodda ta' riċerka; minn alternattivi għall-konsum ta' l-enerġija għal miżuri ġodda fil-qasam tat-trasport; minn reklamar iktar effettiv ta' l-agro-turiżmu Għawdxi għal għajnuna lill-bdiewa lokali; minn żrigħ ta' siġar għal tindif ta' widien; minn promozzjoni ta' l-użu ta' l-ilma tax-xita fid-djar għat-twaqqif ta' impjanti ta' l-iskart; minn *master plan* għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għal siti ġodda ta' l-ikkampjar fil-kampanja; mir-restawr ta' siti preistoriċi għall-appoġġ tal-ħidma volontarja. Il-pjan ma jrid iħalli xejn barra mill-oqsma l-aktar importanti tas-soċjetà Għawdxija li għandhom bżonn jiġu indirizzati: l-ekonomija, l-ambjent, is-soċjetà, flimkien ma' l-identità u l-kultura.

Bla dubju, il-proposti huma sbieħ fuq il-karta, imma qegħdin hemm bħala l-ewwel pass għall-implimentazzjoni, bl-għajnuna ta' kull ċittadin Għawdxi. Naqraw: "Hu ċar li kulħadd għandu jagħti sehmu – anki fuq livell individwali – biex il-proġett ta' *eko-Għawdex* jista' jħalli l-frott mixtieq". U, għal min għandu għajnejh miftuħa tajjeb, il-Gvern diġà beda jwettaq ftit ftit dak li d-dokument jipproponi.

Diġà bdejna naraw uħud mill-proposti jsiru realtà... Fost l-oħrajn ġiet imnedija l-iskema għar-restawr ta' rdieden tar-riħ. F'dawn l-aħħar xhur saru wkoll xogħlijiet f'diversi widien biex jitneħħa l-iskart u materjal żejjed u jiżdied il-volum għall-ħażna tal-ilma tax-xita. B'dan il-mod, id-dipendenza fuq l-ilma tal-pjan – speċjalment mis-settur tal-Agrikoltura mistennija tonqos. Dan l-aħħar rajna l-Wied ta' Żejta jitnaddaf minn 18,000 tunnellata ta' materjal. Tnaddaf ukoll il-wied ta' Marsalforn. Proġett ieħor ta' tisbiħ huwa r-restawr tal-ġnien pubbliku ta' *Villa Rundle* li jkopri madwar 15.000 metru kwadru. Dan il-proġett ifisser investiment ta' kważi €2.5 miljun minn fondi Ewropej li ser iwasslu biex dan il-ġnien pubbliku fil-qalba tar-Rabat, isir attrazzjoni kemm għall-Għawdxin kif ukoll għall-Maltin u barranin li jżuru Għawdex. F'Marsalforn ukoll qed jinbena ġnien ġdid bi spazji miftuħa għall-familji kif ukoll aktar siġar. Il-masġar *Papa Ġwanni XXIII* qrib il-port ta' l-Imġarr ukoll sa jgawdi minn proġett ieħor ta' afforestazzjoni u mistenni li dan il-bosk jirdoppja fl-art li jkopri. Fix-xhur tas-Sajf tħabbret skema oħra biex tgħin aktar nies jużaw l-enerġija solari: il-Gvern ħabbar li stabbilixxa *feed-in-tariff*, u li għal Għawdex, din it-tariffa kienet se tkun ogħla minn dik applikata f'Malta. Fil-fatt, il-*feed-in-tariff* tagħti lura lil kull resident Għawdxi 28 ċenteżmu għal kull *unit* li jipproduċi minn sorsi alternattivi. Saret konferenza internazzjonali dwar l-agrikoltura organika u eko-Għawdex fejn ġew diskussi *issues* kurrenti u l-iżvilupp ta' *policies* Ewropej ġodda fl-agrikoltura organika. Bħalissa għaddejjin taħdidiet fid-dettall bejn l-Università ta' Malta u l-Ministeru għal Għawdex biex jitwaqqaf Ċentru għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni fl-Agrikoltura f'Għawdex. Sadanittant jinsabu għaddejjin xogħlijiet ta' ristrutturar ġewwa l-*Farm* tal-gvern fix-Xewkija fejn ser jitwaqqaf dan iċ-ċentru. Saru diversi laqgħat ta' informazzjoni u korsijiet għall-bdiewa, speċjalment dwar l-użu tal-pestiċidi kif






ukoll laqgħat ta' informazzjoni fuq il-mard tas-siġar u l-pjanti. Ġie finalizzat *energy audit* f'numru ta' propjetajiet tal-Gvern f'Għawdex u dan il-proċess mistenni li jiġi estiż għall-iskejjel tal-gvern kollha f'Għawdex. Proġett ieħor li beda huwa dwar eko-akkomodazzjoni f'reġjuni rurali. Il-Ministeru għal Għawdex qed jipparteċipa f'dan il-proġett iffinanzjat minn fondi Ewropej biex jippromwovi aktar żvilupp fis-settur tal-eko-akkomodazzjoni, kif ukoll fis-sħubija tat-territorji rurali għal skopijiet turistiċi.

F' dawn l-aħħar xhur rajna tlett skemi jiġu mnedija. L-ewwel skema tittratta għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali biex huma wkoll ikunu parti mit-twettiq tal-viżjoni eko-Għawdex. Il-Ministeru ser ikun qed jiffinanzja lil kull Kunsill Lokali b'massimu ta' €70.000 biex jimplimenta proġetti li jrendu l-lokalitajiet aktar sostenibbli. It-tieni skema hi ndirizzata għall-Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs), fejn bħal fil-każ tal-Kunsilli Lokali dawn qed jingħataw l-opportunità jwettqu proġetti li jsaħħu s-sostenibbilta' f'Għawdex. L-għajnuna massima lill-NGOs ser tkun ta' €50.000. It-tielet skema hi l-iSkema tal-Arti fit-Toroq t'Għawdex. Din l-iskema hi ntiża biex jiżdiedu x-xogħlijiet tal-arti f'postijiet pubbliċi f'Għawdex.

Sadanittant qed tingħata attenzjoni speċjali lill-istudenti fl-iskejjel Għawdxin. Saru diversi attivitajiet, fosthom il-Jum Dinji favur l-Ambjent, nhar il-5 ta' Ġunju, fejn fil-Wied tal-Lunzjata saru attivitajiet apposta għat-tfal ta' l-iskejjel. Fi *Ġnien il-Familja*, fil-Qala, tħawlu bosta siġar ġodda fil-preżenza ta' studenti mill-istess lokalità; din l-attività kienet organizzata mit-taqsima tal-*Hands on Farming* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Tul is-sena akkademika lit-tfal ta' l-iskejjel tqassmilhom ukoll materjal informattiv u edukattiv. Saru diversi taħdidiet dwar *heathy eating*. Tqassam pakkett ta' riżorsi lill-għalliema kollha f'Għawdex li ser jgħinhom biex jitwassal fil-klassi l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli u ta' eko-Għawdex. Għall-ewwel darba din is-sena, il-Ministeru għal Għawdex ingħaqad mal-bqija tal-Ewropa u ħa sehem fil-*European Waste Reduction Week*. Fost l-attivitajiet, tqassmu *compost bins* f'kull skola primarja Għawdxija. Dawn il-*compost bins* tqassmu biex jitnaqqas l-iskart iġġenerat mill-iskejjel.

Kif tenniet kemm-il darba l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, meta tkun qed titkellem dwar dan is-suġġett 'din hija mira diffiċli iżda fattibbli'. Is-sigriet għas-suċċess hija determinazzjoni u konvinzjoni li din hi l-aħjar triq għal futur ta' Għawdex. L-Għawdxin urew li jaqblu li nagħżlu din id-direzzjoni li twassal biex naddottaw stili ta' ħajja u deċiżjonijiet marbuta mal-politika ta' żvilupp sostenibbli li madwarha hija mibnija l-viżjoni eko-Għawdex.

**www.eco-gozo.com**

*(Andrew Formosa huwa Information Officer fil-Ministeru għal Għawdex)*

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074



Intervista

# 51 Sena Missjunarju fil-Brażil... anke bħala lajk



ma' **SALVU DIMECH**

***Joseph W. Psaila jintervista lil SALVU DIMECH li fis-sena 1959 ħalla ż-Żebbuġ, Għawdex, fejn twieled u trabba, biex imur missjunarju fil-Brażil. Salvu hemm għadu, fil-Brażil sal-lum.***

***1) Salvu, int ilek 51 sena l-Brażil. Jekk tagħti ħarsa lura, x'bidliet soċjali tara li saru matul dan in-nofs seklu?***

Kienet is-sena 1959 meta ġejt il-Brażil fejn seminaristi u qassisin Għawdxin li diġà kienu jgħixu u jgħinu fin-Nordest tal-Brażil. Se nsemmi l-ewwel xi fatti li ġiebu tibdil fostna, u wara nsemmi xi tibdiliet soċjali importanti, li bihom il-ħajja marret għall-aħjar.

Matul dan iż-żmien kellna l-bini u l-inawgurazzjoni tal-kapitali ġdida BRAZILIA fil-1961 fiċ-ċentru tal-Brażil. Dan ġab miegħu ftuħ ta' toroq ġodda mal-pajjiż kollu biex jintegraw il-pajjiż. Ħoloq ottimiżmu quddiem tant arkitettura sabiħa, bini ġdid, xogħol u kobor tal-belt amministrattiva.

Imbagħad kellna l-Konċilju Vatikan II, bid-tibdiliet importanti li daħħlu spirtu ta' ferħ: lingwa vernakula fil-liturġija, speċjalment il-quddiesa, formazzjoni b'metodi ġodda għas-seminaristi, parteċipazzjoni aktar qrib tal-parroċċi, djakonat permanenti, waqfien ta' diversi pastorali fejn l-aspett soċjali ħa l-importanza: pastorali tal-Ġustizzja u Paċi, pastorali ta' nies bla art u bla dar, pastorali tal-liturġija tal-liberazzjoni, għajnuna tal-lajċi fit-tqarbin, pastorali tat-tfal sa 5 snin u oħrajn.




Fuq livell politiku seħħ il-Kolp militari fil-1964 fejn waqqgħu l-Gvern ċivili li kien laħaq fil-1962, u mixli li kien komunista; sar bl-appoġġ tal-gvern tal-USA. Kien żmien ta' dittatura, politiċi arrestati, eżilju u anke qtil ta ċivili mdaħħlin fil-politika, u persekuzzjoni u biża' li xi ħadd jixlik mal-militari li inti Komunist; basta ssemmi l-isem Dom Helder Câmara. Ġara lili u kelli nsib ħbieb biex ma jkeċċunix mill-pajjiż.

Imbagħad fil-1989 saret ir-Re-demokratizzazzjoni tal-Brażil. Il-pajjiż beda jimxi 'l quddiem f'kull aspett tal-ħajja, li għadu sal-lum.

***2) Fil-parroċċa li fiha inti taħdem fl-appostolat tal-lajċi hija ddedikata lill-Madonna tad-Dehra. Għaliex din il-parroċċa ngħatat dan l-isem u inti kif twettaq dan l-appostolat?***

Ġejna noqogħdu dawn in-naħiet fil-1978, fejn hawn tnax-il kilometru ta' xtajta u l-populazzjoni hi kważi kollha ta' sajjieda; mqassma fi tliet irħula prinċipali fejn hawn il-parroċċa tal-Madonna u żewġ kappelli fejn kien isir quddies biss fil-Ħdud. Il-post kien għadu lura; il-biċċa l-kbira bla dawl, bla asfalt, bla drenaġġ, bla ilma u xi ftit triqat kemm jgħaddu l-bhejjem. Dawl u ilma kien hemm biss fl-irħula.

Fil-1983 dan il-post sar parroċċa u l-kappillan, Padre Caetano Pereira u jien konna ħbieb. Għallimna fl-istess kulleġġ tal-Gvern, u għaldaqstant malajr stedinna biex jien u marti, Nágela, *teacher* u katekista ukoll, nikkordinaw il-katekiżmu tal-parroċċa kollha. Hekk bdejna nagħmlu laqgħat ġenerali ta' kull xahar, u ngħallmu l-katekiżmu fil-kappelli nhar ta' Sibt. Sadattant il-populazzjoni bdiet tikber, billi bdew jinfetħu spazji ġodda għal *new building*. Malajr il-Gvern bena eluf ta' *flats* u *small houses* għall-familji li kienu jgħixu f'postijiet perikolużi, u li malajr setgħu jiġu meħudin minn xi għargħar.

Il-post beda ġej 'il quddiem, u l-kappillan kien dejjem jinkoraġġixxi biex jinbnew knejjes tul it-tnax-il kilometru. Il-katekiżmu beda jiġi mgħallem billi napprofittaw ruħna minn xi klabb, xi skola jew xi dar. Fil-1993 diġà kellna għaxar ċentri, fosthom wieħed fejn noqogħdu aħna. Hawn



bnejna kappella ddedikata lil San Pietru Sajjied u oħra lil San Pawl Appostlu. Ħafna minn dan ix-xogħol sar bil-għajnuna tal-Moviment Missjunarju Ġesù fil-Proxxmu, li tiegħu Mons. Ġorġ Grima huwa fundatur-president. Dun Ġorġ ilu jibgħat għajnuna lejn dawn in-naħiet sa mill-1993, speċjalment ikel lit-tfal żgħar u tagħmir għall-edukazzjoni fundamentali.

Kull ċentru tal-katekiżmu beda jagħżel il-patrun tal-qaddis tal-post. Kappella minnhom għażlet lill-Madonna Tad-Dehra bħala patruna, li hija wkoll Patruna tal-Brażil u meqjuma f'Santwarju fil-belt kbira ta' San Pawl.

***3) Iżda mbagħad, minn fuljett li ġie f'idejja, f'din il-parroċċa tagħmlu l-festa lil San Pietru Sajjied?***

Il-kappella ta' San Pietru Sajjied hija waħda mill-ħames kappelli li jagħmlu parti mill-parroċċa tal-Madonna tad-Dehra. Din il-festa ssir fid-29 ta' Ġunju. Il-patrun ġie magħżul mill-komunità fi Frar tal-1993 billi ħassejna l-bżonn li nibnu kappella għaliex il-klabb fejn konna niltaqgħu għall-quddies u l-katekiżmu kien sar żgħir. Fil-laqgħa, waħda mara li kienet toqgħod fil-post qabżet u qalet: "Il-patrun tal-kappella huwa San Pietru Sajjied, b'unur għas-sajjieda kollha tal-post." Il-komunità aċċettat u l-kappillan ukoll, li mal-ewwel inkurraġġiena biex nibdew il-kampanja għall-bini tal-kappella. Lili kien inkarigani biex nieħu ħsieb tal-bini, u lil Ângela, mal-grupp tal-komunità, tieħu ħsieb tal-katekiżmu u tal-kampanja għall-fondi fost il-voluntiera.

***4) Mhux l-ewwel darba li smajna u assistejna minn fuq it-televiżjoni għal diżastri naturali fil-Brażil. Kif jirnexxielkom tirbħu l-qtigħ ta' qalb li diżastri bħal dawn iħallu fostkom?***

In-Nordest tal-Brażil, fejn noqogħdu xi missjunarji Għawdxin, hija meqjusa bħal post fejn ix-xita mhix regulari għalhekk is-soluzzjoni hija bini ta' lqugħ żgħar fejn il-familji jżommu l-ilma għall-konsum tagħhom, għat-tisqija tal-frott u bżonnijiet oħra. Il-Gvern jgħin ukoll jibnu ġwiebi u anke lqugħ kbar biex jaqdu il-popolazzjoni meta l-bjar u l-ġwiebi jinxfu. Min hu sinjur jagħmel id-*dam* tiegħu u jbiegħ it-trakkijiet tal-ilma bl-għoli. Id-*dams* il-kbar tal-Gvern iservu biex il-politiċi jaqdu l-ħbieb. Fil-bliet il-kbar il-periklu huma d-djar (għerejjex) mibnija tul kanali tal-ilma, jew taħt xi sies, jew fuqu, li bix-xita l-art terħi u twaqqa' d-djar ta' fuq is-sisien u tordom ta' taħt.

Ix-xitwa li għaddiet kienet waħda qalila. Faru ħafna xmajjar, waqgħu sisien fuq id-djar; kanali li jaqsmu l-bliet faru f'daqqa, imlew it-toroq u kważi d-djar għebu taħt l-ilma. Ħaġa rari diżastru bħal dan, iżda ġara. Waqgħu mijiet ta' djar, oħrajn ma ser iservu għal xejn. In-nies kulħadd twerwer, bdew jaħarbu kif jistgħu mill-periklu tal-mewt, bil-ħwejjeġ ta' fuqhom biss u t-tfal mwerwrin, mqabbdin magħhom.

L-ewwel għajnuna tiġi mill-ġirien li jgħinu biex joħorġu xi nies li jkunu sfaw mirdumin taħt it-terrapien. Il-*Council* jibgħat xi dgħajjes żgħar biex jgħinu ħalli min ikun fil-periklu jittieħed fil-klabbs, skejjel, swali tal-knejjes u anke għand il-ħbieb u l-familji. Jiġu wkoll gruppi tas-salvataġġ u ambulanzi... Insomma fil-bidu kulħadd jgħin. Anke l-kampanji fil-knejjes, fl-istituzzjonijiet tal-karità, mhux biss tal post, anke minn barra u mill Brażil kollu. Id-Djoċesijiet ta' Malta u ta' Għawdex għamlu kampanja kbira billi dan id-diżastru ġara fi bliet fejn ħadmu l-qassisin Għawdxin, Mons Jimmy Xerri, Arċipriet tan-Nadur u Fr. Alex Cauchi. Il-*Council* jieħu rekord ta' kull persuna biex il-Gvern tal-i*state* jorganizza l-ikel u l-assistenza soċjali, mediċini u anke skola għat-tfal meta l-familji ma jsibux xi dar fejn imorru. Wara ċertu żmien, il-Gvern iħallas il-kera fejn il-familji jmorru joqogħdu. Bil-mod jagħmlu proġetti, iżda dawn jieħdu s-snin sa ma jinbnew *flats* ġodda. Il-problema hi li dawn il-*flats* mhux dejjem jispiċċaw għand dawk li tassew għandhom bżonnhom. Nistgħu ngħidu li xi wħud jirnexxilhom jerġgħu jibdew kollox mill-ġdid,





bl-għajnuna tal-voluntieri, tal-familji u tal-gvern, iżda oħrajn ma jirnixxilhomx iqumu fuq saqajhom u jibqgħu jiddependu mill-karità.

***5) X'inhuma l-isfidi li jiltaqa' magħhom il-missjunarju Malti fil-Brażil? Kemm hemm lok għall-ħidma fil-missjoni?***

Naturalment, tiġi hawn illum il-Brażil, mhux l-istess ħaġa bħal meta ġejna aħna missjunarji Għawdxin ħamsin sena ilu. Konna nsibu sfidi, iżda żgur ta' natura differenti. Naturalment in-nuqqas ta' informazzjonijiet, speċjalment fuq kollox li kien jirrigwarda l-Brażil: lingwa Portugiża, kostumi ta' ikel, klima, relazzjonijiet ftit bejn l-Isqof ta' Għawdex u tal-Brażil u żjara tal-qassisin ta' kull ħames snin, kienu kważi jaqtgħuna għal kollox mill-kuntatt kemm mal-familja tagħna, kemm mad-djoċesi. Ħamsin sena ilu, il-missjunarju kien jinqata' għal kollox minn Għawdex u jibqa' nkardinat mad-djoċesi tal-Brażil. Dawn kienu sfidi ċirkostanzjali kbar, barra minn dawk l-isfidi naturali, ta' min ikollu jadatta ruħu, kemm bħala saċerdot u kemm bħala lajk, għad-drawwiet u l-valuri tal-poplu, komunikazzjoni bl-ilsien tal-pajjiż u speċjalment biex ma tqisx bħala ħażin dak li huwa differenti.

Jien nifhem li, għalkemm illum hawn ħafna informazzjoni, il-missjunarju lajk fil-Brażil dejjem għandu sfidi fil-ħidma tiegħu. Ħalli nsemmi x'uħud minnhom:

M'għandu bl-ebda mod iqis il-kultura u l-valuri tal-Ewropa bħala superjuri, - differenti iva, iżda kull waħda għandha s-sbuħija tagħha.

Jeħtieġlu jagħmel kull sforz biex jitgħallem il-lingwa Portugiża, biex ikun jista' jiftiehem man-nies.

Għandu jagħti attenzjoni lin-nies, kemm fil-knisja kif wara l-laqgħat, jew wara xi ċerimonja. Jekk isellmilhom "*Bom Dia*", "*Boa Tarde*" "*Tudo bem*" jieħdu gost.

Irid ikun organizzat fix-xogħol tal-pastorali u jkun fil-ħin. Mhux għax hawn in-nies tħobb tkun fil-ħin, iżda kulħadd jagħraf il-ħtieġa tal-organizzazzjoni.

Ma jridx b'għemilu jew bi kliemu jagħti x'jifhem li l-ewwel jiġu l-flus imbagħad xi obbligazzjonijiet oħra. Kull xahar irid ikun lest jagħmel rendikont pubbliku.

Għandu jżomm komunikazzjoni speċjalment mal-familji b'xi membru marid, f'periklu tal-mewt. Hu mument meta l-familji kattoliċi jgħaddu għal xi reliġjon oħra, l-aktar dik "evanġelika".

Hu importanti li jżomm kuntatt mal-familja tiegħu f'Għawdex, kif ukoll ma' sħabu Għawdxin.

Naturalment, għandu joqogħod attent biex ma jkunx miruż iżżejjed, jew li jagħti x'jifhem li dejjem trid tgħaddi tiegħu. Għandu jkun tolleranti u jekk ikollu ideat differenti, għandu dejjem juri rispett.

Aħna hawn dejjem "infaħħru", nagħtu stimolu lil min jagħmel xi att tajjeb, u mbagħad korrezzjoni fraterna individwali ma' min jiżbalja. Insellmilkom!


**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**

*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*



**GREZZJU BONELLO**

*lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**Passiġġata Biblika - 63**

*"Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem." (Lhud 13:8)*

# Ħarsa lejn id-Divinità ta' Sidna Ġesù Kristu

**minn Fr. Charles Buttigieg**

***Ġesù Kristu fl-Evanġelji***

L-istruzzjoni '*Sancta Mater Ecclesia*' tal-21 t'April 1964 titkellem dwar it-tagħrif storiku, ambjentali u topografiku ta' l-evanġelji. Il-Biblista Dumnikan Joseph-Marie Langrange saħaq li għandna nistudjaw il-fonti ta' l-evanġelji rigward l-istudju tal-persuna ta' Ġesù Kristu.

Il-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina '*Dei Verbum*' issemmi fuq kollox il-valur storiku tal-evanġelji fin-numru 19: "Ommna l-Knisja Mqaddsa żammet u żżomm bis-sħiħ u bla heda li l-erba' evanġelji, li fuqhom tistqarr bla tlaqliq ta' xejn li huma storiċi, jgħaddulna bil-fedeltà dak li Ġesù, **l-Iben ta' Alla**, matul ħajtu fost il-bnedmin tassew għamel u għallem għas-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom sa dakinhar li tela' s-sema (Atti 1:1-2). L-Appostli mbagħad wara li l-Mulej tela' s-sema, għaddew lil dawk li kienu jisimgħuhom dak li Huwa kien qal u għamel. Mgħallmin mill-ġrajjiet glorjużi ta' Kristu u mdawlin mill-Ispirtu tal-verità, dan għamluh b'dak il-għarfien iżjed sħiħ li huma b'hekk kienu kisbu." San Mark li kiteb l-evanġelju bejn is-snin 65 u 70 W.K. jiġifieri qabel il-waqgħa ta' Ġerusalemm f'idejn ir-Rumani, li ġrat fis-sena 70, juri lil Ġesù li hu Bin Alla.



Din hi l-istqarrija tal-fidi tiegħu sa mill-ewwel kapitlu. Fil-magħmudija ta' Ġesù jinstema' l-leħen mis-sema jgħid: **"Inti Ibni l-għażiż; fik sibt il-għaxqa tiegħi"** (Mk 1:11). Fiċ-ċentru għandna l-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippi u fl-aħħar l-istqarrija taċ-ċenturjun **"Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla"** (Mk 15:39).

San Mattew li kiteb wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm bejn is-snin 70 u 80 W.K, jurina lil Ġesù li hu l-Messija, Bin David, imwiegħed minn Alla lill-poplu tiegħu Iżrael. Ġesù f'San Luqa jistieden lill-midinbin biex jersqu lejh u jilqagħhom b'qalb kbira u fl-aħħarnett f'San Ġwann naraw lil Ġesù bħala Alla veru: **"Min ra lili ra lill-Missier"** (Ġw 14:9). Għalhekk nistgħu ngħidu li l-erba' evanġelji jagħtuna stampa tassew ċara ta' Ġesù, fejn kull evanġelju jippreżenta kulur partikulari tal-wiċċ ta' Kristu.

***Ġesù fil-Kitbiet Pagani***

Anke fonti non-kristjani jagħtuna tagħrif dwar l-istoriċità ta' Ġesù ta' Nazaret. Taċitu storiku Ruman, li miet aktarx fis-sena 116 W.K., jikteb dwar il-kundanna għall-mewt ta' Ġesù minn Ponzu Pilatu taħt Tiberju kif insibu f'Annali 15:4. Dan l-Annali huwa xogħol li jagħtina ħafna tagħrif dwar il-martirju ta' San Pietru u l-ewwel persekuzzjonijiet u l-krudeltà kontra l-insara. Zvetonju storiku Ruman ieħor, isemmi lil ċertu 'Krestus' li kkawża taqlib f'Ruma fis-sena 49 W.K. taħt l-imperatur Klawdju, għaliex kienu bosta dawk li bdew jemmnu fi Kristu (ara Claudius 25:4). Fil-fatt l-insara ġew imkeċċija minn Ruma kif kien ġralhom Akwila u Prixxilla meta kienu ltaqgħu ma' San Pawl f'Korintu. Plinju ż-Żgħir li kien gvernatur tal-Bitinja fit-Turkija tal-lum mis-sena 111 sas-sena 113 W.K., f'ittra li jibgħat lil Trajanu jgħid dwar l-atteġġament tiegħu li kellu fil-konfront ta' l-insara u li Kristu kien meqjum bħala Alla kif naraw f'Epistola 10:96.

Ġużeppi Flavju, Lhudi li kiteb bil-Grieg, kien qassis fit-tempju ta' Ġerusalemm u twieled madwar is-sena 30 u 40 W.K u miet fis-sena 93 W.K. Dan sar famuż fil-Gwerra Ġudajka tas-sena 70 W.K., meta kienet inqerdet għal kollox Ġerusalemm. Kien inqabad priġunier u ssieħeb mal-parti Rumana fejn saħansitra ġie adottat minn familja imperjali bl-isem ta' Flavi u għalhekk mela Ġużeppi Flavju. Kien fil-fatt hu li kiteb l-istorja dwar il-Palestina għall-poplu Ruman. Fil-fatt kiteb żewġ opri 'Il-Gwerra Ġudajka' u 'L-Antikitajiet Ġudajżi'. Fil-Ktieb 'L-Antikitajiet' fin-numru 18, huwa jikteb dwar bniedem



għaref bl-isem ta' Ġesù, u li wettaq għeġubijiet kbar, għallem u kellu ħafna dixxipli, u ġie kkundannat għat-tislib minn Pilatu wara li ġie akkużat mil-Lhud. Iżda deher lill-appostli fit-tielet jum u għalhekk forsi kien il-Messija li fuqu l-profeti kienu kitbu. Dan it-test ta' Ġużeppi Flavju kkonfermat mill-Isqof Għarbi u Kristjan 'Agapio' tas-seklu għaxra jissejjaħ '*Testimonium Flavianum*'. Huwa ukoll jirreferi għal Ġakbu bħala Ġesù li jsejħulu Kristu (ara Antiquities 20:200). Għandna hawnhekk storiku Lhudi li jikteb dwar il-Messija u l-qawmien tiegħu, meta rridu niftakru li l-Lhud ma aċċettawx lil Kristu bħala l-Messija, tant li kienu huma li resquh għall-kundanna Rumana.

***Ġesù, it-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità***

Ġesù li twieled, għex u mexa fuq l-art tal-Palestina huwa l-istess Kristu tal-fidi tagħna. Ġesù tal-fidi tagħna huwa dak li twieled tassew fil-għar ta' Betlehem, ingħata l-isem ta' Ġesù fit-tmien jum, għaliex huwa Alla li jsalva. Trabba ma' ġenituri partikulari, ma' San Ġużepp u l-Madonna u ta' tletin sena beda jgħallem u jagħmel bosta għeġubijiet kbar. Ġabar madwaru folol kbar, stieden madwaru grupp ta' rġiel li sejħilhom appostli u huwa bagħathom jgħallmu. Ġie kkundannat għall-mewt tas-salib, kundanna Rumana, imma qam tassew fit-tielet jum, l-ikbar ġrajja li qatt seħħet fl-istorja ta' l-umanità biex l-istess storja titqaddes u l-istess spazju jilbes il-ħajja.

Ġesù Alla u bniedem, li għammar fostna tassew u fost l-istorja ta' l-umanità: "Dan m'huwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija u qrabatu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda?" (Mat 13:55). Ġesù tal-Palestina jew Ġesù ta' Nazaret huwa tassew Kristu ħaj, il-Midluk per eċċellenza tal-Missier, kif tfisser il-kelma Griega 'Kristu' u dik Ebrajka 'Messija'. U b'dan il-mod inkunu qegħdin nagħrfu ż-żewġ naturi ta' Sidna Ġesù Kristu, n-natura tal-bniedem u n-natura ta' Alla. Iżda li wieħed jitkellem minn Ġesù bħala bniedem ta' l-istorja biss, ikun qed jagħmel żball kristoloġiku kbir, inkunu qegħdin naffermaw biss l-umanità ta' Ġesù u nwarrbu d-divinità ta' Kristu. U għalhekk irridu ngħaqqdu lil Ġesù ta' l-istorja, Ġesù tal-Palestina ma' Kristu tal-fidi għaliex huwa l-istess persuna, l-persuna ta' Ġesù Kristu, it-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità. "Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem" (Lhud 13:8); **"Hu li kellu n-natura ta' Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa s-sura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; huwa umilja ruħu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet, u taħ isem li hu fuq kull isem, biex fl-isem ta' Ġesù l-ħlejjaq kollha fis-sema, fl-art u taħt l-art jinżlu għarkupptejhom, u kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier"** (Filippin 2:6-11).

***Biblijografija***


Brooke, G.J., *Qumran and the Jewish Jesus: Reading the New Testament in the Light of the Scrolls*, Grove Biblical Series 35, Cambridge 2005.

Cousland, J. R.C., *Messiah, the Healer of the Sick: A Study of Jesus as the Son of David in the Gospel of Matthew", Journal of Biblical Literature* 124/4 (2005) 768-771.

Leon-Dufour, X., *Resurrection and the Message of Easter,* New York 1975.

Stock, K., *I racconti pasquali dei vangeli sinottici*, Pontificio Istituto Biblico, Roma 2002.



# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**

Gozo Truck Transport

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Għawdex Qabel ir-Ritratti (34) — minn **JOHN CREMONA**

# Salini, melħ u kummerċ li ma rnexxiex

F'wieħed mill-ewwel artikli ta' din is-sensiela, propju fis-sitt artiklu kont diġà tkellimt dwar is-salini magħrufa bħala ta' l-Arluġġar fl-inħawi ta' Wied il-Għasri u kont ġibt inċiżjoni li turi l-ġrajja tat-tlugħ ta' kolonna kbira ta' l-ilma u spjegajt għaliex seħħ dan l-avveniment.

Ma' dan l-artiklu qed nippubblika l-inċiżjoni li stampa Jean Houel u li dehret fil-ktieb '*Voyage Pittoresque*' li dwaru tkellimna bosta drabi f'dawn l-artikli. L-inċizjoni hija mqassma f'żewġ partijiet. Fil-parti ta' fuq u li hija l-akbar biċċa, Houel jagħti pjanta tas-salini li ħaffer dan l-arluġġar fuq il-blat wati tal-franka li hemm mal-kosta hekk kif tħalli Triq is-Sagħtrija li miż-Żebbuġ twasslek lejn Wied il-Għasri. Tidher ukoll il-forma tonda tal-bir li ħaffer l-arluġġar biex ikun jista' jtella' l-ilma mill-baħar li jidħol fl-għar li jinstab taħt is-salini. Fil-parti t'isfel, imbagħad, Houel jagħti veduta mill-bogħod tal-blat li fuqu hemm is-salini u xi nies iħarsu mistagħġbin lejn il-kolonna ta' l-ilma baħar tiela' minn ġol-blat. Fil-bogħod tidher l-għolja tal-Ġurdan li kienet għadha mingħajr il-fanal mibni mill-Ingliżi fl-1851.




Houel, li fit-tagħrif li ġabar qagħad ħafna fuq ir-rakkonti tan-nies li ltaqa' magħhom jgħid li dawn l-avvenimenti ġraw xi tlettax jew erbatax-il sena qabel kiteb dan ir-rakkont fl-1788. Meta l-arluġġar ħaffer is-salini huwa mliehom billi beda jtella' l-ilma baħar mill-bir li ħaffer fil-blat permezz ta' mitħna mdawra minn ħmar. Houel jgħid li tant kien konvint minn dan il-proġett li l-arluġġar qabbad numru ta' rġiel biex f'qasir żmien qattgħulu s-salini u ħaffef jimliehom bl-ilma baħar biex f'qasir żmien jibda jiġbor il-melħ. Hawn ser inħalli r-rakkont għall-pinna ta' Houel innifsu li naħseb li rrakkontaha kif semagħha min-nies tal-lokal; " *...huwa mela s-salini, u minn żmien għal żmien kien imur biex jara l-effett ta' l-evaporazzjoni; għall-ewwel innota li l-ilma fis-salini kien qiegħed jonqos u għaġġel jerġa' jimlihom għaliex ħaseb li b'hekk kien ser jirdoppja l-ammont ta' melħ li kien sejjer jiġbor. Imma immaġinaw kif baqa' miblugħ meta fl-aħħar ittenda li l-ilma kien qed jonqos mhux għaliex kien qiegħed jevapora imma għaliex kien qed jinxtorob mill-blat.....Kien wara ħafna żmien li ttenda b'dak li kien qiegħed jiġri u kien biss meta pprova jiġbor il-melħ li ttenda b'dak li ġara. Fil-qiegħ tas-salini, il-blat artab tal-franka inħall bl-azzjoni tal-melħ, u rnexxielu jiġbor biss speċi ta' tajn. Dan il-falliment, mhux biss għaliex il-pjanijiet tiegħu sfaxxaw imma wkoll għaliex kien nafaq flusu kollha fuq din l-impriża, wassluh biex waqa' f'marda li wasslitu sal-mewt*".

Biex tagħqad inqala' l-maltemp li kellu l-effetti li rrakkontajt fl-ewwel artiklu. Insomma kien proġett li falla u li falla bil-kbir. In-nies tal-lokal kienu jagħmlu minn kollox biex isoddu l-bir ta' l-arluġġar imma l-qilla tal-baħar kienet twaqqa' l-ġebel li jkunu soddewh bihom u l-kolonna ta' l-ilma kienet terġa' titla' mill-ġdid. Houel jgħid li meta kien Għawdex fl-1777, kienu għadhom kif saddew il-bir għat-tielet darba u kien hemm biża' kbir li ma kienx ser jgħaddi wisq żmien qabel jerġa' jinfetaħ.

L-inċiżjoni hija intitolata *Cases de la Saline de l'Orloger* u *Vue de la Gerbe qu' 'a produit le puis de la saline de l'orloger, dans l'Isle du Goze* u huma mmarkati bħala Pl. CCLII. L-inċiżjoni għandha qisien ta' 347 x 240 mm.

Għawdex 400 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 192
Riċerka ta' Joseph Bezzina
© 2011

# L-akkomodazzjoni lil Kwareżimalist tal-Matriċi

**Id-dokument numru mija tnejn u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ħlas lil persuna li offriet li l-akkomodazzjoni għandha lill-kwareżimalist tar-Randan fil-Matriċi ta' Għawdex. Tinsab reġistrata fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 36v (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 36v).**

Din hi t-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħlas:



*Noi infrascritti Iurati dell'Università del Gozo per il presente nostro mandato commeteremo a' voi nostro Manifico Marcello Burlò, thisorero d'ess'Università che delli suoi introiti habiate pagare al Magnifico Angelo Caxaro tarì vinti di tarì di per haver imprestato un letto fornito al Padre predicatore Fra Melchior Theodorino quando predicava nel advento prossimo passato la parola divina in questa Matrice Chiesa del Gozzo e a chautela nostra fecino fare la presente, datum Gaudisii 29 Martii 1611: Tarì 20.*

Il-kwareżimalist tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex – kif ktibna kemm-il darba – kien jintgħażel direttament mill-Granmastru u konfermat mill-Università ta' Għawdex. Il-kwareżimalist kien jippriedka fil-Matriċi fil-erba' Ħdud tal-Avvent u fil-ħames Ħdud tar-Randan. L-Università kienet tħallas lill-kwareżimalist mill-fondi tagħha.

Dan id-dokument juri li l-Università mhux biss kienet tħallsu tal-priedki, iżda kienet toħroġ ukoll l-ispejjeż marbuta mal-akkomodazzjoni. Kien hemm din il-ħtieġa għaliex il-predikatur kważi dejjem kien jinġieb minn Malta.

Fi żmien meta Għawdex ma kienx hawn tagħlim organizzat għal dawk li jridu jsiru qassisin, il-qassisin ma kellhomx fejn jitgħallmu u allura ma kinux ikunu ta' skola kbira. Għalhekk qajla kien jinstab predikatur tajjeb minn Għawdex. Barra dan, peress li biex wieħed jintgħażel kwareżimalist ried jibgħat rikors direttament lill-Granmastru, il-ftit qassisin li kien hawn Għawdex kienu jarawha battikata kbira biex joqogħdu jmorru l-Belt Valletta bir-rikors. Kien żmien meta t-trasport bejn il-port tal-Imġarr, Għawdex, u l-Port il-Kbir tal-Belt Valletta kien batut ħafna u għalhekk kienu jaqtgħu jieshom minn din it-taħbita.

Għall-istess raġuni, il-predikatur li kien jintgħażel minn Malta kien jeħtieġlu jiġi joqgħod Għawdex matul l-Avvent u r-Randan kollu. Għalhekk kienet tinħoloq il-ħtieġa li jinstablu alloġġ bl-akkomodazzjoni b'kollox. Dak iż-żmien, Għawdex ma kienx hawn *hotels* u lukandi. Il-ftit viżitaturi li kienu jiġu Għawdex dik il-ħabta kienu jsibu kenn fil-kunventi tal-Patrijiet Agostinjani jew Franġiskani, it-tnejn ir-Rabat.

Erba' mit sena ilu, instabet soluzzjoni oħra. Lill-kwareżimalist instabitlu akkomodazzjoni għand il-Manifku Anġlu Caxaro – li kif nafu minn dokumenti oħrajn kien joqgħod fiċ-Ċittadella ta' Għawdex. F'Marzu ta' erba' mit sena ilu, il-Manifiku Marċell Burlò, it-teżorier tal-Università, kien awtorizzat iħallas lil Caxaro s-somma ta' għoxrin irbiegħi bħala ħlas ta' din l-akkomodazzjoni. Dawn jiġu biss €0.32 tal-lum, iżda dak iż-żmien kienu flus.

Fra Melchior Theodorino – il-kwareżimalist tas-sena 1600-1611 – kien patri tal-Ordni ta' San Duminku. Kien tħallas is-somma tajba ħafna ta' ħames skuti; li jiġu €0.97.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Br. Indrija Cassar S.J. (1917 - 2001)*



Alla ma jridx minna ħwejjeġ kbar iżda li ngħixu l-ħajja ta' kuljum bi spirtu ta' fidi u li mbagħad dan jiġi qisu biċċa mużajk sabiħ. Dan narawh ċar fil-ħajja ta' Br.Indrija Cassar.

Twieled fir-raħal tal-Qala, Għawdex, fis-6 ta' Diċembru 1917. Kien it-tmien wild ta' Nerik u Carmela mwielda Mizzi. Studja fl-iskola primarja tal-Qala u mħajjar mill-eżempju ta' Patri Ġużeppi Portelli u Br. Mikiel Buttigieg, li rahom jidħlu Ġiżwiti fi żmienu, fl-età ta' 18-il sena daħal bħalhom Ġiżwita fil-Provinċja ta' Sqallija. Dak iż-żmien Malta u l-Greċja kienu jagħmlu wkoll parti minn din il-provinċja.

Beda n-Novizzjat f'Bagheria fi Sqallija, fis-7 ta' Ġunju 1935. Għamel l-ewwel voti reliġjużi fis-7 ta' Ġunju, 1937. Issa kien Brother Ġiżwita. Is-superjuri tiegħu assenjawlu l-ewwel xogħol li kellu jagħmel fir-residenza tal-istess Soċjetà f'Sirakuża fi Sqallija. Wara sena hawnhekk intbagħat f'Modica Alta, f'Ragusa, fi Sqallija wkoll. Fl-10 ta' Ġunju 1940 Mussolini ddikjara gwerra lil Franza u l-Ingilterra. Billi kellu passaport Ingliż bħal kull Malti ta' dak iż-żmien beża' li jintbagħat f'xi kamp ta' konċentrament. Imma l-Mulej għenu u għadda l-gwerra kollha fil-kwiet f'Ragusa.

Fi tmiem il-gwerra ntbagħat fir-residenza tal-Ġiżwiti f'Alcamo, fi Sqallija. U l-aħħar sentejn għaddiehom f'Catania. F'dawn il-postijiet kollha wettaq b'dedikazzjoni kbira l-missjoni li ġiet fdata lilu. Kien jaf imidd idejh għal kollox. Fi Sqallija ħadem l-aktar ta' kok fil-kċina filwaqt li kien jixtri dak kollu li kien meħtieġ għad-dar. Ġie li kien isib ħin jgħin lill-ħajjat u jieħu ħsieb il-ħasil u l-mogħdija tal-ħwejjeġ.

Bħal San Alfonz Rodriguez, li huwa patrun tal-Brothers Ġiżwiti, Br. Indrija kien ukoll jieħu ħsieb il-bieb u jilqa' n-nies li kienu jmorru għal xi ħaġa. Dan ix-xogħol ma kienx dejjem ħafif għalih minħabba l-lingwa.

Fis-sena 1948 intbagħat lura lejn Malta u l-ewwel ħidma tiegħu kienet fid-dar ta' Sarria, il-Furjana. Barra li kien jieħu ħsieb id-dar u l-knisja kien jgħin ukoll lill-editur tal-*Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù.* Din kienet rivista li kienu joħorġu l-Ġiżwiti Maltin u Br. Indrija kien jieħu ħsieb it-tqassim jew jimpustaha. Fit-2 ta' Frar, 1948 għamel l-aħħar voti fil-Kumpanija ta' Ġesù magħrufa bħala dik tal-Ġiżwiti.

Fit-23 ta' Ottubru, 1953, Mons. Ġużeppi Pace, dakinhar Isqof ta' Għawdex, sejjaħ lill-Ġiżwiti biex jieħdu ħsieb it-tmexxija d-dar tal-Irtiri magħrufa bħala ta' San Kalċedonju. Din kienet infetħet fl-1822 fl-inħawi ta' Santa Duminka fir-Rabat. Meta l-Ġiżwiti bdew jieħdu ħsiebha bdiet tissejjaħ Dar Manresa. Għalhekk fl-1953 Br. Indrija ntbagħat f'din id-dar fejn kellu jqatta' 48 sena, jiġifieri sal-aħħar ta' ħajtu.

Għamel kull ma seta' biex iżejjen lil din id-dar. Żejjen il-passaġġi tad-dar permezz ta' ġebel irqiq imwaħħal mal-ħitan permezz tas-siment, ikkultiva ħafna qsari u għamel in-niċeċ tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Madonna u San Ġużepp. Dan kien frott ta' ħidma ta' ħafna xhur sħaħ. Ħawwel ukoll ħafna siġar fil-buskett tad-Dar ta' Manresa, ta' ewkaliptus, ċipress u prinjoli. Kien jieħu ħsieb ukoll il-*Landrover* tad-dar filwaqt li jagħmel ix-xirja ta' kuljum.

Ta' min isemmi li l-ħarġiet tiegħu kienu biss żjajjar lil tal-familja u darba fis-sena kien imur jagħmel l-irtir Dar Loyola, in-Naxxar, jew *Mount St. Joseph*, il-Mosta.

Fl-aħħar għaxar snin saħħtu bdiet tmajna iżda Br. Indrija ma kienx jaf joqgħod idejh fuq żaqqu. Kompla jgħin biex ikabbar u jsebbaħ il-ġnien. Fl-aħħar erba' snin spiċċa fuq siġġu tar-roti iżda ġarrab id-diżabbiltà tiegħu b'rassenjazzjoni kbira. Ġimgħa qabel ma miet ħassu ma jiflaħx u t-tabib ordnalu biex jidħol l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Għadda għall-eternità fit-28 ta' Ottubru 2001 f'dan l-isptar, jumejn biss qabel il-festa ta' San Alfonz Rodriguez li kif għedna qabel huwa l-patrun tal-Brothers Ġiżwiti.

Il-funeral sar fil-knisja parrokkjali tal-Qala u ċ-ċelebrant ewlieni kien l-Isqof ta' Għawdex ta' dakinhar, Mons. Nikol Ġ. Cauchi, flimkien ma' 22 konċelebrant. L-Isqof fil-prietka qal: "Jien lil Br. Indrì Cassar nafu bħala reliġjuż li ħabb ħafna u għex bis-sħiħ il-vokazzjoni tiegħu ta' Brother Ġiżwita u kien reliġjuż ta' ħajja eżemplari. Kulmeta aħna s-saċerdoti konna ningabru ta' kull sena għall-irtir f'Dar Manresa, Br. Indrì Cassar nafu bħala reliġjuż fidil li dejjem qdiena bl-ikbar imħabba f'kulma konna neħtieġu sew jekk fil-kċina sew jekk fir-refettorju."

Br. Indrija ġie midfun fiċ-Ċimiterju tan-Naxxar.

*(Dan l-artiklu huwa bbażat fuq l-artiklu ta' Fr. Ġiġi Camilleri, "Br. Indrì Cassar", li deher fir-rivista "Lil Ħbiebna" fil-ħarġa ta' Diċembru 2001 u fuq is-Santa tal-mewt tiegħu).*

**Angelo Xuereb**

*Għawdex Online (28)*



# *Il-Kuluri Vera ta' Għawdex*



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE,** sfelicep@go.net.mt

Għalija r ritratt huwa minnu nnifsu miraklu. Bla dubju ta'xejn li r ritratt għadda minn rivoluzzjoni kbira bl iżviluppi kbar li saru fit-teknoloġija, speċjalment fl-aħħar snin bl-użu tal-*mobiles*, bil-faċilità ta' ritratti instantanji u bl-użu tal-internet.

Illum ma tidħolx f'websajt dwar lokalitajiet jew avvenimenti li ma ssibx gallerija ta' ritratti. Waħda mill-galleriji li tassew juru s-sbuħija fotoġenika ta' Għawdex tinsab fil-websajt tal-Ministeru għal Għawdex bl-indirizz *www.gozo.gov.mt*. Taqsima tal-websajt ġġib l-isem 'Skopri l-kuluri vera ta' Għawdex'. Naqbel ħafna mal-idea ta' kuluri, għax Għawdex bil-kultura tiegħu, bit-topografija tiegħu, speċjalment f'dan iż-żmien tas-sena, bl-arkitettura tiegħu u bil-karattru tiegħu jirrappreżenta qawsalla ta' kuluri varji ħafna. Il-gallerija tikkonsisti f'215 il-ritratt bil-kulur.

Ħa nsemmi dak li nnutajt dwar kif dawn ir-ritratti jippruvaw inxenqu l-viżitatur biex jesplora aktar. Ir-ritratti mhumiex organizzati f'taqsimiet iżda huma mħallta. Hija din it-taħlita li twassal biex int u jien inkunu aktar kurjużi dwar Għawdex. Smajt ħafna kummentaturi fil-passat jgħidu fi programmi dwar Malta fuq it-televiżjoni Ingliż kif żjara f'Għawdex tħallik b'kurżita li tara iżjed. Niftakar lis-Sinjura Anne Monserrat tgħid f'wieħed minn dawn il-programmi li l-Għawdxin joħorġu bil-lejl u jżidu xi ħaġa ġdida!

Ir-ritratti f'din is-sit jipproġettaw l-artiġanat fil-forom kollha tiegħu bħax-xogħol tal-bizzilla, fil-ġebel, fl-injam u l-ħadid. Hemm ritratti dwar ikel tipikament Għawdxi, b'vażuni tas-salmura, fran u l-produzzjoni tal-melħ. Oħrajn dwar l-arkitettura rikka fil-ġebel b'galleriji antiki, bi sqaqien uniċi u toroq bil-galleriji tradizzjonali tal-injam. Knejjes u kappelli fil-kampanja li juru l-kapaċità tal-bennej Għawdxi matul is-sekli u fl-istess ħin iwasslu l-messaġġ li din hija gżira mgħarrqa fir-reliġjon Kristjana.



Il-veduti tal-baħar li jsaħħru, speċjalment dawk fl-inħawi tad-Dwejra u x-Xlendi u dawk tal-bajja tar-Ramla. Il-ħajja ta' kuljum f'Għawdex bil-ġabra ta' tlieta jew erba' rġiel anzjani fuq bank fil-pjazza. U meta Għawdex jiċċelebra l-festi tiegħu. Idħlu fis-sit u gawdu s-sbuħija ta' Għawdex u għidu grazzi lir-ritratt.



TIEQA FUQ L-AMBJENT (27)

# L-iSpanjulett



*(Dan huwa s-sbatax-il artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA



*Spanjulett raġel*

L-i**Spanjulett** ipassi minn fuq pajjiżna kemm fir-rebbiegħa, meta l-għasafar ikunu telgħin lejn l-Ewropa, kif ukoll fil-ħarifa meta jkunu neżlin lejn l-Afrika. Numru żgħir iqatta' wkoll ix-xhur tax-xitwa fil-kampanja Għawdxija fejn wieħed spiss jarah jissaqqar, kull tant wieqaf fuq ir-riħ, igħarrex fl-għelieqi ta' taħtu għal xi far jew ġurdien, u jinżel fuqu b'ħeffa kbira.

L-i**Spanjulett**, jew kif inhu magħruf ukoll bħala **Seqer Aħmar**, huwa fost l-aktar komuni mit-tajr tal-priża li naraw f'pajjiżna. **It-tajr tal-priża** huma għasafar li jgħixu billi jaqbdu ħlejjaq oħra għall-ikel, ġeneralment mammiferi, rettili, speċi t'għasafar oħrajn, kif ukoll insetti kbar. Għandhom titjira ħafifa u b'saħħitha, vista tajba ħafna li biha kapaċi jiffukaw mill-bogħod, munqar b'saħħtu milwi l-isfel forma ta' ganċ, u saqajn bi dwiefer b'saħħithom, bil-ponta kemxejn milwija. Dawn il-fattizzi kollha jgħinuhom biex ikunu superjuri fuq ħlejjaq oħra u biex bihom, b'ħila kbira, jaqbdu l-priża biex jgħixu. **L-ajkli**, l-**astuni**, l-**kuċċard**, il-**bagħadan**, il-**falkuni**, l-**bisien**, l-**isqra**, l-**ispanjuletti**, l-**isparvieri**, iż-**żumbrelli** u l-**Arpa** huma kollha tajr tal-priża.

L-i**Spanjulett** fih tul ta' minn 31 sa 37 ċentimetru u l-fetħa ta' ġwinħajh fiha minn 68 sa 78 ċentimetru. Ir-raġel u l-mara għalkemm jixxiebħu fl-għamla, għandhom kuluri kemxejn differenti. Ir-raġel kannella ħamrani minn fuq, b'tikek skuri,. Rasu griża fl-ikħal u l-pinen ta' ġwinħajh suwed. Denbu kemxejn tawwali, griż kaħlani bi strixxa sewda fit-tarf. Sidru u żaqqu lewn il-krema b'daqqiet skuri rqaq. Il-mara għandha rasha u denbha kannella ħamranin u fuq daharha u denbha għandha strixxi rqaq skuri.

Ibejjet ġeneralment minn April sa Lulju. Il-mara tbid minn tlieta sa erba bajdiet, xi drabi anke sa sitta, fuq ftit rix ,ħuxlief u zkuk irqaq, f'xaqq wiesa' jew toqba kbira f'xi sies fejn ma tintlaħaqx. Il-bajd ikun kulur il-krema skur bi dbabar kannella skuri fl-aħmar, u jfaqqsu wara xi erba' ġimgħat. Meta jfaqqsu l-frieħ ikunu miksija b'rix fin abjad qisu tajjar. Fi żmien li jqattgħu fil-bejta dan jinbidel f'rix normali u meta jtajru, madwar erba' ġimgħat oħra, jkunu jixbħu lill ommhom.

L-i**Spanjulett** għandu ismijiet vernakulari oħrajn bil-Malti, bħal **Seqer mill-Ħomor** jew **Sperwiel**. Dari fix-Xagħra kien magħruf minn x'uħud bħala **Spluvier**. L-isem xjentifiku tiegħu huwa ***Falco tinnunculus***. Il-kelma *falco* ġejja mill-Latin *falx* (ġenittiv *falcis*) li tfisser minġel, x'aktarx minħabba il-munqar jew id-dwiefer li għandhom għamla ta' minġel. Il-kelma l-oħra *tinnunculus* tfisser tip ta' spanjulett, imsemmi hekk minn mir-Ruman Pliny fil-ktieb numru X, iddedikat lill-għasafar, fis-sensiela ta' volume antiki "Storja Naturali". *Tinnunculus* x'aktarx ġejja mill-Latin *tinnulus* li tfisser ħoss ta' twerżieq,



*Spanjulett ferħ li għadu kif tajjar - Ta' Ċenċ*



*Frieħ ta' Spanjulett għadhom kif tajru mill-bejta*

b'riferenza għall-għajta tiegħu.

F'Għawdex l-i**Spanjulett** ibejjet f'xi sies jew f'xi barriera mwarrba. Fl-Imgħoddi ġieli bejjet fi swar. F'dawn l-aħħar tlett snin bejjet f'Wied Ħanżira u f'Ta' Ċenċ. F'Għawdex għandu kemm postijiet b'ħabitat tajjeb fejn ibejjet kif ukoll ikel kemm irid. Minna jonqos li ma jbejjitx regulari u f'numru akbar.

L-i**Spanjulett**, bħal kull speċi tat-tajr tal-priża, ilu mħares bil-liġi sa mill-1980. Iżda sfortunatament għad fadal xi kaċċaturi, speċjalment żgħażagħ, li m'għandhomx rispett, la lejn il-liġijiet tal-kaċċa u lanqas lejn l-għasafar ħajjin fil-kampanja. Il-ftit pari ta' l-i**Spanjulett** li jibqgħu magħna u jippruvaw ibejtu jispiċċaw vittmi ta' kaċċa illegali. F'dawn l-aħħar tlett snin par jew tnejn irnexxielhom ibejtu f'Għawdex u jtajru l-frieħ. Li kieku ħadd ma jispara



*Is-Sisien għoljin Ta' Ċenċ fejn ġieli jbejjet l-ispanjulett*

fuqhom ikun hawn iżjed pari ta' l-iSpanjulett li jbejtu f'din il-gżira u dawn ikunu ta' benefiċċju kbir, għax l-ikel tagħhom jikkonsisti l-iżjed fi ġrieden u firien, li jagħmlu ħafna ħsara fir-raba'.

# AVVIŻ IMPORTANTI

Jekk għadek ma ġeddidtx l-abbonament tiegħek għas-sena 2011, titlifx aktar żmien... Ibgħat €10 illum lill-Amministratur "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Victoria, Għawdex

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Book your wedding with CVC...
because we are different !
Digital Photography · Guest Book
Traditional Album · Digital Wedding Album
Broadcast Video Production
CVC
citadel video communications
audiovisual productions
www.gozotv.com
BY THE BASTION ROAD, VICTORIA GOZO MALTA
TEL: 21 551 936 - 27 551 936



# APPREZZAMENT (1)

## Kan. Anton Buttigieg
### 1921 - 2011



Nhar il-Ħadd, 16 ta' Jannar 2011, wara diversi xhur irtirat fid-dar tiegħu, imdawwar b'għożża u mħabba kbira minn neputijiet u pro neputijiet tiegħu, Il-Kanonku Dun Anton Buttigieg, Dekan mhux biss tal-Kolleġġjata tan-Nadur, imma dekan tas-Saċerdoti sħabu, għax proprju nhar is-Sibt, 15 ta' Jannar 2011, lejlet it-tluq tiegħu lejn l-Eternitá laħaq l-eta' ta' 90 sena, erbgħa u sittin minnhom bħala Saċerdot, ħalla dan il-wied tad-dmugħ, biex għal dejjem jingħaqad mal-Mulej li sejjaħlu biex jimxi warajh bħala Saċerdot fil-għalqa Tiegħu, il-Knisja.

Il-Kanoniku Dun Anton Buttigieg, sa minn ċkunitu, żamm l-għeruq tiegħu fil-valuri nsara li twieled u trabba fihom fi ħdan il-familja tiegħu, u kompla jissoda fihom fil-formazzjoni tiegħu fis-Seminarju Djoċesan, prinċipji u valuri nsara li baqgħu jiddistingwuh tul ħajtu kollha.

Kien dak is-Saċerdot iddedikat 'l Alla u lill-Knisja, li ma kienx joqgħod jikkalkula x'jaqbel jew ma jaqbilx lilu, imma sakemm wasal għall-età tax-xjuħija, xeħet lilu nnifsu għas-servizz tal-Knisja. Għadni narah fil-konfessjunarju tiegħu, fis-Sibtijiet, lejliet u nhar l-ewwel Ġimgħat tax-xahar, għal ħin twil, jisma' u jaħfer id-dnubiet, jikkonsla tant erwieħ li kienu jersqu għandu, u jagħti l-pariri.

Bħala nisrani, u izjed minn hekk, bħala Saċerdot, Dun Anton kien dejjem lest biex jgħix u jiddefendi t-tagħlim tal-Knisja. Qalbu dejjem miftuħa għal dawk li mimli esperjenza, kienu jitolbuh xi parir. Kien hemm għal kulħadd. Min jaf kemm sigħat qattajna ma' xulxin, fil-kumpanija ta' saċerdoti, kbar u żgħar mill-parroċċa tagħna, nitgħallmu mill-esperjenza tal-ħajja twila saċerdotali tiegħu. Kien bniedem intelliġenti, jaqra u jsegwi dak kollu li jkun għaddej fil-Knisja u fid-dinja.

Dun Anton twieled fil-15 ta' Jannar 1921 fi ħdan familja numeruża ta' mhux inqas minn tmien ulied. Kif kien jirrakkonta hu stess, għex it-tfulija tiegħu fil-faqar tal-gwerra. Daħal fis-Seminarju, fejn kompla tiela' tarġa waħda wara l-oħra, sakemm fil-31 ta' Mejju tas-sena 1947, flimkien ma' tliet Saċerdoti oħra wlied il-parroċċa tagħna, li kienu, il-mejtin Kanoniċi Onorarji, Dun Ġwann Mejlak u l-aħwa Dun Pietru u Dun Pawl Zerafa, ġie ordnat Saċerdot mill-E.T. Mons. Isqof Ġuzeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fil-Kolleġġjata tagħna.

Fl-ewwel erba' snin wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Dun Anton ta servizz pastorali fil-knisja tal-lokal, u bħala Direttur tal-Azzjoni Kattolika, kien ta' għajnuna kbira lill-Arċipriet il-Kan. Dun Ġuzepp Cassar, speċjalment fit-tagħlim tad-duttrina lit-tfal tal-Parroċċa. Ħa l-pussess ta' Kanonku fl-10 ta'Ġunju tas-sena 1951. Fi ħdan il-Kapitlu matul is-sittin sena li dam kanonku, l-Kanoniku Buttigieg serva lill-Kolleġġjata, l-ewwel bħala Segretarju Kapitulari għal 15-il sena sħaħ, imbagħad beda tiela', sakemm okkupa d-dinjità ta' Teżorier, Kantur u fl-aħħar, Dekan tal-istess Kapitlu.

Matul dawn is-snin kollha, avolja laħaq l-età ta' ġubilat, Dun Anton wettaq dmiru lejn il-Kolleġġjata. Dejjem kien jassisti flimkien ma' sħabu l-oħra fil-kor, jieħu sehem attiv fil-funzjonijiet kollha, u b'ċerta skrupolozità, kien jassisti għas-siegħa tal-Adorazzjoni ta' kull nhar ta' Ħamis.

Fuq kollox, Dun Anton kien bniedem ta' talb. Ta' kull fil-għaxija, anke' meta beda jħoss it-toqol tas-snin, kont tarah iterraq dejjem lejn il-knisja, biex flimkien mas-saċerdoti sħabu jingabar u jirreċitaw flimkien l-Uffizzju u r-Ruzarju, li kien jgħidu b'devozzjoni kbira. Il-Quddiesa, kienet għalih dik it-talba l-iktar għażiża tal-ġurnata.

L-għaziz ħuna fis-Saċerdozju l-Kan. Dun Anton Buttigieg, obda l-aħħar sejħa tal-Mulej, meta nhar il-Ħadd, 16 ta' Jannar 2011, fil-għaxija, sejjaħlu għal għandu, biex jagħtih il-premju tant mistħoqq għall-ħidma twila tiegħu bħala saċerdot. Is-saċerdot ma jmut qatt, il-ġid u l-opri kollha li jkun wettaq natul il-ħajja saċerdotali tiegħu jibqgħu għal dejjem. Hu mhux mejjet, imma dejjem ħaj fi' ħdan il-Mulej u fil-qalb, il-moħħ u fuq kollox it-talb ta' qrabatu u tagħna ħutu fis-Saċerdozju.

Ċerti mit-talb tiegħu għalina, aħna nwegħduh li nibqgħu niftakru fih u nitolbu għalih, sakemm ġurnata nerġgħu niltaqgħu f'Ġerusalemm tas-Sema. Nagħti l-għomor lin-neputijiet ta' Dun Anton, b'mod speċjali lil Kan. Penitenżier Karm Buttigieg u lill-familjari l-oħra tiegħu.

*Mons. Ġużeppi Cauchi*

# APPREZZAMENT (2)

## Patri Serafin Borg
### 1932 - 2011



Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar sar il-funeral ta' Patri Serafin Borg OSA, Storiku Agostinjan fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani Victoria li tmexxa mill-Provinċjal tal-Ordni fil-preżenza ta' Mons Isqof Mario Grech.

Patri Serafin twieled ix-Xewkija fit-23 ta' Awwissu 1932 u ħalla dan il-Wied tad-Dmugħ nhar t-Tlieta 8 ta Frar 2011 fl-età ta' 79 sena wara li matul dan l-aħħar żmien kien rikoverat fl-Arka f'Għajnsielem. Sa minn tfulitu wera ġibda kbira għat-tagħlim u wara l-iskola primarja għadda għas-Seminarju fejn ftit wara, fit-28 ta' Novembru 1947, ħaddan l-Ordni Agostinjan. Wara li kompla l-istudji tiegħu fil-kulleġġ ta' Sant Wistin fir-Rabat Malta, huwa ordna saċerdot fis-17 ta' Marzu 1956. F'din l-istess sena kien intbagħat għall-Missjoni fl-Afrika ta' Fuq u sentejn wara kien ġie msejjaħ lura lejn art twelidu. Kien għamel ukoll xi żmien f'Katanja.

Patri Serafin kien magħruf sew għall-imħabba li kellu lejn l-Istorja ta' dawn il-gżejjer iżda kien isib l-hena tiegħu meta jkun jaqra u jikteb dwar l-Istorja tal-Ordni Agostinjan u speċjalment dwar il-Provinċja Agostinjana Maltija. Infatti dan ir-raħeb Xewki huwa l-kittieb ta' għadd ta' artikli sbieħ u storiċi dwar reliġjużi Agostinjani Maltin u Għawdxin magħrufa. Dawn kienu dehru fil-perjodiku Agostinjan "Santa Rita", fil-Berqa, fl-Orizzont u f'Leħen is-Sewwa.

Fl-1969 Patri Serafin Borg qaleb għall-Malti mit-Taljan l-Istorja tal-Ordni Agostinjan li kien kiteb Agostinjan ieħor, l-istoriku Taljan Patri Balbino Rano u sena wara, wara ħafna tiftix u ġiri, kiteb il-ħajja tal-Beatu Stiefnu Bellesini, Kappillan Agostinjan tas-Santwarju tal-Madonna tal-Bon Kunsill f'Gennazzano. Sentejn biss wara huwa kien irnexxielu jippubblika l-ħajja ta' Patri Martinu Cullen, Agostinjan Irlandiż li huwa msejjaħ l-Appostlu tas-Suldati u l-Baħrin Ingliżi f'Malta. Bil-ħidma tiegħu ħarġu wkoll għad-dawl tal-istampa l-istorja ta' raħal twelidu, "Ix-Xewkija tul iż-Żminijiet" kif ukoll studju profond dwar il-ħajja tal-Isqof Agostinjan Giovanni Marija Camilleri li mexxa d-Djoċesi Għawdxija għal 35 sena.

Kien għal xi żmien id-Direttur tal-Perjodiku 'Santa Rita' u ħareġ fi ktieb ukoll il-ħajja tal-Battista fl-Arti, Storja u Poeżija. Tana wkoll pubblikazzjoni interessanti dwar in-niċeċ li nsibu mferrxa mat-toroq ta' raħlu u kien ukoll qrib ħafna tal-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ tant li kien ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kapitlu Ġorġjan.

*Kav. Joe M. Attard*


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE & GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

# APPREZZAMENT (3)

## Dun Manwel Spiteri

1933 - 2011



**Saċerdot-Emigrant għal 16-il sena, Kappillan fl-Awstralja, President tal-Leġjun ta' Marija f'ta' Sannat, Direttur Spiritwali tal-*Friends of Australia Association - Gozo***

Il-Fergħa Għawdxija tal-Assoċjazzjoni tal-Ħbieb tal-Awstralja (F.O.A.A.G.) tħabbar il-mewt ta' Dun Manwel Spiteri, 50 sena saċerdot, 16-il sena emigrant fl-Awstralja, 34 saċerdot f'Għawdex u tlett snin id-Direttur Spiritwali tal-F.O.A.A.G..

Dun Manwel Spiteri twieled ta' Sannat, Għawdex, nhar is-26 ta' Diċembru 1933. Attenda l-iskola primarja ta' Sannat, minn hemm għadda għal Liċeo tar-Rabat, u fl-1953 daħal is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu', ir-Rabat, fejn kompla l-istudji sa meta ġie ordnat saċerdot fil-Katidral, nhar it-2 t'April 1960 mill-Isqof Ġużeppi Pace. Wara li sar qassis, Dun Manwel għamel sentejn is-Seminarju Minuri f'Għawdex bħala għalliem u prefett tal-interni.

F'Lulju 1962, Dun Manwel siefer għall-Awstralja fuq il-vapur 'Aurelia' bħala kappillan u *Welfare Officer* ta' l-Emigranti fuq il-vapur. Mal-Wasla tiegħu l-Awstralja, ddeċieda li jibqa' jaħdem ta' qassis f'dak il-kontinent, u fi ftit żmien, ingħaqad mal-Isqof Patrick Lyons tad-Djoċesi ta' Sale fil-lvant ta' l-Istat ta' Victoria fejn serva l-parroċċi, l-ewwel bħala viċi u mbagħad bħala kappillan. B'kollox għamel hemm 16 sena. F'Awwissu tal-1977 reġa' lura ta' Sannat, f'Għawdex minn fejn serva lid-Djoċesi fil-kapaċità tiegħu ta' saċerdot għal 34 sena oħra.

Huwa sar membru tal-F.O.A.A.G. fl-2007 u sena wara ġie appuntat id-Direttur Spiritwali tal-istess assoċjazzjoni. Propju f'Lulju li għadda, Dun Manwel Spiteri ċċelebra għeluq il-Ħamsin sena tal-ordinazzjoni tiegħu bħala qassis. Dakinhar il-President-Fundatur tal-F.O.A.A.G. Dr Raymond C. Xerri u l-Kummissarju Għoli Awstraljan għal Malta, E.T. Anne Quinane attendew għal din l-okkażjoni memorabbli.

Il-Fergħa Għawdxija tal-Ħbieb tal-Awstralja ħeġġet l-1900 Għawdxi-Awstraljan li jgħixu f'Għawdex juru r-rispett tagħhom lejn persuna li għamlet ħafna f'ħajjitha b'risq l-emigranti Maltin u Għawdxin. Il-funeral ta' Dun Manwel Spiteri sar nhar it-Tlieta, 22 ta' Frar 2011, fl-4.00pm fil-knisja ta' Santa Margerita u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita, ta' Sannat, Għawdex.

Il-Fergħa Għawdxija tal-Ħbieb tal-Awstralja ser tagħti tislima speċjali lil Dun Manwel Spiteri fl-avveniment annwali, *Queen's Birthday Event* li ser torganizza l-Assoċjazzjoni f'Ġunju li ġej.

***Dr Raymond C. XERRI***
***Il-President-Fundatur tal-Friends of Australia Association - Gozo***

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

A Whole New Look
***Sharmain's Styling Salon***
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# *Jason Vassallo jiddefendi b'suċċess il-Gozo Snooker Cup 2011*

Reġa' kien Jason Vassallo li għal ħames sena konsekuttiva għolla 'l fuq it-Tazza tal-i*Snooker* Għawdxija wara li għeleb liż-żagħżugħ internazzjonali Shaun Sultana f'finali mill-iktar eċċitanti. Fil-fatt Vassallo ħareġ rebbieħ bil-punteġġ ta' 7-5 f'finali fuq l-aħjar minn 13-il frejm. Il-finali kienet ikkontrollata minn Kevin Cassar mgħejjun minn Jason Portelli bħala *marker.*

Għal darb'oħra l-*Gozo Billiards & Snooker Club* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Leone kien il-moħħ wara l-organizzazzjoni ta' edizzjoni oħra tal-*Gozo Snooker Cup.* Din il-kompetizzjoni 2010-2011li kienet ilha għaddejja sa minn tard f'Novembru 2010 fil-każin tal-Banda Leone, rat il-parteċipazzjoni ta' aktar minn 70 plejer tas-*Snooker*, fil-parti l-kbira tagħhom Għawdxin. Ma' dawn kien hemm kemm Maltin kif ukoll barranin residenti fil-gżira Għawdxija.




Wara l-finali li kienet segwita minn għadd ta' dilettanti Maltin u Għawdxin ta' dan l-isport, saret iċ-ċerimonja tal-għoti tat-trofej lir-rebbieħa tad-diviżjonijiet kollha. Il-preżentazzjonijiet saru minn Tony Borg, Segretarju tal-Ministru għal Għawdex, Dr. Michael Caruana, President tas-Soċjetà Filarmonika Leone u minn Mario Apap, President tal-*Gozo Billiards & Snooker Club.* Apparti din ir-rebħa ta' 7-5 li wettaq Jason Vassallo fuq Shaun Sultana fid-Diviżjoni *Premier*, kienu ppremjati r-rebbieħa tad-Diviżjonijiet l-oħra fejn l-Ewwel Diviżjoni ntrebħet minn James Sultana li fil-finali għeleb 5-2 lil Daniel Bowker. It-Tieni Diviżjoni ntrebħet f'finali mill-iktar akkanita minn Joshua Zammit li għeleb bi skor strett ta' 4-3 lil Oliver Farrugia, mentri Chris Muscat rebaħ bl-iskor ta' 3-1 lil Joseph Grech għat-tielet u r-raba' post. Finalment id-Diviżjoni *Plate* ntrebħet minn Joe Pisani li għeleb 4-2 fil-finali lil Stephen Vassallo.

Din il-kompetizzjoni mifruxa fuq erba' diviżjonijiet damet għaddejja erba' xhur, fejn issa tagħmel il-wisa' għall-Kampjonati tal-*Billiards* u tal-i*Snooker* 2011. Dan il-logħob qed isir ta' kuljum bil-logħob ta' dan l-istaġun mistenni li jiġi fi tmiem tiegħu f'Ġunju fl-istess Teatru Aurora.

Il-*Gozo Snooker Cup* taf il-bidu tagħha fl-1988 fejn l-ewwel rebbieħ kien Charles Bonnici. Fis-sena ta' wara din il-kompetizzjoni ntrebħet minn Raymond Sammut, imbagħad insibu lil Joe Pisani li kellu żewġ suċċessi konsekuttivi. Fl-1992 Joseph Vella ħareġ rebbieħ, bis-sena ta' wara Peter Pace jniżżel ismu fuq it-Tazza għall-ewwel darba. Joseph Vella mbagħad rebaħ tliet edizzjonijiet infila, b'Simon Vella joħroġ rebbieħ fl-1997 u 1998. Dennis Bowker rebaħ fis-sena ta' wara, biex is-sena tal-*millenium* reġgħet rat lil Joseph Vella jirbaħ dan l-unur għal ħames darba. Fl-2001 kien spiċċa rebbieħ għal darb'oħra Simon Vella, b'Joseph Farrugia jirbaħ fis-sena ta' wara. Simon Vella jirbaħ għar-raba' darba l-i*Snooker Gozo Cup* fl-2003 segwit minn Jason Vassallo li rebaħ din il-kompetizzjoni għall-ewwel darba fl-2004. Fis-sena ta' wara Peter Pace rebaħ dan l-unur għat-tieni darba biex imbagħad mill-2006 sa issa dejjem ħareġ rebbieħ Jason Vassallo għas-sitt suċċess tiegħu f'din il-kompetizzjoni biex sar l-iktar wieħed li rebaħ dan l-unur.

Intant, fil-btala pubblika tad-19 ta' Marzu 2011, il-*Gozo Billiards & Snooker Club* se jkun qiegħed jonora t-tradizzjoni annwali li jorganizza l-Kampjonat ta' ġurnata mal-*Anglo-Maltese League Club* li din is-sena jmiss lilhom jospitaw il-logħob fis-sede tagħhom fil-Belt Valletta.




# 4. L-IRXOXT U L-GĦID IL-KBIR



*April ix-xahar tar-rebħa*
*Ta' Ġesu' Kristu s-Sid*
*Li mewt qerrieda rebaħ*
*Ġab b'demmu barka u ġid.*

*April ix-xahar ta' Kristu*
*Li l-ħażen għaffeġ sħiħ*
*U bil-qawmien ġab fidwa*
*Tal-bniedem għolla l-ġieħ.*

*Fuq dnub u mewt u ħażen*
*Ġesu' dejjem rebbieħ*
*Irxoxta u qam għall-ħajja*
*Biex kulħadd jemmen fih.*

*U nhar il-Għid fil-għodu*
*L-istatwa tal-Mulej*
*Iddur mat-toroq tagħna*
*Ġesu' glorjuż, feddej!*







# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratt ta' Dun Dumink Camilleri*

## IL-KAPPELLINA TAL-ĦNIENA DIVINA FIN-NADUR



flimkien fl-imhabba

# festafamilja

fl-imhabba flimkien



flimkien fl-imhabba

## Il-Ħadd 15 ta' Mejju
## JUM DINJI TAL-FAMILJA

fl-imhabba flimkien

**Gozo Sports Complex**
**6pm - 8pm**

fl-imhabba flimkien